# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 65 – MARZU 2022

## werrej

| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 10 |
| L-Intervisti: Joseph W. Psaila u Rita Saliba | 12 |
| L-Intervisti: Mario Pace u Toni Aquilina | 17 |
| L-Intervista: Antonio Vanni | 26 |
| Oliver Friggieri: Kritiku Skular | 28 |
| Jikteb Carmel Scicluna | 29 |
| Marjeta Shatro Rrapaj. Poetessa Albaniża | 31 |
| *Ħajja u Mewt. Il-Mard u s-Saħħa* - Reċensjoni | 32 |
| Kitbiet ta' Mary Chetcuti u Therese Pace | 34 |
| Victor V. Vella dwar *Raġel bil-Għaqal* | 40 |
| Kitbiet ta' Michael Zammit u Carmen Refalo | 41 |
| *The Making of a Medic* - Reċensjoni | 46 |
| Il-Poeżiji | 48 |
| Versi lil hinn minn xtutna | 51 |
| Minn fuq l-ixkaffa | 52 |

Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**







L-2022 qed tfakkar il-ħamsin sena mill-mewt ta' Ninu Cremona (Jannar 1972). Għaldaqstant qed isiru numru ta' inizjattivi biex jitfakkar dan il-kittieb Għawdxi ewlieni. IL-PONT se jfakkar lil dan il-kittieb f'edizzjoni oħra. L-Akkademja tal-Malti tellgħet fuq is-sit elettroniku tagħha x-xogħol drammatiku tiegħu *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, addattat għal fuq ir-radju minn Victor Apap. Fost l-oħrajn, f'din il-produzzjoni jieħdu sehem l-atturi Manny Spiteri, Carmen Azzopardi, Josephine Mahoney, u Twanny Scalpello. Minbarra li kien wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum L-Akkademja tal-Malti), is-Sur Nin, kif inhu magħruf, kien ukoll poeta, prożatur, u bijografu. Wieħed jista' jisma' *Il-Fidwa tal-Bdiewa* f'din il-ħolqa: https://soundcloud.com/user-234271870/071-072a-il-fidwa-tal-bdiewa.

Sit elettroniku importanti huwa malti.mt, flimkien mar-rivista 'Riċerkaturi' tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta. F'sit bħal dan wieħed isib ġabra ta' riżorsi marbutin ma' oqsma bħad-djaletti, it-tradizzjoni orali, it-terminoloġija, il-grammatika, l-istorja tal-lingwa, u pubblikazzjonijiet bir-riċerka li ssir mill-istudenti u mil-letturi tad-Dipartiment, bi sħab ma' entitajiet oħra lokali u internazzjonali. Hawn wieħed jista' jaqra wkoll l-ewwel żewġ ħarġiet tar-rivista 'Riċerkaturi', rivista b'għadd ta' artikli bbażati fuq teżini tal-BA (Unuri) li jkunu spikkaw fil-kontribut tagħhom. IL-PONT jifraħ lill-persuni li huma wara inizjattivi siewja u interessanti ferm bħal dawn.

Wara ċ-ċerimonja tal-għoti tal-premji li ttellgħet f'Diċembru mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, kien hemm min ġibed l-attenzjoni ta' IL-PONT dwar konflitti ta' interess fi ħdan l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Huwa importanti li wieħed jaċċerta ruħu li ma jkun hemm l-ebda rabta bejn il-ġudikaturi u l-kotba li jikkompetu f'dan il-konkors nazzjonali, imma anki li r-regoli jiġu segwiti b'attenzjoni kbira.

Fuq nota differenti, laqatni dal-kliem ta' Roberto Saviano, bniedem li ilu jgħix fil-moħbi għal snin twal minħabba theddida ta' mewt minn organizzazzjonijiet kriminali. Huwa sostna hekk: "I libri sono liberazione, anche se mi trovo sempre rinchiuso. I libri sono la mia salvezza." Dan hu kliem li jfakkarni kemm f'dan iż-żmien tal-pandemija li qafel bosta nies ġewwa għal xhur sħaħ, imma anki f'bosta persuni oħra, bħall-morda u l-anzjani, li minħabba raġunijiet differenti ma jistgħux joħorġu barra. IL-PONT iħeġġeġ biex, min jista', jgħaddi ftit min ħinu matul il-jum jaqra ktieb, fost attivitajiet oħrajn; iħeġġeġ ukoll biex, min jista', jirregala ktieb lil min jinsab f'solitudni jew jiddedika ftit min ħinu biex jaqra parti minn ktieb lil min jinsab abbandunat u waħdu.

Ħadt gost ħafna ftit ġimgħat ilu nitla' sa Għawdex biex nisma' taħdita mill-Prof. Ivan Callus mid-Dipartiment tal-Ingliż fl-Università ta' Malta, bl-isem ta' "Playing Small". Tisma' kliem intellettwali bħal dan hija esperjenza unika. Tkellem dwar il-kobor li jista' jkun hemm fiċ-ċokon, imma anki ċ-ċokon f'min hu pretenzjuż. Malta teħtieġ li aktar intellettwali joħorġu barra mill-għeluq tal-uffiċċju tagħhom, ixammru l-kmiem u jitilqu ftit ir-rutina tagħhom, biex jindirizzaw mhux biss lil numru limitat ta' studenti universitarji, imma numru akbar ta' ċittadini li għal snin twal draw jisimgħu id-diskorsi iperboliċi, meżmerizzanti u mimlijin ftaħir fieragħ tal-politikanti (mhux politiċi), diskorsi li jibbalzmaw kull forma ta' ħsieb u reazzjoni kritika matura min-naħa taċ-ċittadin aljenat li dara jikkuntenta bil-loqom ta' min ma jixba' qatt jakkwista u jitħanżer dejjem iktar. Hemm bżonn li l-intellettwali, dawk vera, mhux dawk li mil-lum għal għada jilbsulek ġlekk u nuċċali tal-vista fint biex jidhru u jintogħġbu, isemmgħu iktar leħinhom, ħsibijiethom, lill-massa, liż-żgħażagħ inġenerali, biex ħsieb iċ-ċittadin jerġa' jibda jivvibra b'intensità ġdida, joħroġ mill-istat ta' apatija u indifferenza l-eluf li nsew x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin, x'inhu moralment u etikament aċċettat u mhux aċċettat, id-differenza bejn reputazzjoni nadifa u reputazzjoni maħmuġa - mhux biss dik personali imma anki nazzjonali -, id-dinjità umana, li llum tinxtara bi ftit ewro, u l-bqija. Hemm bżonn li fil-paġni tal-gazzetti, fil-programmi radjufoniċi u televiżivi naraw iktar wiċċ, nisimgħu iktar leħen u naqraw il-kitbiet ta' dawn l-intellettwali, u inqas wiċċ u leħen il-politikanti li drawna nċapċpulhom b'mod awtomatiku. Iċ-ċittadin li għad għandu kuxjenza, moħħ u qalb, għandu jwarrab l-istorbju ta' kliem il-politikant u jisma' u jħaddan minflok kliem l-intellettwali veru. Niftakru li s-soċjetà mhix magħmula biss minn numri, imma anki minn ittri, kliem, sentenzi, paragrafi u l-bqija li jfakkruna li l-ewwel u qabel kollox aħna bnedmin li għandna nirispettaw lilna nfusna, lil ta' madwarna u anki lill-ambjent li twelidna fih, inkluż pajjiżna. Dan hu ħsieb ċkejken imma li jġorr miegħu piż kbir.

**LE GĦALL-GWERRA U IVA GĦALL-PAĊI, L-GĦAQDA U R-RISPETT BEJN IL-POPLI KOLLHA**

☮ ☮ ☮

**IMUT IR-RUMANZIER WILBUR SMITH**




Wilbur Smith

Nhar it-13 ta' Novembru 2021 ħalla din id-dinja l-kittieb ta' rumanzi t'avventura Wilbur Smith, fil-belt ta' Cape Town fl-Afrika t'Isfel. Huwa kellu 88 sena. Smith twieled fl-1933 fir-Rhodesia ta' Fuq (illum iż-Zambia) f'familja Britannika, imma trabba u studja fl-Afrika t'Isfel fejn iggradwa fl-Istudji tal-Kummerċ. Intefa' jikteb full-time fl-1964, is-sena li fiha ppubblika *When the Lion Feeds*. Xi rumanzi tiegħu li għamlu suċċess kbir: *Hungry as the Sea* (1978), *River God* (1993), *Desert God* (2014), *Pharaoh* (2016). Wilbur Smith ippubblika 49 ktieb li ġew tradotti fi 30 ilsien, u biegħ mal-140 miljun kopja fid-dinja kollha. L-istejjer tiegħu ambjentahom fi gżejjer tropikali, fl-Eġittu tal-Antikità, fil-ġungli tal-Afrika, u waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Numru mdaqqas mir-rumanzi tiegħu ħadu wkoll il-forma ta' films li fihom ħadu sehem atturi u attriċi magħrufin.

**REBBIEĦ TAL-MIDALJA TAD-DEHEB 'ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI' 2021**

Il-Professur Manwel Mifsud huwa r-rebbieħ tal-midalja tad-deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' 2021. L-investitura saret f'Jum l-Akkademja tal-Malti nhar l-14 ta' Novembru mill-Eċċellenza Tiegħu George Vella, il-President ta' Malta, waqt serata fil-Palazz ta' Sant'Anton. Fost il-mistednin kien hemm l-imsieħba tal-Akkademja kif ukoll qraba u ħbieb tal-Professur Mifsud. Din l-onorifiċenza tingħata lil min ikun iddistingwa ruħu b'ħidma tul ħajtu kollha għall-ilsien Malti u għal-letteratura Maltija. Fl-1967, Mifsud kiseb il-grad ta' Baċellerat bl-Unuri fil-Malti. Kiseb id-dottorat fis-sena 2005 bi studju dwar l-element mhux-Semitiku fil-Malti. Dan l-istudju huwa mifhum biex joħloq klassifikazzjoni tipoloġika tal-verbi ta' nisel barrani, bil-ħsieb aħħari li jiffaċilita l-integrazzjoni tat-tagħlim tagħhom fis-sillabu tal-Malti f'kull livell. Bejn l-1971 u l-1978, Mifsud ħadem mal-Professur Ġużè Aquilina fuq id-dizzjunarju magħruf *Maltese-English Dictionary*. Fl-1987, huwa għallem il-Malti fl-iskejjel Sekondarji u Postsekondarji tal-Gvern. Mis-sena 2004 sal-2011, kien Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta fil-kariga ta' Lettur u Professur fejn għallem il-morfoloġija storika tal-Malti, id-dinamika tat-taħlit fl-ilsien Malti, l-istorja tal-lingwa Maltija u l-pjanifikazzjoni lingwistika. Kien membru-fundatur u Segretarju tal-Association de Dialectologie Arabe (AIDA) bejn l-1993 u l-2004. Organizza l-Kors tal-Qari fil-Provi li bejn l-2006 u l-2021 kien ukoll direttur tiegħu. Minnu s'issa ħarġu 560 qarrej tal-provi biċ-ċertifikat. Kien strumentali biex twaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti li tiegħu kien President bejn l-2005 u l-2013. Baqa' jservi fil-kunsill imsemmi sal-2019. Fost il-pubblikazzjonijiet ewlenin tal-Professur Mifsud: *Fuq l-Għatba tal-Malti — A Threshold Level Communicative Description of Maltese* (mal-Prof. Albert Borg), ippubblikat fl-1997 fi Strasburgu mill-Kunsill tal-Ewropa; u *Loan Verbs in Maltese: A Descriptive and Comparative Study*. Mifsud għen fl-iżvilupp tal-kanzunetta Maltija, b'enfasi fuq il-kwalità tal-lirika. Ħabrek biex twaqqaf il-Festival Folk tal-YTC (illum L-Għanja tal-Poplu). Bħala kantawtur, ikkompona għadd ġmielu ta' kanzunetti. Rebaħ L-Għanja tal-Poplu sitt darbiet.



Il-Prof. Manwel Mifsud

## ALFRED PALMA ONORAT MILL-ĠDID MIS-SOCIETÀ DANTE ALIGHIERI



**Alfred Palma flimkien mad-Direttur tas-SDA ta' Malta, Paul Borg Olivier**

Nhar is-16 ta' Novembru 2021 fil-Casinò Maltese, is-Società Dante Alighieri onorat lil Alfred Palma bil-Premio Dante 2021, b'ċertifikat inkwadrat u bust sabiħ ferm tal-bronz ta' Dante, magħmul mill-iskultur Taljan, Giuseppe Guerrisi. Il-motivazzjoni wara l-għotja ta' din l-onorifiċenza lil Palma kienet din: "Per il suo inestimabile contributo a tutelare e diffondere la lingua e la cultura italiana a Malta che con grande maestria e in pieno rispetto ha affrontato la traduzione meravigliosa in lingua maltese della *DIVINA COMMEDIA* di Dante Alighieri, portando l'opera del Poeta sempre più vicino alla gente".

## TISLIMA LILL-POETA OLIVER FRIGGIERI

Nhar is-17 ta' Novembru fi Spazju Kreattiv, il-Belt Valletta, sar qari u analiżi ta' xi siltiet mix-xogħlijiet tal-Prof. Oliver Friggieri minn Mario Micallef, flimkien ma' diskussjoni mal-kelliema Leanne Ellul, il-Prof. Joe Friggieri, il-Prof. Adrian Grima u Beverly Agius. Il-moderatur kien Joe Borg. Dan l-avveniment kien jifforma parti minn "Mogħdija ta' Tifkiriet | Tislima Lil Poeta", esebizzjoni li ttellgħet bejn l-4 ta' Novembru 2021 u d-9 ta' Jannar 2022 fl-Atriju u li serviet bħala kommemorazzjoni tal-Prof. Oliver Friggieri billi xeħtet dawl fuq episodji importanti f'ħajtu permezz ta' kitbietu u anki bis-saħħa ta' illustrazzjonijiet tiegħu stess li qatt ma dehru qabel u li jikxfu l-proċess ta' kif kien jaħseb u anki t-trobbija tiegħu.

## IL-MITT SENA MIT-TWELID TA' LEONARDO SCIASCIA U R-RABTA TIEGĦU MA' MALTA

Nhar it-30 ta' Novembru 2021, fl-Awla Ewlenija tal-Università ta' Malta fil-Belt Valletta, tfakkar l-ewwel ċentenarju mit-twelid tal-kittieb Sqalli Leonadro Sciascia permezz ta' konvenju intitolat "Il fascino dell'isola vicina. Leonardo Sciascia a Malta". L-avveniment ġie koordinat u introdott mid-direttriċi tal-Istituto Italiano di Cultura f'Malta, Serena Alessi. Ġew diskussa r-relazzjonijiet ta' Sciascia mal-gżejjer Maltin. Giovanni Capecchi (mill-Università per Stranieri ta' Perugia) ta kwadru ġenerali dwar ir-rapport ta' Sciascia mal-Mediterran sud-orjentali. Sandro Caruana u Sergio Portelli tkellmu dwar iż-żewġ żjarat (1965 u 1979) li l-kittieb Sqalli għamel f'Malta, b'attenzjoni mogħtija lill-preżenza ta' Malta fir-rumanz *Il Consiglio d'Egitto* u t-traduzzjoni tiegħu fl-ilsien Malti. Matul is-serata nqraw ukoll siltiet kemm bit-Taljan kif ukoll bil-Malti mill-istess rumanz, bil-għajnuna ta' Giselle Spiteri Miggiani u Mark Vella. Il-proġett tal-"Lezioni sciasciane nel mondo" huwa promoss mill-Comitato Nazionale per il Centenario di Sciascia u organizzat mill-Associazione Amici di Leonardo Sciascia u l-Università per Stranieri ta' Perugia, bil-Patroċinju tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Koperazzjoni Internazzjonali, jasal Malta bis-saħħa tal-kollaborazzjoni lokali tal-Istituto Italiano di Cultura u tal-Università ta' Malta.




**Waqtiet differenti mil-lejla ddedikata lil Leonardo Sciascia fl-ITC**

## IMFAKKAR L-GĦOXRIN ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' DOREEN MICALLEF

Nhar l-1 ta' Diċembru 2001, ħallietna l-poetessa u drammaturga Doreen Micallef. Id-Dipartiment tal-



**Doreen Micallef (1949-2001)**

Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta ħareġ bl-idea ta' proġett partikolari biex jitfakkar isem Doreen Micallef u dan b'inizjattiva ta' Dr Immanuel Mifsud, b'Luke Borg li ħa ħsieb il-produzzjoni artistika. F'kumment qasir il-Prof. Adrian Grima qal: "Doreen Micallef tassew jixirqilha dan l-għarfien u jixirqilha fuq kollox li nibqgħu naqraw ix-xogħlijiet tagħha u nitkellmu fuqhom: waqt li hi ħallietna għoxrin sena ilu, il-kitba u l-umanità tagħha jibqgħu magħna." L-erba' poeżiji li nqraw u ġew iffilmjati kienu dawn: "Qed Naqta' Ħafna Fjuri minn Qalbi," qari u kumment ta' Claudia Gauci; "Illum se npoġġik f'postok…", qari u kumment ta' Leanne Ellul; "Irrid Inkun Waħdi Biex Nibki," qari u kumment ta' Immanuel Mifsud; u "Dal-Ġranet Twal Mingħajrek… Philip", qari u kumment ta' Adrian Grima. L-erba' filmati nġibdu fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta.

## JITNIEDA L-PROĠETT "IL-ĦITAN JITKELLMU"

Fis-7 ta' Diċembru fl-Iskola Medja Tal-Ħandaq tnieda l-proġett "Il-Ħitan Jitkellmu". Fil-kuruturi tal-iskola twaħħlu tmien kartelluni infografiċi marbuta ma' lsienna li komplew jagħtu ġieħ lill-Malti f'din l-iskola. It-temi magħżula għal dawn il-ħitan kienu: il-personaġġi Maltin, il-leġġendi Maltin, espressjonijiet idjomatiċi marbuta mal-ġisem, l-ortografija, il-proċess tal-kitba, it-termini letterarji, u l-metrika. Għamlu d-diskorsi tagħhom il-Kap tal-Iskola Dr M. Montebello, il-President tal-Għaqda tal-Malti – Università, is-Sur Keith Attard, id-Direttur is-Sur G. Grixti, u l-Prinċipal Dr D. Said Pace. Ippreżentat ukoll id-diskors tagħha l-Onor. Ministru Justyne Caruana. Hi faħħret inizjattivi edukattivi bħal dawn u saħqet fuq il-bżonn li jsiru aktar xogħlijiet innovattivi fl-iskejjel Maltin u Għawdxin. Lejn l-aħħar kulħadd kien mistieden jitla' jara l-ħitan, waqt li l-istudenti tal-iskola spjegaw il-kontenut rispettiv lill-Onor. Ministru Caruana. Fl-aħħar tat-tnedija nkixfet il-plakka kommemorattiva mill-Ministru Caruana stess. Dan il-proġett sar f'kollaborazzjoni bejn l-Iskola Medja tal-Ħandaq u l-Għaqda tal-Malti – Università. Ħajr speċjali jmur ukoll lis-Sur Fabio Borg tad-disinn tal-kartelluni, lil Prof. Ġorġ Mallia tal-illustrazzjonijiet tal-personaġġi Maltin, lis-Sur Joseph Mizzi tal-Klabb Kotba Maltin talli ta permess biex jintużaw il-qxur tal-kotba bi 28 leġġenda Maltija, u lis-Sur Alan Saliba u lis-Sur Keith Attard talli kkordinaw dan il-proġett.




## JITĦABBRU R-REBBIEĦA TAL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB 2021

Nhar l-10 ta' Diċembru tħabbru r-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2021 waqt ċerimonja ġewwa l-Berġa ta' Kastilja taħt il-patroċinju tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, li attenda għaliha is-Segretarju Permanenti għall-Ministeru tal-Edukazzjoni, Dr Francis Fabri. Il-kotba rebbieħa ntgħażlu minn bord ta' aġġudikazzjoni indipendenti minn lista ta' finalisti li għaddet 46 ktieb, kollha ppubblikati s-sena ta' qabel u mifruxa fi tmien kategoriji kompetittivi. Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-kategorija tar-rumanzi mar għand Gioele Galea għall-ktieb *In-Nar Għandu Isem: Noti minn Paġna Intima* (Horizons). Ir-rebbieħa l-oħra huma: Lara Calleja bil-ktieb *Kissirtu Kullimkien* (Merlin Publishers) fil-kategorija tan-novelli, Carmel Scicluna

li rebaħ il-kategorija tal-poeżija bil-ktieb *L-Ambjent li Qeridna: Poeżiji (2017-2020)* (Horizons), Immanuel Mifsud u Toni Sant li flimkien kitbu l-ktieb rebbieħ fil-kategorija tal-letteratura mhux fittizja, *Jien - Noti - Jien: Ħsejjes u Stejjer* (Klabb Kotba Maltin), u Paul Zahra li rebaħ il-kategorija tat-traduzzjonijiet bil-ktieb *Mix-Xaqliba ta' Dar Swann – Ismijiet ta' Pajjiżi: L-Isem* (Awtoppubblikat), oriġinarjament ta' Marcel Proust. Imbagħad il-premju għall-kategorija tar-riċerka ġenerali mar għand Giuseppe Schembri Bonaci għal *The Beheading of Ignez: Katabasis, Ezra Pound and Three Maltese Artists* (Horizons), il-kategorija tar-riċerka bijografika u storjografika ntrebħet minn Martin Micallef, l-editur ta' *Crux Invicta: Il-Kurċifiss Mirakuluż u l-Kapuċċini f'Għawdex* (Midsea Books), u l-Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra mar għand Midsea Books għall-pubblikazzjoni tal-ktieb *The Addolorata Cemetery.* Il-Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti mar għand Stephen Lughermo, l-awtur ta' rumanzi għaż-żgħażagħ, għat-tfal, u tal-ġabra ta' novelli *Ċelel Bla Ħitan* (Horizons, 2020). U f'ġieħ karriera twila bħala poetessa u kittieba ta' rumanzi, il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura mar għand Rena Balzan.

### TMUT L-AWTRIĊI U ATTIVISTA BELL HOOKS



**Bell hooks (1952-2021)**

Nhar il-15 ta' Diċembru 2021 mietet l-awtriċi, professur u attivista, Gloria Jean Watkins, magħrufa bħala bell hooks (isem il-bużbużnanna materna tagħna), fl-età ta' 69 sena. Hija twieldet f'Hopkinsville, Kentucky, fil-25 ta' Settembru tal-1952, u matul ħajjitha ppubblikat iktar minn 30 ktieb li ttrattaw suġġetti bħar-razziżmu, il-femminiżmu, l-imħabba u l-kapitaliżmu. Għallmet fl-Università ta' Yale u fis-City College ta' New York. L-ewwel ktieb importanti tagħha kien *Ain't I a Woman?* li ħareġ fl-1981, ikkunsidrat bħala test femminista ewlieni. Xogħlijiet importanti oħra tagħha huma *Feminist Theory: From Margin to Center* (1984), *Teaching to transgress: education as the practice of freedom* (1994), *Feminism is for everybody: passionate politics (2000),* u *We Real Cool: Black Men and Masculinity* (2004). Kienet temmen li xogħolha kellu jservi bħala mod ta' fejqan u kienet tħoss sodisfazzjoni kbir kull meta kienet tirċievi mingħand nies li ma tafx li x-xogħol tagħha serva biex jibdlilhom ħajjithom. Emmnet ukoll fit-tagħlim li jwassal għat-trasgressjoni ladarba dan hu moviment kontra u lil hinn mill-fruntieri, u jwassal għall-ħsieb u l-ħolqien ta' viżjonijiet ġodda. Hawn l-edukazzjoni tinftiehem bħala l-prattika tal-libertà. Kitbet ukoll kotba għat-tfal.

### STĦARRIĠ NAZZJONALI FUQ IL-QAGĦDA TAL-ILSIEN MALTI

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università għamlu stħarriġ bi sħab mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fuq l-użu tal-Malti u l-Ingliż f'sitwazzjonijiet soċjali differenti. L-istħarriġ sar f'Novembru u f'Diċembru 2020 fuq kampjun ta' 1,025 ruħ ta' bejn 18 u 80 sena li għandhom iċ-ċittadinanza Maltija. Ir-riżultati jindikaw li 97% tal-parteċipanti jqisu l-Malti bħala l-ewwel lingwa u juru ċar li f'Malta, pajjiż bilingwi espost ħafna għall-Ingliż, b'mod speċjali fil-kummerċ, fit-tagħlim, fil-komunikazzjoni u fil-ħajja ta' kuljum, il-Malti hu b'saħħtu ħafna anki fost iż-żgħażagħ.

### LAQGĦA VIRTWALI MINN ESPRIMI



Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Jannar 2022 EspRimi organizzat laqgħa virtwali bl-isem ta' 'Esprimi ruħek'. Fiha ħadu sehem dawn il-membri: Charles Mifsud, Paola Mara De Maestri, Sarah Crystal, Alfred Camilleri, Daniela Tanti, Ronald Cuschieri, Joseph Felix Cachia, Mario Debono, Emmanuel Attard Cassar, Salv Sammut u Joe M. Attard. Il-video tas-serata jista' jiġi segwit permezz tal-ħolqa: https://www.facebook.com/AssocjazzjoniEspRimi/videos/1609082806111975

**DELEGAZZJONI MILL-AKKADEMJA TAL-MALTI ŻŻUR GĦAWDEX**

Nhar il-Ġimgħa 14 ta’ Jannar 2022, id-diriġenza tad-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex laqgħet fl-Uffiċċju Ġenerali tal-istess Direttorat delegazzjoni mill-Kumitat tal-Akkademja tal-Malti. Kienet laqgħa kordjali li fiha ntlaħaq ftehim dwar kollaborazzjoni bejn it-tnejn b'risq l-Ilsien Malti u l-letteratura Maltija. Saret diskussjoni kemm dwar proġetti u anke attivitajiet. Wara tpoġġew kuruni u fjuri fuq l-oqbra ta' kittieba u poeti Għawdxin, kemm fil-Katidral ta' Għawdex u anke fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija fix-Xewkija. Id-delegazzjoni kienet magħmula minn Joe Borg (Segretarju), Phyllis Debono (Teżoriera), Dr Manwel Schembri, u Doris Zammit (Membri). Ingħaqad magħhom Charles Bezzina, ir-rappreżentant tal-Akkademja għal Għawdex.



**Il-membri tad-delegazzjoni f’Għawdex**

**LEJN TNISSIL TA’ LISTA TA’ TERMINI TEKNIĊI TEATRALI**

Nhar It-Tnejn 17 ta’ Jannar 2022, Dr Marco Galea għamel taħdita bl-isem ta' “Lejn Tnissil ta’ Lista ta’ Termini Tekniċi Teatrali”. Is-sit magħżul kien il-Librerija tal-Fakultà tal-Arti fl-Università ta’ Malta u t-taħdita ntweriet diretta fuq Zoom u Facebook. Kienet parti mis-sensiela fuq It-Tradizzjoni Orali mmexxija mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università u kienet miftuħa għal kulħadd. Dan il-proġett qed isir bl-għajnuna tal-Fondi ta’ Riċerka tal-Università ta’ Malta u l-Klabb Kotba Maltin. Il-prattika teatrali f’pajjiżna, b’mod ġenerali ħafna, żviluppat b’għajn waħda lejn il-ġara tagħna, omm il-poeżija, u l-oħra, lejn l-art ta’ Shakespeare. Dan huwa rifless mhux biss fl-istil tax-xogħlijiet li ttellgħu u għadhom jittellgħu fit-teatri tagħna, imma wkoll fit-terminoloġija li nużaw biex nitkellmu dwar din il-prattika. Fuq naħa għandna t-tradizzjoni tat-teatru popolari Taljan li bejn is-sekli dsatax u għoxrin welldet it-teatru popolari tagħna, imma ħalliet iż-żokra mwaħħla. Għax waqt li l-lingwa Maltija nstemgħet bħal bikja ta’ tarbija fit-teatri u t-teatrini improvizzati tagħna, meta t-testi tniżżlu fuq il-karta u ġew stampati, aktarx li d-didaskaliji baqgħu bit-Taljan. Għalhekk, il-kelma stampata ftit toffrilna għajnuna. B’mod jixtiebah, it-tradizzjoni Ingliża aktarx għaddiet minn fuq dak li sabet qabilha u għaffġet dak li seta’ nibet qabel. F’din is-sitwazzjoni, il-prattikanti teatrali f’pajjiżna, bħal ħaddiema f’ħafna oqsma oħra tekniċi, huma miftuma minn terminoloġija bil-Malti li jistgħu jużaw biex jitkellmu dwar xogħolhom. L-intervent ta’ Galea f’dan kollu ma kienx li jipprovdi dan il-vokabolarju, imma li jiddiskuti mal-udjenza metodu jew metodi biex dan il-vokabolarju jinħoloq, b’ħarsa lura lejn ix-xquq tal-istorja b’ħarsa ’l quddiem lejn dak li jista’ jgħinna. Dr Marco Galea huwa kap tad-dipartiment tal-Istudji Teatrali u direttur tar-riċerka fl-Iskola tal-Arti Performattiva fl-Università ta’ Malta, fejn jikkordina wkoll ix-xogħol fuq arkivju diġitali tal-arti performattiva f’Malta. Ir-riċerka tiegħu tinkludi suġġetti bħat-teatru f’Malta, it-teatru postkolonjali u t-teatru amatorjali.



**Dr Marco Galea**

**KLIEM KATALAN FIL-MALTI**

Nhar it-18 ta’ Jannar 2022, Simon Salafia ddiskuta l-possibilità ta’ kliem Malti li għandu jew jista’ jkollu nisel Katalan jew xi forma ta’ influwenza Katalana fil-binja tiegħu. Ingħata wkoll sfond storiku dwar il-perjodu medjevali qabel il-wasla tal-Kavallieri, kif

ukoll xi toponimi li huma bil-Katalan. Ingħataw xi kliem, li skont il-kelliem huma ta' nisel Katalan wara li kienu spjegati l-kriterji biex wieħed jista' jikkunsidra jew jiddetermina jekk kelma għandhiex nisel Katalan jew le. Wara, kien hemm ħin għall-mistoqsijiet jew kummenti. Simon Salafia, studja fl-iskola tal-Gvern tar-Rabat u fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi. Huwa kompla l-istudji tiegħu fl-Università ta' Malta fejn iggradwa fl-Inġinerija Elettrika u studja l-Ispanjol fejn kiseb iċ-ċertifikat ta' proficjenza mogħti mill-Università ta' Salamanca. Għallem l-Ispanjol fiċ-ċentru kulturali Spanjol-Malti, fl-iskejjel tal-Gvern, u fl-Università ta' Malta. L-interessi u l-passatempi ewlenin tiegħu huma l-ivvjaġġar, u l-Istorja u l-kultura Maltija, l-aktar il-perjodu Medjevali u t-toponomastika. Huwa wkoll gwida liċenzjat u interpretu professjonali.

## LAQGĦA ANNWALI TA' KONSULTAZZJONI MILL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Fit-22 ta' Jannar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) tella' l-Laqgħa Annwali ta' Konsultazzjoni għall-Awturi u l-Pubblikaturi, li fiha tħabbru d-dati tal-avvenimenti u inizjattivi ewlenin tiegħu għall-2022, fosthom ir-reviżjoni strateġika tad-dati tal-Festival Nazjonali tal-Ktieb u tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Il-Kunsill informa lill-imsieħba dwar il-bidliet fil-Fond Malti tal-Ktieb u l-applikazzjoni għall-ISBN/ISMN, u leħħen il-viżjoni tiegħu għat-tnax-il xahar li ġejjin. Il-pjan ta' żvilupp tal-KNK għal bejn l-2022 u l-2024 jimmira għal esperjenza ta' tkabbir mill-imsieħba tiegħu, u għal ameljorament tal-qagħda tal-ktieb Malti lokalment u lil hinn. L-objettiv tal-KNK hu li jissaħħaħ fit-trasparenza u l-qsim tal-informazzjoni dwar dak li għandu x'jaqsam mal-amministrazzjoni tal-konkorsi u l-premji, u anki fis-servizzi kollha offruti lill-imsieħba. F'dal-kuntest il-KNK se jkun qed iniedi l-Publishing Entities Survey 2021 f'ħidma mal-NSO. Bħala parti minn proċess ta' tiġdid tal-avvenimenti ewlenin tal-Kunsill, il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 se jsir eqreb lejn il-festi, jiġifieri bejn it-23 u s-27 ta' Novembru, sabiex l-industrija tkun megħjuna tikkapitalizza mill-iskonti tal-Milied. Iċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb se ssir fl-4 ta' Novembru 2022, u se tkun tinkludi kemm il-Premju Terramaxka għat-tfal u l-adolexxenti u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-adulti. Dan se jgħin sabiex jogħla l-prestiġju tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u sabiex il-promozzjoni tal-kotba rebbieħa tkun tista' ssir waqt il-Festival aktar tard. Bis-saħħa ta' għarfien tas-suq lokali tal-pubblikazzjoni, il-KNK se jkun qed iżid żewġ kategoriji tant meħtieġa fil-Fond Malti tal-Ktieb, jiġifieri fond għar-ripubblikazzjoni ta' kotba klassiċi Maltin, u ieħor li jwieżen it-traduzzjoni ta' siltiet minn ktieb sabiex jintużaw biex iqajmu interess minn pubblikaturi lokali u internazzjonali. Hemm kampanji promozzjonali u ta' marketing multimedjali fil-pjanijiet, fosthom trailers awdjoviżivi ta' kotba, inizjattiva dwar l-aħjar kotba Maltin, u poddata letterarja. L-esportazzjoni letterarja hija vitali għall-industrija tal-kotba Maltija, u l-KNK iħabrek kontinwament sabiex iqabbad awturi lokali ma' pubblikaturi barranin. Il-Kunsill kommess sabiex fl-2022 u l-2023 isaħħaħ il-kuntatti barranin li għandu u jixpruna inizjattiva sabiex titwaqqaf aġenzija letterarja u l-infrastruttura li twieżen lil awturi u pubblikaturi biex jidħlu fi swieqi tal-pubblikazzjoni barranin.

## IL-PROĠETT 'BJUDA' - IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-ARTI

BJUDA huwa proġett interdixxiplinarju u sinestetiku li jesplora dan il-kulur u l-isfumaturi tiegħu jew in-nuqqas tiegħu. Dan il-proġett jgħaqqad flimkien il-fażijiet differenti tal-ħajja – mit-tfulija sal-mewt biż-żgħożija fil-qofol – permezz tal-poeżija bilingwi, tal-fotografija u tal-mużika. It-tliet artisti ewlenin involuti fil-proġett huma Leanne Ellul, kittieba ta' għadd ta' stejjer għat-tfal u għall-kbar, u anke tal-poeżija, Giola Cassar, artista li taħdem primarjament bil-fotografija u li esebixxiet ix-xogħol tagħha kemm Malta kif ukoll barra minn Malta, u Kenneth Sacco, mużiċist u kompożitur li qed iberraħ ix-xogħol tiegħu għall-ewwel darba. Il-poeżiji ġew tradotti għall-Ingliż minn Albert Gatt. Wara xhur ta' ħidma u esplorazzjoni ta' dan il-kunċett, anke permezz ta' workshop maż-żgħażagħ, il-proġett laħaq il-qofol tiegħu f'wirja interattiva kkurata minn Elyse Tonna u ktieb f'format kemxejn differenti mis-soltu ddisinjat minn Zvezdan Reljić. Matul il-perijodu tal-wirja saru diversi attivitajiet, fosthom qari, diskussjonijiet u workshops għaż-żgħażagħ u għall-pubbliku. Il-wirja fetħet nhar id-9 ta' Frar u damet miftuħa tliet ġimgħat ġewwa l-Aġenzija Żgħażagħ, Santa Venera. Il-ktieb bix-xogħlijiet jista' jinkiseb mill-istess post. Il-wirja u l-ktieb infushom stiednu lill-udjenza sabiex ikunu parti minn din l-esperjenza ta' bjuda. Dan il-proġett kien iffinanzjat mill-Aġenzija Żgħażagħ.

**DUN ĠORĠ ŻARMAT FI KLIEM FIL-BLATA L-BAJDA**

Nhar il-11 ta' Frar 2022 Joseph Buttigieg għamel taħdita pubblika bl-isem, "Dun Ġorġ żarmat fi kliem: L-analiżi lessikali bħala għodda ta' interpretazzjoni." Din it-taħdita, li saret bi sħab bejn id-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti u s-Soċjetà tal-Mużew, kienet ibbażata fuq ir-riċerka li Buttigieg għamel għat-teżi tal-Masters tiegħu fil-Lingwistika Maltija u li tmexxiet minn Dr Michael Spagnol. It-taħdita kienet miftuħa għal kulħadd u saret fl-Awditorju tad-Dar Ġenerali tal-MUSEUM ta' Blata l-Bajda.



**ISSIR IR-RABA' "JOSEPH VELLA MEMORIAL LECTURE" FIR-RABAT GĦAWDEX**

Nhar it-18 ta' Frar 2022 il-Prof. Ivan Callus, mid-Dipartiment tal-Ingliż fi ħdan il-Fakultà tal-Arti tal-Universita ta' Malta, ta taħdita bl-isem ta' "Playing Small". Is-sit magħżul kien il-mużew Il-Ħaġar li jinsab fir-Rabat Għawdex. It-taħdita saret biex jitfakkru anniversarji differenti: ir-raba' sena mill-mewt tal-Maestro Joseph Vella, id-disa' sena tal-ftuħ tal-Mużew Il-Ħaġar, u l-25 sena tal-Victoria International Arts Festival. Callus ittratta l-kunċett ta' "Playing small, giving big" filwaqt li saħħaħ id-diskors tiegħu b'referenzi diretti għal bosta xogħlijiet letterarji ta' livell dinji. Insista wkoll kemm personalitajiet bħall-Maestro Joseph Vella u oħrajn, wild nazzjon verament ċkejken, kapaċi jemmnu u jagħtu kontribut f'qasam ħafna iktar wiesa'.



**Il-Prof. Ivan Callus**

**JITFAKKAR IL-JUM INTERNAZZJONALI TA' ILSIEN PAJJIŻI**

L-attività online organizzata minn VersAgħtini Il-Kelma Maltija (IKM) vo/50 nhar l-20 ta' Frar, kienet milqugħa tajjeb ħafna, speċjalment minn dawk li ħadu sehem għall-ewwel darba. L-iskop dejjem jibqa' dak li jitwassal fil-pubbliku l-wirt letterarju Malti b'mod mill-aktar dirett u sempliċi. Din id-darba ntagħżlu siltiet mill-pinna ta' Mikiel Abela l-Bambinu, Patri Henry Born, Anton Buttigieg, Guido Lanfranco, u E.B. Vella. Li jinħolqu ħbieb letterarji ġodda u l-perspettiva tal-ħajja li għexu missirijietna huma l-aktar aspetti li joħorġu waqt dawn il-laqgħat. Ħadet sehem il-kantawtriċi Josephine Ebejer Grech li wara li qrat il-ħrafa-poeżija tagħha (*Is-sajjied u l-ħuta ż-żgħira* ta' Patri Born), iddikjarat li bħala għalliema u ambjentalista tħoss li trid tipprotesta kontra dil-poeżija għax illum il-ħut iż-żgħir ikollna nitfgħuh lura l-baħar. Ingħatat ħarsa lejn il-ħajja tal-imgħoddi waqt li bil-kitba tal-poeti u l-awturi li m'għadhomx magħna tgawda l-wirt imprezzabbli li ħallew warajhom. Bil-ħsieb li l-grupp VersAgħtini jiltaqa' darba fix-xahar, min irid jagħti sehmu jew jingħaqad mal-eventi ġejjiena, kemm jibgħat email fuq djaletti@gmail.com

**[Ħajr lil Miriam Cassar]**



**Email mingħand Paul P. Borg, l-1 ta' Diċembru 2021**

Bonġu Patrick,

Grazzi talli ppubblikajt l-ittra bil-ħsibijiet tiegħi dwar dak l-ilsien li nitkellmu bih. Imma bħas-soltu wisq nibża' li mhux isir biżżejjed, u ħafna minna flok niċċaqalqu għall-ġid tat-taħdit b'ilsienna ma narawx il-gravità tal-marda. U l-kankru dejjem jikber.

It-tfal kollox. It-tfal u l-għalliema. It-tama tiegħi fihom. Li jkun hemm min jgħin lit-tfal jikbru jħobbu dak li hu Malti għax huma wlied ukoll ta' Malta. Il-ħsieb "Malta". Fil-Letteratura, fl-Istorja, fix-Xjenza, fil-Mużika, fl-Industrija, fl-Ambjent, fix-xogħol... f'kull qasam li fih Malta tat-sehemha. Malta ma tibqax biss il-"gżira" ċkejkna, imma ssir tassew pajjiż u stat. Għax minkejja ċ-ċokon tagħna wkoll bħala gżira Malta tat sehemha sewwa fl-iżvilupp tal-bniedem universali. Fernand Braudel kien iqis lill-Mediterran bħala Art kbira fejn iċ-ċiviltà tferrxet. Firxa "art" enormi kemm fil-qies kif ukoll fit-tagħlim matul iż-żmien.

Nies kbar Maltin għamlu lil pajjiżna reġjun importanti minn dal-baħar enormi ta' firxiet kulturali. U minn ċkunithom it-tfal irridu nuruhom b'dan, u li huma wirt dan kollu wkoll. Għalhekk ilsienhom hu imprezzabbli! Ħasra qed intajruh mar-riħ. Ħasra narawh jintilef u jġorr miegħu lil ruħna.

Sliem u grazzi mmill-ġdid
Paul  P. Borg

**Email mingħand Charles Bezzina, it-3 ta' Diċembru 2021**

Għażiż Patrick,

Grazzi tar-rivista IL-PONT.  Ħadt pjaċir naqraha u nara x'inhu għaddej fil-letteratura Maltija.  Mhux se nelabora ħafna għax dwar ir-rivista għedt qabel, u nammira l-ħeġġa tiegħek, minkejja li għandek tant x'tagħmel, billi tagħtina kull darba rivista ta' livell fuqani.

Is-sena 2022, taħbat il-50 sena mill-mewt ta' Ninu Cremona (27.5.1880 - 4.1.1972).  Kien kolonna ta' lsienna, għax mhux biss kiteb novelli, poeżiji, biografiji, esejs, storja, folklor u d-dramm storiku *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, imma tana, wara ħafna studju min-naħa tiegħu, il-prinċipji tal-ortografija Maltija. Xieraq ngħid li bħalma se nfakkruh f'Għawdex, dan il-bniedem għandu wkoll jitfakkar f'Malta, għax li għamel ma kienx għal Għawdex biss, imma għall-ġżejjer Maltin inġenerali.  Għadni nġibu fl-aħħar ta' xjuħitu, raġel qsajjar daqskemm umli, miexi bil-lajma, u b'rasu xi ftit baxxuta.  Mhux se ngħid dwaru f'dawn l-erba' kelmiet, biss min jafu jaf xi bniedem ta' intellett kien.

Grazzi u sliem.
Tislijiet,
Charles Bezzina

**Email mingħand Ġużè Cutayar, id-9 ta' Diċembru 2021**

Għażiż Patrick,

Kelmtejn ta' radd il-ħajr għal IL-PONT, rivista ta' siwi kbir (lilna Maltin tal-Imxerrda), ħolqa li tgħinna llum nibqgħu marbutin mal-ġrajja u l-mixja tal-letteratura, il-kitba Maltija.

Kemm ħassejtha l-mewta ta' Oliver Friggieri għall-istima u l-ħbiberija tiegħu għalija Malti ta' Barra, u kemm feraħ meta żamm f'idejh kopja tal-ktieb *Au Parlement, les fleurs ne poussent pas Fil-Parlament,*



*ma jikbrux fjuri* u dan xahar biss qabel ma miet. Dan il-ktieb kien wisq għal qalbu u ried li nkun jien li naqilbu għall-Franċiż (wara li kont qlibt *Stejjer għal qabel jidlam* u *Ġiżimin li qatt ma jiftaħ A Malte, histoires du crépuscule* u *Un jasmin qui jamais ne s'ouvre*). Nibqa' nafħulu lil Oliver li ħallieni nidħol u nagħti sehmi fl-għarfien tal-kitba tiegħu bil-Franċiż.

Jien u niktiblek niftakar f'missieri li fis-sempliċità tiegħu kien weġibli għax kont dejjem nistaqsih meta kont żgħir f'Tuneż: "Pà, għala daqshekk żgħira l-Gżira tagħna... dan iċ-ċokon f'baħar daqsiex?" "Ħalli Malta tkun fil-wisgħa ġo qalbek u ġġorrha kull fejn tmur."

Qed nibgħatlek f'ħemża kitba - riflessjoni li kont ħażżiżt ilu xi snin "Pà, meta mmorru Malta" u baqgħet tidwi fija u nixtieq biha nurik l-apprezzament tiegħi għal IL-PONT.

L-għaxqa tiegħi nara kemm kibret il-produzzjoni tal-ktieb bil-Malti u IL-PONT jagħtina ħjiel siewi tal-qawwa tal-kitba bil-Malti, illum. U jalla l-Malti jibqa' ħaj u sabiħ f'fomm it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna.

Xewqat, tislijiet, u saħħa,
Ġużè.

**Email mingħand Joe Axiaq, l-20 ta' Diċembru 2021**

Bonġu Patrick,

Grazzi għall-aħħar edizzjoni ta' IL-PONT. Ħadt pjaċir indurha u naqraha u napprezza d-dettall u l-paċenzja biex minbarra l-kitba, ir-rivista tolqot l-għajn ukoll. Nieħu din l-opportunità issa li kważi wasalna fl-aħħar ta' sena oħra, biex nixtieqlek il-Milied u s-sena t-tajba lilek u lill-għeżież tiegħek u jalla tkompli b'dan ix-xogħol tant importanti.

Inselli għalik u l-kumplament tal-festi t-tajba.

Tislijiet,
Joe Axiaq

**Email mingħand Frank Zammit, l-20 ta' Diċembru 2021**

Awguri għażiż ħabib tal-kotra!

Qed nindirizzak hekk għax nirrealizza kemm qiegħed tilħaq qtajjiet ta' persuni bix-xogħol fejjiedi tiegħek u dawn ma jistgħux iqisuk inqas minn ħabib sinċier li jogħġbok taqsam magħhom daqshekk kitbiet mirquma li int tiġbor u anki ssawwar għall-benefiċċju ta' kulħadd.

Fl-aħħar ħarga laqtitni l-aktar l-intervista li għamilt lil Alfred Palma - informazzjoni apprezzata ħafna. Prosit tassew! Awguri minn qalbi għall-festi li ġejjin u għas-sena l-ġdida. L-istess xewqat lill-parteċipanti u l-qarrejja kollha ta' IL-PONT.

Ħabibek Frank Zammit.

**Email mingħand Carmel G. Cauchi, l-24 ta' Jannar 2022**

Għażiż Patrick,

Nittama li tinsab tajjeb. Għandek magazine letterarju li tassew jagħmillek ġieħ bil-kontenut u r-regolarità tiegħu. Qed jimla vojt kbir kif jixhdu l-ittri tal-qarrejja u kittieba li jsibuh dejjem interessanti u varjat.

Grazzi ta' kollox u tislijiet mill-qalb.
Carmel.



**IL-PONT JINTERVISTA LIL JOSEPH W. PSAILA, AWTUR TA' KANNIBALI DEMOKRATIĊI U DRAMMI OĦRA (2021) - L-ewwel parti**

*Isem Joseph W. Psaila mhux ġdid fil-qasam letterarju lokali. Ħa nsemmi tnejn mill-aħħar pubblikazzjonijiet tiegħu:* Il-Purgatorju $360^0$ *(2014) miktub kollu kemm hu bit-terza rima ta' Dante, u* Pranzu Statali *(2018), poema mill-isbaħ li tħares lejn l-istorja ta' Malta u Għawdex matul is-sekli billi jitlaqqgħu fiha personaġġi storiċi u politiċi diversi minn epoki differenti madwar mejda waħda.*

*Din is-sena l-istess kittieb minn Għawdex qed jerġa' jagħtina ġemma letterarja varjata oħra permezz ta'* Kannibali Demokratiċi u Drammi Oħra. *F'dan il-ktieb ta' 320 paġna Psaila jagħtina ġabra ta' drammi, musicals, u oratorju finali. Huma kitbiet politiċi fis-sens wiesa' tat-terminu, għax fihom huma inklużi personaġġi minn varjetà ta' klassijiet soċjali, imma anki għax spiss jitħaddem kliem bħal "ilsir", "fidwa", "kompromess", "ġuħ", "patrijott", "Alla", "mejtin", u bosta oħrajn. Fid-Daħla huwa jikteb hekk: "Dawn il-paġni jippruvaw iressqu taħt il-lenti tliet waqtiet permezz ta' tliet taqsimiet li jħarsu lejn il-preżent, l-imgħoddi u l-ġejjieni." Fl-ewwel taqsima nsibu – l-ewwel dramm, li minnu ttieħed it-titlu tal-ġabra, itul mat-62 paġna, u jintrabat mal-preżent immedjat. It-tieni taqsima hija magħmula minn tliet drammi li jintrabtu ma' tliet epoki storiċi importanti fl-Istorja ta' Għawdex u Malta - żmien l-Ordni ta' San Ġwann, il-Franżiżi, u l-Ingliżi:* 1551 *(23 paġna, oriġinarjament musical maqsum f'disa' xeni, immużikat minn Antoine Mercieca u dirett minn George Mizzi, li ttella' fl-2016 meta ġie inawgurat ix-xogħol ta' restawrazzjoni li sar fuq iċ-Ċittadella);* 1978 *(dramm ta' 65 paġna, maqsum f'żewġ atti), u* 1921 *(dramm ta' 38 paġna, maqsum f'19-il xena). Hemm imbagħad it-tielet taqsima, li wkoll tiġbor fiha tliet xogħlijiet: il-musical* Wojtyla l-Għajta t'Alla *(50 paġna u maqsum f'żewġ atti) li ttella' fl-Oratorju Don Bosco fir-Rabat Għawdex f'Marzu tal-2019, dirett minn Saviour Cremona u mmużikat minn Antoine Mercieca; id-dramm* Il-Ħmar t'Alla *(33 paġna u 16-il xena) li kien ittella' fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, ir-Rabat Għawdex f'Novembru tal-2017, dirett minn George Mizzi; u l-oratorju* Santa Marija Il-Mara L'Hi Sbuħija *(19-il paġna, maqsum fi tliet taqsimiet), mużikalment kompost u dirett mill-Mro Antoine Mercieca, u li ttella' fil-Katidral tal-Assunta fir-Rabat Għawdex f'Awwissu tal-2018.*

*Ċert li ġabra varjata bħal din tista' tagħti gost lil bosta qarrejja u fl-istess ħin tistedinhom jirriflettu dwar elementi differenti marbutin kemm mal-ħajja Maltija inġenerali, kif ukoll dwar il-qagħda tal-bniedem fuq din id-dinja. Ma ninsewx li Joseph W. Psaila hu bniedem mgħarraf sewwa kemm mil-lat storiku u kulturali, kif ukoll dwar il-qasam tal-aħbarijiet kurrenti, u dan joħroġ ukoll mid-Daħla li kiteb għal din il-ġabra.*

**Dik bejn it-teatru u l-politika (f'sens wiesa') għandha tkun rabta obbligatorja. Dan joħroġ ċar fix-xogħlijiet tiegħek. Xi tgħid dwar dan f'pajjiż fejn li tikkritika b'mod oġġettiv il-qagħda politika tista' tfisser ir-rovina ta' min jikteb?**

Kemm hu tassew, dak li jaħsbu xi wħud ta' skola llum skaduta, li l-letteratura u l-politika ma jitħalltux? Kien hemm pereżempju fis-seklu dsatax tendenza li tqis biss ċerti suġġetti bħala "poetiċi": iż-żerniq u l-għabex, il-baħar, il-ward, l-imħabba, l-għasafar, in-nida, is-sħaba, l-ismijiet tal-lokalitajiet... u din it-tendenza tellgħet ħajt bejn il-poeti u dak li hu suġġett "politiku". X'aktarx ġara hekk għax l-arti suppost ikollha l-ġwienaħ tal-ħelsien waqt li l-politika ġġorr, ftit jew wisq, mill-ktajjen tal-jasar, tal-pika u l-għira, tal-insult, tal-ġargon bla ruħ. Iż-żmien wera li dan l-argumentar kien ereżija intimidatorja li xekklet, u forsi wkoll ħasqet il-kreattività ta' bosta.

Id-drama bħala taqsima tal-arti ma messithiex din ix-xorti ħażina għalkemm ġarrbet suriet oħra ta' ġlata

biex tisfa mliġġma mill-awtorità. Il-poeta jista' jagħżel li jfannad fil-kuxjenza tiegħu nnifsu u jintogħġob, imma wisq drabi, id-drammaturgu jeħtieġ li jkun il-kuxjenza tas-soċjetà jekk ikun irid jibqa' relevanti.

F'xi soċjetajiet, li tikteb dramm hu att soċjali. Fis-soċjetà Maltija, fejn il-ħajja personali hi sponża mxarrba għasra bir-realtà politika, il-ħsieb tal-mistoqsija tiegħek ma jistax f'xi ħin jew ieħor ma jgħaddix mill-moħħ ta' min jikteb kritika dwar il-qagħda politika. Il-kittieb jista' jkun kommess ideoloġikament – jew fanatikament, illum meta ndifnu l-ideoloġiji – ma' partit jew ieħor jew inkella jkollu l-ħila jħares lejn il-qagħda politika b'mod oġġettiv minn fuq... bħal bilbla – jekk irrid nuża similitudni tradizzjonali u romantika – jew bħal drone – jekk irrid nuża l-aħħar ġugarell ta' sindikar.

L-awtur li jintrabat ma' karru politiku, wieħed jew ieħor, ċertament mhux se jġarrab rovina, għaliex isib is-sostenn u l-appoġġ tal-partit li b'kitbietu jkun jipperċiedi – jingħata dieher fuq il-midja tal-partit, u xi loqma finanzjarja diretta jew indiretta. Ta' dan il-patronaġġ, ikun iħallas prezz bl-ilġim ta' lsienu u bit-tgħakkis tar-raġuni. Min-naħa l-oħra, awtur li jrid ikun oġġettiv dwar il-qagħda fanatika fil-politika tagħna ma jsib inkuraġġiment jew perkaċċi mill-ebda partit. L-aktar li jista' jsib minn kull naħa hi l-indifferenza li hi agħar mill-kritika demonizzanti, għax din almenu tagħraf l-eżistenza.

Biex tagħqad, imbagħad, jekk ix-xogħol letterarju jkun dramm satiriku li fih battuti b'niskata semm, jista' jiġri li ma jinstabux atturi li jkunu lesti jirreċtawhom. Il-fanatiżmu politiku għandu wkoll is-seħer li jikkondizzjona dawk il-kritiċi, bravi u bilanċjati fuq temi oħra li ma humiex politiċi. Bħalma jeżisti llum nuċċali b'żewġ lentijiet ġo l-istess frejm, waħda għall-bogħod u oħra għall-qrib, hekk il-kritiku fanatiku quddiem xogħol letterarju oġġettiv imma sarkastiku fil-konfront taż-żewġ partiti opposti, iħares b'lenti tal-gost lejn il-battuti favur il-partit tiegħu u b'lenti tal-istmellija lejn il-battuti kontra l-partit tiegħu – u jippretendi li dawn mhumiex mistħoqqa u li l-awtur ħaqqu kundanna. Kultant ukoll jista' jiġrilu, dan il-kritiku, li jifhem bil-maqlub tifħira esaġerata fl-ironija sarkastika.

Għaldaqstant il-ġudizzju ta' dan il-kritiku jkun żbilanċjat, jekk mhux ukoll inġust. Xogħol letterarju




dwar il-politika Maltija jista' jsib ruħu milqut ukoll minn din il-ġlata.

**Fid-Daħla torbot b'mod effettiv imgħoddi, preżent u ġejjieni billi ssensel flimkien lil Aristophanes, żmien l-Illuminiżmu u l-qawmien tan-Nazzjonaliżmu, imma anki żmien Donald Trump, il-post-verità u l-fake news, flimkien mal-figura tal-"attur sagru" jew transluminarju. Dan kollu hu prova li dak li tikteb mhux frott moħħ magħluq u provinċjali, imma jmur lil hinn minn dan kollu. Xi tgħid dwar dan?**

Li ssensel b'mod effettiv l-imgħoddi, il-preżent u l-ġejjieni mhix xi strateġija tqila meta tkun titkellem dwar "il-bniedem". Fil-kewn tiegħu, il-bniedem kien, hu u jibqa' l-istess. Il-ġibdiet sesswali tiegħu, il-kilba għall-poter, l-imħabbiet u t-tradimenti kienu, huma u jibqgħu. U dawn jeħtieġu, u huma minjiera ta' studji u approfondiment. Fl-aħħar mill-aħħar, "The proper study of mankind is Man I Placed on this isthmus of a middle state I A being darkly wise, and rudely great". (Alexander Pope)

Il-bniedem huwa wkoll annimal politiku, fis-sens li huwa ċittadin tal-"polis" fejn il-kultura u l-politika jgħixu f'simbjosi u jaġixxu fuq xulxin. Mhux biss għaliex l-istat, mingħajr ma jxekkel il-proċess kreattiv u l-kritika ħielsa, għandu jgħin biex jippromwovi l-

kultura u l-wirt kulturali, imma fuq kollox għax il-kultura għandha sservi ta' martell, skalpell u lima fuq il-ħajja politika b'evalwazzjoni kritika ma taqta' xejn u biex tinjetta fiha valuri li ma jħalluhiex titbaxxa u ssir vili u viljakka.

Sir William Temple kien jogħġbu jgħid li l-avvenimenti tal-Istorja jistgħu jkunu mifhuma aħjar bl-osservazzjoni tal-passjonijiet u l-burdati li jrieġu l-ħajja privata tal-personalitajiet pubbliċi. Fid-*dramatis personae* ta' *Kannibali Demokratiċi u Drammi Oħra* jinstab dan l-ingredjent. It-tliet drammi storiċi, u wkoll l-oħrajn dwar l-"attur sagru" – li għalkemm storiċi għandhom fuq kollox aspett traxxendentali - jirriflettu dan. Ipprovajt inħaddem ukoll din l-istrataġemma fil-binja tal-karattri ewlenin tal-kummiedja soċjali li tipproġetta sitwazzjoni fil-ġejjieni, u li din il-ġabra, kollha kemm hi, qed tidher bl-isem tagħha.

Bħalma qed tgħid int, il-kummiedja soċjali *Kannibali Demokratiċi* qiegħda fl-era tal-post-verità u l-*fake news*, meta m'hawn xejn li jagħti pjaċir daqs is-sindikar u t-tnemmis fuq l-oħrajn, daqs xi ministru jew xi membru parlamentari li nqabad bil-qalziet waqagħlu, u daqs l-ispjunaġġ fuq persuni miżmuma rispettabbli li jinqabdu f'xi żelqa jew għadira tajn. U mbagħad il-facebook jikxfilhom mhux biss wiċċhom, iżda ukoll għajnhom.

Imma ppermettili nerġa' niġi dwar il-kewn tal-bniedem u li ma hawn xejn ġdid taħt il-kappa tax-xemx. Illum fil-post-verità għandna l-midja diġitali li jwaddbu *emails* li jkunu *enails*. Il-mezzi tbiddlu, iżda l-inkejja tal-bniedem le. Ħalli nagħti eżempju: 'il barra mill-belt ta' Perusia, fejn fis-sena 41 QK, kienet seħħet battalja bejn il-forzi ta' Fluvia u Lucius Antonius fuq naħa, u l-forzi ta' Octavius fuq l-oħra, l-arkeoloġi sabu bulits taċ-ċomb mitfugħin mill-wadab u fuqhom miktubin messaġġi oxxeni kull wieħed qisu sms ta' żmienna, bħal pereżempju "jiena qed infittex it-taġen ta' Fluvia." U xi ħmistax-il sena qabel, Ġulju Ċesari kien tmesmes mhux ftit meta waddbulu x-xnigħa ta' *cinaede Romule* – *cinaedus* kien ir-raġel li jagħmel il-parti passiva f'relazzjoni omosesswali. Qed ngħid dan kollu biex insaħħaħ l-argument tiegħi li, kien meta kien il-perijodu storiku, in-natura tal-bniedem, xħin tinbarax minn fuqha l-qoxra, u forsi s-saff ta' taħtha, taċ-ċiviltà u l-kultura, hi dik li hi u li dejjem kienet.

**Storja universali u storja nazzjonali u l-kunċett tal-"Volksgeist", il-valuri tal-Illuminiżmu kontra dawk tan-Nazzjonaliżmu, b'xi mod jew ieħor jintrabtu mas-sitwazzjoni Maltija/Għawdxija preżenti. Kemm hu minnu dan?**

Fis-seklu tmintax, l-Illuminiżmu ċertament waqqa' ħitan ideoloġiċi u ħoloq spazji ġodda għall-ħelsien tal-ħsieb. Dak inhar l-intellettwali Franċiżi kellhom fih sehem importanti ħafna. Madankollu f'ħafna nħawi tal-Ewropa, in-nazzjonaliżmu oppona t-tixrid tal-ideat ġodda – ukoll għax l-atturi rivoluzzjonarji ma tantx f'għemilhom irreflettew il-kanoni li ppritkaw. "Kun ħija nkella noqtlok", xi ħadd għajjarhom b'riferenza għal waħda mit-tliet prinċipji bażi: libertà, ugwaljanza u fraternità.

F'dawn l-aħħar tletin sena, in-nazzjonaliżmu daħal f'tensjoni minħabba l-globalizzazzjoni. Qed nikteb din it-tweġiba għall-mistoqsija tiegħek fil-jum meta qed jitfakkar l-għoxrin anniversarju tal-mewt traġika tal-Prinċipessa Diana. Dakinhar konna ġa nitkellmu mill-"villaġġ globali" u kienet saret il-konsiderazzjoni li dik it-traġedja kienet emblematika tal-fenomenu tal-globalizzazzjoni: "Prinċipessa Ingliża ma' sieħeb Eġizzjan jikkraxxjaw f'tunnel Franċiż, f'karozza Ġermaniża b'makna Olandiża u misjuqa minn xufier Belġjan imlaħlaħ bil-wiski Skoċċiż. F'dak il-waqt dik il-karozza kienet segwita minn paparazzi Taljani fuq muturi Ġappuniżi. Fl-isptar tabib Amerikan ipprova jagħtihom għajnuna b'mediċini mill-Brażil".

Il-globalizzazzjoni toħloq sfida għall-identità nazzjonali u llum f'pajjiżna qegħdin ngħixu f'soċjetà multi-etnika, multi-kulturali u pluralista. L-immigrazzjoni, mhux biss dik irregolari iżda wkoll dik regolata, qiegħdet quddiem iċ-ċittadini tad-demokraziji tal-Punent, inkluża Malta, responsabbiltajiet min-naħa ta' għarfien tad-dinjità tal-immigrant u ta' akkoljenza, u mill-oħra ta' għajnuna lill-popli ta' soċjetajiet li baqgħu lura, biex dawn jilħqu livell ta' ġid u libertà f'arthom stess bla ma jkollhom għalfejn jinqatgħu minn għeruqhom u jissograw il-vjaġġi tat-traġedja.

Dawn l-isfidi għall-identità nazzjonali qegħdin jinħassu qawwija wkoll fostna, il-Maltin u l-Għawdxin.

**[It-tieni parti tidher f'IL-PONT ta' Ġunju 2022]**



## INTERVISTA MA' RITA SALIBA DWAR IL-KTIEB *MITT KELMA*.

**Klabb Kotba Maltin, 2020**

**X'ħajrek biex tibda tikteb ukoll f'dan l-istil?**

Kienet inizjattiva ta' Dr Ġorġ Mallia li ħajritni nibda nimraħ f'dal-ġeneru. Saret sejħa lill-awturi biex jissottomettu stejjer qosra ħafna, ta' madwar mitejn kelma għall-paġna fuq facebook, 'Għidli Mitejn'. Kien żmien li minħabba xi impenji ma kontx qed nikteb wisq u dħalt għal din l-isfida. Għedt lili nnifsi li jekk xejn dan jista' jservini ta' eżerċizzju, iżda hekk kif lestejt l-ewwel storja bdew ġejjin ideat għal stejjer oħra, li jiġru fi ftit kliem. Nista' ngħid li dan il-ġeneru ħakimni.

**Il-qosor ta' dawn il-mikro-rakkonti żgur li mhux dgħjufija jew żvantaġġ. Minflok bħal jistieden lill-qarreja għal iktar riflessjoni. Xi tgħid dwar dan?**

L-istejjer madwarna qed jiġru l-ħin kollu u malajr; aħbar taslilna fuq mobile, fil-qosor iżda xejn ma jnaqqas mill-effettività tagħha. Fi ftit kliem qed taslilna ġrajja li qed isseħħ jew seħħet, tħallina naħsbu jekk it-traġedja setgħetx tiġi evitata, jekk kienx hemm vittmi jew kemm kien hemm vittmi … Storja qasira tista' tkun b'saħħitha ħafna.

**Liema huma l-esperjenzi li tikteb l-iktar dwarhom f'dawn il-flashes narrattivi?**

Huma stejjer mill-ħajja, ta' karattri, ta' min qed ibati jew iħoss in-nuqqas ta' xi ħadd għażiż. Mhux biss imma ħafna drabi poġġejt lili nnifsi minflok ħaddieħor; ħassejt l-ansjetà ta' kieku x'nagħmel meta ninqabad f'sitwazzjoni li rrid nieħu deċiżjoni. F'oħrajn inbixt lill-qarrej biex jasal għal tmiem mod ieħor.

**Toħodna wkoll fi spazji differenti. Bħal kollha jintrabtu mal-karattri u s-sitwazzjoni li tikteb dwarhom. X'taħseb?**

Storja tista' titrawwem fl-ispazji fejn ngħixu jew fejn inqattgħu parti kbira mill-ġurnata. Minn postok tista' tiltaqa' ma' diffikultà jew sitwazzjoni mhix tas-soltu. Kull karattru se jirreaġġixxi bil-mod tiegħu fis-sitwazzjoni li jinqabad fiha. U kull karattru għandu l-kumplessità u l-umanità tiegħu. Ġieli anke aħna nissorprendu lilna nfusna meta niġu għal deċiżjoni delikata. L-istejjer iġegħluna nnemmsu f'ħajjet ħaddieħor iżda ħafna drabi nkunu qed naqraw l-istorja tagħna stess.

**Dawn ir-rakkonti qosra huma kollha marbutin mar-realtà jew hemm uħud li huma frott il-ħolm u l-fantasija?**

Ħafna minn dawn l-istejjer huma xprunati minn ideat li jolqtuni f'ħakka t'għajn, ftit huma bbażati fuq realtajiet li qed niltaqgħu magħhom u parti kbira huma frott l-immaġinazzjoni.

**Għal min huma mmirati kitbiet bħal dawn, u għaliex mhux in-novella jew ir-rumanz?**

Nazzarda ngħid li huma rakkonti għal min ma jħobbx jaqra jew min m'għandux ħin jaqra kitba fit-tul.

**Hemm min jaħseb li l-kitba tal-mikro-rakkont hi faċli. Kif tirreaġixxi għal dan?**

Il-mikrorakkont mhu xejn faċli. Trid twassal ġrajja fi ftit kliem, tirrakkonta storja kompluta billi tekonomizza; tagħżel il-kliem u kull kelma għandha postha, xejn nieqes u xejn żejjed. Fl-istess ħin xorta użajt espressjonijiet idjomatiċi għax inħoss li lill-qarrej għandi nirrispettah. M'iniex qed ngħaddilu fatt iżda ġrajja rakkontata … fil-qosor.

**Inti tikteb ukoll minn punti di vista differenti. Liema huma dawn u għaliex tagħmel dan?**

Naħseb li kull min jikteb josserva ħafna; kif iġibu ruħhom ta' madwaru. Ippruvajt nidħol fiż-żarbun ta' ħaddieħor - ta' kieku x'nagħmel, kif inġib ruħi ma' karattru ieħor li forsi ma tantx naqbel miegħu. Meta




nikteb b'vuċi ta' ħaddieħor nesperjenza ċerta libertà, li qed nidħol ġo storja li mhix tiegħi iżda li qed ingawdi minnha xorta waħda.

**Huma wkoll kitbiet bi tmiem sospiż jew li jħalli lill-qarrej jħewden. Jistgħu jkunu dawn bidu għal kitbiet ħafna itwal, jew stedina biex anki l-qarrejja joħolqu ir-rakkonti oriġinali tagħhom?**

Ħafna stejjer għandhom tmiem miftuħ għall-possibiltajiet. Inħobb ninbex lill-qarrej, inħallih jasal għall-konklużjonijiet tiegħu jew jibni l-karattru 'tiegħu', iva. Jien stess bħala qarrejja nħobb nibqa' nhewden fuq xi ktieb li qrajt, infittex tmiem ieħor u nistaqsi li kieku… Dawn il-mikrostejjer ma niktibhomx bl-iskop li jwassluni biex nikteb storja itwal. Inkun diġà ddeċidejt u ppjanajajt li se nikteb storja fil-qosor u nagħlaqha.

**Nuqqasijiet u vantaġġi ta' stil narrattiv bħal dan, kemm mill-perspettiva ta' min qed jikteb kif ukoll ta' min qed jaqra?**

Jista' jkun li kitba daqstant qasira ma tolqotx udjenza wiesgħa. Tista' wkoll tħalli lill-qarrej xott mill-informazzjoni. Hawn qarrejja li jixtiequ jsiru jafuh il-karattru; it-tul tal-mikrostejjer ma jippermettix wisq deskrizzjoni fit-tul. Il-vantaġġi huma bosta fid-dinja mgħaġġla tal-lum. Tista' taqra mikrostorja minn fuq il-pala ta' idek. Hemm ukoll l-użu tal-kelma li trid tkun eżatta u f'kuntest. Tgħallimt inħalli barra dak li hu żejjed. Fuq kollox għeni nikteb mitt storja li kull waħda seħħet f'mitt kelma.

**DIN HIJA L-ĦAJJA**

Noħroġ niġri fit-toroq
biex forsi nsib xi ħaġa
li tnessini t-tgedwid
li jidwi fija;
nersaq waħdi fis-skiet
biex forsi naħtaf
xi sabar
jew għallinqas
nagħżel mid-damdim ħlejju
ta' tfuliti, xi kliem ta' faraġ;
niġri mar-riħ
biex nirkbu ħalli forsi
iż-żmien ta' ħajti nirbaħ.

Imbagħad nistenbaħ
u ma' dwari nilmaħ
kollox għadu l-istess.
Il-ħajja timraħ
bla ma tħoss xejn għall-bniedem,
u l-bniedem jgħix bla ma jagħraf il-ġmiel.

Riħa ta' ward u tpespes ta' għasafar
taħt xemx li tisreġ.
Ktejjeb f'idejja u ħarsti
lejn par għajnejn li jsaħħru,
din hija l-Ħajja.
Il-bqija mewt tar-ruħ
u qżież tal-ġisem.

**VINCENZO MARIA PELLEGRINI**
**(minn *Bjuda bil-Lejl*, Giovanni Muscat Editur, 1956)**



## INTERVISTA MA' MARIO PACE DWAR IL-KTIEB *CARLO MAGRI. DRAMMATURGO MALTESE (1617-1693). VITA E OPERE*, Midsea Books, 2018 – L-EWWEL PARTI

**L-istudju tiegħek dwar id-drammaturgu tas-seklu 17 Carlo Magri meta u minn fejn twieled?**

L-ewwel darba li smajt b'Carlo Magri kien kważi 30 sena ilu, eżattament fl-1993, minn artiklu li kien kiteb l-Imħallef Giovanni Bonello fis-'Sunday Times of Malta' bit-titlu "The Maltese who Pioneered Coffee in Europe 1665". F'dan l-artiklu Dr Bonello jitkellem fuq Domenico Magri, li jiġi ħu Carlo, però f'waħda min-noti jsemmi lil dan Carlo Magri. Sa dak inhar ma naħsibx li kont għadni smajt b'dan il-persunaġġ, però din in-nota kienet biżżejjed biex tixprunani nibda nfittex u naqra dwar min kien dan Carlo. Niftakar li kont bdejt infittex, f'diversi biblijoteki u arkivji lokali, tagħrif dwar min kien dan il-personaġġ u hekk kif bdejt insib trufijiet minn hawn u minn hemm, ħakimni interess qawwi biex niskopri sew ħajtu u ħidmietu.

**Kemm ħaditlek żmien riċerka bħal din u liema kienu l-postijiet fejn għamilt ir-riċerki tiegħek?**

Irrid ngħid li meta bdejt infittex dwar min kien Carlo Magri, l-iskop ewlieni tiegħi kien li nkabbar il-*general knowledge* tiegħi dwar kittieba bil-lingwa Taljana Maltin fis-sekli passati, anke peress li l-Melitensia minn dejjem kienet taffaxxinani. Però, ikolli nammetti li wara ftit taż-żmien, meta bdejt nitgħallem u nsir naf aktar dwar dan Carlo Magri, tant ġejt maħkum minn dak li bdejt naqra li ddeċidejt li nagħmel it-teżi tiegħi tad-dottorat proprju fuq Carlo Magri u x-xogħlijiet letterarji tiegħu. Dan kien fl-1997. Fil-fatt dik is-sena applikajt biex nibda d-dottorat tiegħi u nista' ngħid li anke wara li spiċċajt l-istudji tiegħi u ksibt id-dottorat fl-2003, xorta bqajt infittex, kemm Malta kif ukoll lil hinn minn xtutna, għal dokumenti li jitkellmu dwar Carlo Magri. Nista' ngħid li dawn ir-riċerki waqfu fl-2018 meta ppubblikajt il-ktieb *Marco Largi ovvero Carlo Magri drammaturgo maltese*. *Vita e opere*, ma' Midsea Books.

Ir-riċerka li għamilt matul dawn is-snin kienet mifruxa sew. Ġewwa Malta, minbarra l-biblijoteka Nazzjonali ġewwa l-Belt Valletta, qattajt ħafna ħin ġewwa l-Mużew tal-Katidral tal-Imdina, l-Arkivji tal-istess Katidral, l-Arkivji tal-knisja ta' San Duminku l-Belt, kif ukoll dawk tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta. Ġewwa Għawdex, minbarra l-Arkivji tal-Kurja ta' Għawdex ġewwa r-Rabat, fittixt ukoll fl-Arkivju tal-Kapitlu tal-Katidral u f'dak tal-parroċċa ta' San Ġorġ ir-Rabat.

Peress illi Carlo Magri għex għal ħafna snin ġewwa l-Italja, ma setax jonqos li nwessa' x-xibka tar-riċerka tiegħi anke f'dan il-pajjiż. Fil-fatt żort diversi biblijoteki u arkivji f'diversi bliet u rħula Taljani, fosthom il-Biblioteca Casanatense, it-taqsima tar-Reparto Fondo Antico tal-Biblioteca Alessandrina u l-Biblioteca Nazionale Centrale Vittorio Emanuele II, li kollha jinsabu ġewwa Ruma, il-Biblioteca tal-Università Federico II u l-Biblioteca Comunale ta' Napli, il-Biblioteca Centrale della Regione Siciliana ġewwa Palermo, kif ukoll fl-arkivji tal-Osservatore Romano li jinsabu fil-belt tal-Vatikan.

**Min kien Carlo Magri bħala bniedem, kif kienet Malta li għex fiha, u kemm kien rikonoxxut kemm fi xtutna kif ukoll barra minn Malta?**

Carlo Magri twieled fl-1617, iben Luigi Magri u Susanna Casauro, is-seba' wild fost tmienja. Interessanti l-fatt li filwaqt li ċ-ċertifikati tat-twelid ta' ħutu kollha jinsabu ġewwa l-Arkivju tal-knisja ta' Porto Salvo, jew kif inhi magħrufa llum, ta' San

Duminku, dak ta' Carlo ma nstabx. Jista' jkun illi Carlo, peress illi ommu kienet ta' dixxendenza Taljana, kien twieled l-Italja. Fil-fatt l-awtur u storiku magħruf Minieri Riccio, meta jitkellem fuq Carlo Magri jghid li dan twieled ġewwa r-raħal żgħir ta' Tagliacozzo, ftit 'il barra minn Ruma. Però, sfortunatament lanqas hawn ma rnexxieli nsib dan iċ-ċertifikat tat-twelid peress illi l-eqdem dokumenti fl-arkivju storiku tal-parroċċa tar-raħal, iddedikata lil San Cosma u San Damiano, jaslu sal-1647 għax l-oħrajn inqerdu f'xi gwerra. Però, nistgħu ngħidu b'ċertezza li Carlo twieled fl-1617 peress illi fil-*Liber Defunctorum Ecclesiae Cathedralis* hemm miktub li l-Magri miet fl-1693 fl-età ta' 76 sena. Dan huwa kkonfermat ukoll kemm minn Achille Ferris kif ukoll minn Bezzina li jgħid li l-Magri laħaq arċipriet tal-Katidral fl-1680 fl-età ta' 63 sena.

Meta kien tifel, Carlo Magri ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu ġewwa l-kulleġġ tal-patrijiet Ġiswiti f'Malta. Meta tfarfar, mar flimkien ma' ħuh Domenico jkompli jistudja ġewwa Ruma, eżattament fil-Pontificio Collegio Urbano "De Propaganda Fide". Hawnhekk sar saċerdot u ftit wara ġie maħtur Protonotario Apostolico, kariga prestiġjuza ħafna peress li kien parti mill-kulleġġ tan-nutara tas-Sede Apostolika, fejn fost l-oħrajn kienu jiġu reġistrati l-atti kollha li joħorġu mill-kurja Rumana u li kienu jieħdu ħsieb ukoll il-ħatriet tal-kardinali u l-għoti ta' titli u inkarigi oħra. Meta kien Ruma kien inħatar ukoll l-ewwel Primo Custode tal-Biblioteca Universitaria Alessandrina, li kienet parti integranti tal-Università La Sapienza ta' Ruma. Fil-fatt din l-Università kienet ġiet imwaqqfa minn Papa Alessandro VII Chigi. Dan il-Papa deherlu li biex tkun università ta' ċertu livell ried ikollha magħha biblijoteka serja u ta' kalibru u għaldaqstant waqqaf il-Biblioteca Alessandrina li fetħet il-bibien tagħha għall-pubbliku u għall-istudenti fl-1670, u li sal-lum għadha magħrufa bħala waħda mill-aqwa biblijoteki ta' Ruma. Papa Alessandro ried li din il-biblijoteka tkun immexxija tajjeb u b'mod serju u jkollha pedamenti sodi għall-futur u permezz tal-Bolla tal-21 t'April tal-1667, għażel, hu personalment, lil Carlo Magri bħala Primo Custode u lil Fausto Nairone bħala Secondo Custode. F'din il-bolla hemm spjegat ukoll x'inhu x-xogħol tal-*primo custode* u kif għandu jitħallas. Fil-fatt, minbarra li jieħu ħsieb il-biblijoteka b'mod ġenerali, Carlo Magri kien marbut ukoll illi jqaddes kuljum (fil-ġranet meta l-università tkun miftuħa) fil-kappella tal-università filwaqt li jkun




responsabbli mill-indumenti sagri kollha tal-istess kappella. Kellu wkoll jieħu ħsieb l-inventarju tal-kotba kollha li jinsabu fil-biblijoteka u jagħti rendikont ta' dak kollu li jseħħ, kull meta jintalab, lill-Collegio degli Avvocati Concistoriali. Kienet ukoll responsabbiltà tiegħu li minbarra li jara liema kotba jiħu mislufa lill-istudenti, li dawn jiġu rritornati fil-ħin u f'kundizzjoni tajba, kif ukoll ried ikun dejjem preżenti fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-biblijoteka biex jgħin u jagħti pariri lill-istudenti u l-pubbliku inġenerali. Kien ukoll inkarigat li jsib lil xi ħadd biex iżomm l-istess biblijoteka u t-twieqi tagħha nodfa. Għal dan ix-xogħol, Carlo, bħala *primo custode* kien jitħallas 10 scudi fix-xahar. Barra minn hekk ingħata wkoll appartament fejn joqgħod ġewwa l-istess Università. U hawnhekk ta' min jghid li diversi storiċi Taljani jgħidu li kemm dam *Primo Custode* Carlo Magri, kienu bosta l-istudenti Maltin li kienu jżuru l-istess biblijoteka biex jieħdu pariri mingħandu u jkomplu bl-istudji tagħhom hemmhekk.

Sadanittant, Carlo Magri kompla anke bl-istudji

personali tiegħu u leħaq avukat *in utroque iure*, jiġifieri avukat fil-liġi kanonika, kif ukoll f'dik ċivili. Kien ukoll f'dan l-istess żmien li beda jikteb ix-xogħlijiet tiegħu li dwarhom nitkellem aktar 'il quddiem.

Bħala *Primo Custode* Carlo Magri dam 15-il sena sħaħ sakemm fl-1682 ingħata l-ħatra ta' arċipriet tal-Katridral ta' Għawdex. Fil-fatt meta Carlo Magri beda jħossu li qiegħed jikber fl-età, kien għejja jagħmel dan ix-xogħol ġewwa l-biblijoteka u beda jbati minn problemi f'għajnejh, xtaq jiġi lura Malta. Huwa għamel talba lis-Santa Sede u proprju fl-1682 ingħata l-inkarigu ta' Arcċpriet tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex u tal-Katidral wara l-mewt tal-Arċipriet Gio-Antonio Camilleri. Is-snin li fihom Carlo Magri dam arċipriet, kienu snin pjuttost diffiċli u ta' min jghid li filwaqt li wħud mill-istoriċi ta' dak iż-żmien ifaħħru lil Carlo għall-opri twajba li għamel, oħrajn jgħidu li kien moħħu biss fil-flus u li ma kienx denju li jkun arċipriet. Il-fatt jibqa' però li sa mill-bidu nett tal-wasla tiegħu ġewwa Għawdex, Carlo Magri beda jaħdem qatigħ biex jibni knisja ġdida fil-belt kapitali ta' Għawdex. Fil-fatt l-ewwel ħaġa li għamel kienet li talab lill-perit famuż Malti Lorenzo Gafà biex jagħmel id-disinnji preliminari għall-knisja filwaqt li hu beda jiġbor il-flus għal dan il-proġett kbir u ambizzjuż. Fl-istess waqt beda jixtri l-artijiet tal-madwar ta' fejn ried li tinbena l-knisja. Sfortunatament, Carlo Magri ma kellux ix-xorti li jara din l-opra titlesta għax fl-1693 miet għal għarrieda tant li lanqas ingħatawlu l-aħħar sagramenti. L-istoriċi jgħidu li Carlo Magri miet bix-xokk li ħa meta ftit xhur qabel terremot qawwi għamel ħafna ħsarat kemm Malta kif ukoll Għawdex, fejn fosthom kien iġġarraf il-Katidral tal-Imdina u saru ħafna ħsarat kemm lill-knisja matriċi ta' Għawdex kif ukoll lill-Knisja ta' San Ġorġ.

Il-legat ta' Carlo Magri baqa' jinħass anke wara mewtu. Dan peress illi, apparti l-fatt li l-Katidral ta' Għawdex kif nafuh illum kien frott il-ħolm u l-ħidma ta' Carlo, l-arċipriet ta' warajh, Dun Niccolò Cassia, bħala turija ta' rispett u ringrazzjament lill-predeċessur tiegħu, iddeċieda li jżid il-kunjom Magri ma' dak tiegħu. Dan peress illi Carlo Magri kien għen ħafna lil Niccolò kemm finanzjarjament kif ukoll moralment fil-formazzjoni tiegħu, tant li hekk kif inħatar arċipriet tal-matriċi wara l-mewt ta' Carlo biddel ismu għal Dun Niccolò Cassia Magri.

Matul is-snin li fihom Carlo Magri kien arċipriet tal-Matriċi, Għawdex ukoll (bħal Malta) kien għaddej minn żmien ta' trasformazzjonijiet u bidliet kbar. Il-popolazzjoni fl-irħula iż-żgħar bdiet tikber u beda jinħass il-bżonn li jkun hemm aktar parroċċi minbarra dik tal-Matriċi u ta' San Ġorġ, li dak iż-żmien kienu l-uniċi tnejn ġewwa l-gżira ta' Għawdex. Dawn kienu 'il bogħod ħafna għal xi wħud, anke peress illi l-mezzi ta' trasport kienu kważi ineżistenti u fil-kappelli ż-żgħar imxerrdin madwar il-gżira, kienet issir quddiesa biss darba f'sena. B'riżultat ta' hekk, in-nies kien ikollha tmur iċ-Ċittadella kull nhar ta' Ħadd biex tisma' l-quddies, bid-diffikultajiet kollha li din is-sitwazzjoni kienet iġġib magħha. Barra minn hekk, matul il-lejl iċ-Ċittadella kienet tingħalaq, u għalhekk min kien ikollu bżonn jirċievi xi sagrament ma setax jagħmel dan. Anke n-numru ta' qassisin ġewwa Għawdex kien limitat ħafna u l-maġġoranza kienu jgħixu r-Rabat peress illi l-quddies kien jiġi ċelebrat kważi kollu fil-knisja Matriċi. Dawn il-problemi Carlo Magri pprova jsolvihom billi talab lill-Isqof ta' dak iż-żmien, Davide Cocco Palmieri biex jiġu mwaqqfa erba' parroċċi ġodda. Dan ma kienx faċli imma wara ħafna manuvri u xogħol minn wara l-kwinti anke mal-Vatikan, fejn Carlo Magri kellu legami tajbin ħafna, irnexxielu.

**Għaliex l-għażla tal-psewdonimi, minflok ismu proprju?**

Kien hemm żewġ raġunijiet prinċipali għalfejn Carlo Magri kien jiffirma x-xogħlijiet tiegħu b'psewdonimu u ma kienx jiffirma b'ismu proprju. L-ewwel nett għax dik kienet id-drawwa taż-żmien. Fil-fatt insibu ħafna awturi kontemporanji tal-Magri li wkoll kienu jużaw psewdonimi. It-tieni raġuni tista' tkun li peress li Carlo Magri kien qassis, ma riedx li jkun vittma taċ-ċensura ekkleżjastika li dak iż-żmien kienet qawwija ħafna. Għaldaqstant kien jiffirma bl-isem Marco Largi u xi kultant anke bl-isem ta' Marco Argoli.

**Min kienu l-kittieba Maltin kontemporanji ta' Carlo Magri? Kemm kien importanti li jistudjaw f'istituzzjonijiet lil hinn minn xtutna?**

F'dan il-perijodu li qegħdin nitkellmu dwaru, il-lingwa Maltija kienet għadha mhix waħda awtonoma filwaqt li l-lingwa Taljana u dik Latina kienu jiddominaw fil-qasam letterarju. U kienet għalhekk ħaġa naturali li l-awturi u kittieba taż-żmien kienu jimitaw, fil-forma u fil-lingwa, lill-awturi




Dr. Mario Pace waqt il-preżentazzjoni tal-ktieb tiegħu fi Sqallija

tal-pajjiż ġar tagħna, l-Italja. Fil-fatt, taħt id-dominju tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, il-lingwi uffiċċjali ta' pajjiżna kienu appuntu t-Taljan u l-Latin.

Nistgħu ngħidu li sal-aħħar tas-seklu 16, ftit li xejn kienu l-kittieba u awturi Maltin li ħallew impatt bix-xogħlijiet tagħhom. Però, meta fl-1592 twaqqaf mill-patrijiet Ġiżwiti l-kulleġġ *Collegium Melitense*, ingħatat spinta qawwija lill-iżvilupp tal-letteratura lokali. U fost il-letterati Maltin ta' bejn is-sekli 15 u 16, nistghu nsemmu lil Giovanni Vassallo, avukat u li fost l-oħrajn kien inkarigat li jirrevedi, ikabbar u jikkummenta l-istatuti tal-Ordni. Awtur ieħor kien Leonardo Abela li kiteb numru ta' "relazioni di viaggi", filwaqt illi Franceschino da Malta kiteb żewġ sunetti ad unur ta' D. Scipione de' Monti, Markiż ta' Corigliano imma li tagħhom, sfortunatament, nafu biss it-titlu.

Is-seklu 17 ra trasformazzjoni kbira fil-Gżejjer Maltin, mhux biss mil-lat arkitettoniku, militari u politiku (biżżejjed wieħed isemmi l-bini tal-Katidral tal-Belt Valletta, l-università u l-bini ta' sptar) imma fuq kollox letterarju. Fil-fatt dan is-seklu ra ċelebrazzjonijiet kbar li ħafna drabi kienu jikkonsistu minn balli u rappreżentazzjonijiet teatrali fost oħrajn. Maltin minn oqsma differenti tal-ħajja għamlu isem grazzi għall-opri u x-xogħol li ħallew lis-suċċessuri tagħhom. Fost dawn il-perit Lorenzo Gafà, l-istoriku Giovan Francesco Abela, l-iskultur Melchiorre Gafà, l-aħwa pitturi Raimondo u Suor Maria De Dominici. Ma' dawn il-Maltin ingħaqdu wkoll diversi artisti Taljani ta' fama internazzjonali bħal Caravaggio u Mattia Preti fil-qasam tal-pittura, u l-periti Pietro Paolo Floriani minn Macerata, Vincenzo Maculano minn Firenzuola u Masini minn Valperga. Ta' importanza kbira kien ukoll it-twaqqif tal-ewwel stamperija f'Malta minn Pompeo del Fiore. U huwa naturali li dawn l-iżviluppi kollha għenu biex il-letteratura Maltija tieħu spinta 'l quddiem fil-forom kollha tagħha. Fil-fatt, fost il-kittieba Maltin kontemporanji tal-Magri nsibu poeti bħal Marcello Attardo de Vagnoli li kiteb ġabra ta' poeżiji bit-titlu *Poesie Sacre, profane, eroiche* u Enrico Magi, awtur ta' *La Dafne, ovvero la Verginità trionfante* kif ukoll *Alcune puoche rime e sacre e profane*. Fost l-istorici, nistgħu nsemmu lil Giovan Francesco Abela li kiteb *Descrizione di Malta, isola nel mare Siciliano*, Salvatore Imbroll, awtur ta' sitt volumi tal-*Annali dell'Ordine*, Carlo Micallef bl-*Historia della Sacra Religione Gerosolimitana* (xogħol li għadu manoskritt) u Fabrizio Cagliola li minbarra li kiteb *Le Vite dei Gran Maestri* kien awtur ukoll tar-rumanz pikaresk *Disavventure marinaresche ossia Gabriello disavventurato*. Fil-qasam tal-proża u r-rakkonti ta' vjaġġi kien hemm Domenico Magri, li jiġi hu Carlo Magri, u Giovanni Francesco Buonamico. Tal-ewwel kiteb diversi xogħlijiet, fosthom il-*Breve Racconto del viaggio al Monte Libano, Notizia dei vocaboli ecclesiastici* jew *Hierelexicon*, kif ukoll *Della virtù del Kafè*. Min-naħa tiegħu l-Buonamico, li wkoll huwa awtur ta' diversi xogħlijiet, kiteb il-poeżija *Mejju ġie bil-ward u z-żahar*, ir-rendikont bl-isem *Memoria*, li fih jirrakkonta xi vjaġġi li għamel, żewġ *Giornali di viaggi*, kif ukoll diversi trattati xjentifiċi bħal *Trattato circa l'origine delle Glossopietre* u diversi xogħlijiet oħra bil-Latin.




F'dan is-seklu, għal dak li għandu x'jaqsam mal-kamp teatrali, għalkemm f'Malta kien għad m'għandniex teatru (it-teatru Manoel De Vilhena nbena fis-seklu 18) imma kienu jintużaw xi swali jew xi bitħa f'xi Albergia biex jittellgħu xi rappreżentazzjonijiet, niltaqgħu mal-ewwel żewġ drammaturgi Maltin, Giacomo Farrugia u Carlo Magri. Farrugia kien awtur ta' żewġ traġikummiedji, *L'ipocrisia castigata o sia l'inganno pena all'ingannatore* u *Le Disgrazie avventurose ovvero Ismeria convertita*. Carlo Magri, min-naħa tiegħu, apparti xogħlijiet oħra ta' natura diversa, kiteb ukoll żewġ kummiedji. L-ewwel waħda, li ġġib l-isem ta' *La regia è un sogno, ovvero la Costanza* kienet l-ewwel kummiedja li qatt inkitbet minn awtur Malti u li ġiet ippubblikata ġewwa l-Italja fl-1672. It-tieni kummiedja, li wkoll ġiet ippubblikata ġewwa l-Italja sentejn wara, jisimha *Chi la dura la vince, ovvero Teodolinda*.

Iż-żmien li qegħdin nitkellmu dwaru, is-sekli 16 u 17, kien żmien totalment differenti minn dak ta' llum. Biżżejjed wieħed jgħid li l-mezzi ta' komunikazzjoni kienu kważi ineżistenti u dan kien jagħmilha diffiċli ħafna għall-awturi Maltin biex iżommu ruħhom aġġornati ma' dak li kien qed jiġri fil-pajjiżi l-oħra fil-Mediterran, fl-Ewropa u fid-dinja. Dan, anke minħabba l-fatt li Malta hija gżira mdawra bil-baħar u b'konsegwenza ta' hekk l-uniku mod li bih dawn l-awturi setgħu jagħmlu kuntatt mad-dinja hemm barra kien jew permezz tal-kuntatt tagħhom ma' artisti, awturi, kavallieri barranin li kienu jiġu Malta jew inkella li huma stess imorru jistudjaw lil hinn minn xtutna. Fil-fatt, ħafna minn dawn l-awturi Maltin li semmejt hawn fuq, għexu għal numru ta' snin ġewwa l-Italja fejn messew b'idejhom u esperjenzaw b'mod dirett ix-xejriet u l-movimenti artistiċi, politiċi u letterarji li kienu "moda" f'dawk iż-żminijiet. Nies bħal Carlo Magri u ħuh Domenico, mhux biss ġew influwenzati minn dak li raw u għexu, imma kienu kapaċi wkoll iwittu t-triq għal ta' warajhom permezz tal-kitbiet u x-xogħlijiet tagħhom.

**X'importanza għandhom ix-xogħlijiet ta' Carlo Magri fl-istorja tal-letteratura Maltija?**

Carlo Magri, minbarra li kien l-ewwel drammaturgu Malti li kellu x-xogħlijiet tiegħu ppubblikati ġewwa l-Italja, kiteb ukoll xogħlijiet oħra ta' natura varja. L-ewwel xogħol letterarju tiegħu kienet traduzzjoni, mil-lingwa Taljana għal-Latin, tax-xogħol li kien kiteb ħuh Domenico bl-isem *Notitia de' vocaboli ecclesiastici*. Dan ix-xogħol huwa meqjus bħala l-ewwel enċiklopedija ekkleżjastika li qatt ġiet miktuba u li fiha nsibu mhux biss spjegazzjoni tal-kliem u t-termini kollha marbutin mal-knisja u l-liturġija, imma tinkludi wkoll kummenti u spjegazzjonijiet dwar it-tejologija dogmatika u dwar il-kodiċi tal-liġi kanonika skont il-Konċilju ta' Trento. Dan ix-xogħol kellu żewġ għanijiet prinċipali. L-ewwel nett biex ikun ta' għajnuna għas-saċerdoti biex jifhmu iktar il-liturġija. It-tieni raġuni kienet biex in-nies komuni ma taqax fl-ereżija u tkun kapaċi tagħraf il-verità mit-tagħlim falz. Carlo Magri deherlu li, peress illi l-lingwa Latina kienet dik uffiċċjali u tal-komunikazzjoni bejn in-nies li kienu jafu l-iskola, allura kien ikun aħjar jekk jaqleb din l-opra għal-Latin għax b'hekk tkun tista' tinqara minn ħafna iktar nies u tikber fil-popolarità. U Carlo kellu raġun. Fil-fatt bejn l-1677 u l-1765 ġew ippubblikati 35 edizzjoni differenti bil-linga Latina ta' din l-enċiklopedija u diversi storiċi jiddeskrivu dan ix-xogħol bħala l-"bestseller" tas-seklu.

Xogħol ieħor li kiteb Carlo Magri kienet il-bijografija ta' ħuh Domenico, li forsi kien iktar magħruf minn Carlo speċjalment lil hinn minn xtutna minħabba li kien għex għall-parti kbira ta' ħajtu 'l bogħod minn xtutna u bħala reliġjuż kellu karigi għoljin ħafna li ingħatawlu mill-Papa. F'din il-bijografija, Carlo jfaħħar il-virtujiet ta' ħuh, jitkellem dwar kif minn

età żgħira kien juri li għandu kapaċitajiet kbar, dwar l-umiltà u l-paċenzja li dejjem wera, il-mirakli li skont hu kien għamel ħuh (wieħed meta fejjaq tifla fi żmien meta kien f'art musulmana u l-ieħor meta f'Malta stess kien salva numru ta' kompattrijotti mill-ġuħ), u dwar il-mewta edifikanti tiegħu. Fil-fatt Carlo jġiegħel jemmen lil min jaqra din il-bijografija li ħuh kien qaddis, għalkemm din il-kelma qatt ma jużaha, u dwar il-bżonn li x-xogħol li kien għamel ħuh ma jintesiex biż-żmien u jispiċċa fix-xejn. Ta' min wieħed jgħid ukoll li Carlo Magri jagħmel referenza kontinwa għal Malta u għall-fatt li Domenico kien Malti, u dan jidher ukoll fix-xogħlijiet l-oħra kollha ta' Carlo meta fil-frontespizio, wara ismu, kull darba jikteb jew Della Valletta jew Maltese.

Carlo Magri kiteb ukoll dak li jissejjaħ *libello* bil-lingwa Taljana bl-isem: *Il valore Maltese difeso da Carlo Magri della Valletta contro le calunnie di Girolamo Brusoni*. Dan Brusoni, storiku Taljan mill-Veneto, kien kiteb fil-ktieb tiegħu *Storia d'Italia*, kontra l-Ordni tal-Kavallieri fejn akkużahom li kienu attakkaw il-Gran Caracca tas-sultan u li fuqha kien hemm it-tifel Ibrahim fi triqtu lejn il-Mecca. Dan Ibrahim ittieħed bħala priġunier u nġab Malta fejn il-Gran Mastru ikkonvertieh għar-reliġjon nisranija u wara sar il-famuż Padre Ottomano. Però minn dan il-fatt oriġinat il-gwerra ta' Kandja li kienet diżastruża għal Venezia. Carlo Magri, permezz ta' dan il-*libello*, iddefenda bil-qawwa kollha l-missjoni tal-Ordni billi wieġeb, waħda waħda, għall-akkużi kollha li għamel Brusoni u sostna li r-rebħa tal-Maltin fuq it-Torok kienet l-ewwel pass u wittiet it-triq għar-rebħa tal-kattoliċeżmu kontra l-Musulmani.

Xogħol ieħor ta' Carlo Magri, dejjem bil-lingwa Taljana, kien trattat qasir, ta' natura storiko-filoloġika, bl-isem *Circa le pitture del Settimo Secolo e seguenti*. Dan it-trattat sar fuq talba tal-Abate Don Cornelio Margarini, li kien studjuż kbir tal-Ordni Benedittin fis-seklu XVII. Kiteb ukoll żewġ xogħlijiet oħra, it-tnejn li huma għadhom manuskritti u diffiċli ħafna biex wieħed jaqrahom peress illi miktubin b'mod diżordnat u b'kalligrafija li ma tinqarax. X'aktarx li dawn inkitbu lejn l-aħħar snin ta' ħajjet Carlo peress li meta kiber kellu problema serja f'għajnejh tant li kien tilef id-dawl. Dawn iż-żewġ xogħlijiet huma *Dicta et facta memorabilia* u *Zibaldone Originale*. Dan tal-aħħar kien qisu forma ta' djarju li fih Carlo kien jikteb, f'ordni alfabetika, affarijiet li jkun qal jew sema' u li kienu importanti għall-istudji tiegħu.

Mingħajr ebda dubju, l-iktar żewġ xogħlijiet importanti ta' Carlo Magri kienu ż-żewġ kummiedji li kiteb fiż-żmien meta kien jghix Ruma. L-ewwel waħda bl-isem *La regia è un sogno, ovvero la Costanza*, u t-tieni waħda *Chi la dura la vince, ovvero la Teodolinda*, nistgħu ngħidu li poġġew it-teatru Malti bil-lingwa Taljana fuq il-mappa teatrali Ewropea. Dan mhux biss għax dawn kienu l-ewwel opri teatrali miktuba minn drammaturgu Malti li qatt ġew ippubblikati lil hinn minn xtutna fl-1672 u fl-1674 rispettivament, imma anki peress illi dawn il-kummiedji tant kienu popolari li jinstabu kopji manuskritti tagħhom f'diversi biblijoteki u arkivji mhux biss fl-Italja imma anke f'pajjiżi oħra bħal Franza u l-Ingilterra. Barra minn hekk, Carlo Magri u l-kummiedji tiegħu jissemmew u qegħdin klassifikati f'diversi xogħlijiet u elenki tal-opri teatrali l-aktar importanti ta' dak iż-żmien. Biex nagħti xi ftit eżempji, l-istoriku Allacci, fil-ktieb tiegħu bl-isem *Drammaturgia* jinkludi dawn iż-żewġ kummiedji tal-Magri fost l-aktar opri teatrali famużi tas-sekli 16 u 17. Anke studjużi oħrajn ta' dawk iż-żminijiet bħal Quadrio, fl-*Indice universale della storia e ragione d'ogni poesia*, Franchi fil-ktieb *Drammaturgia romana*, Carosi f'*Le edizioni di Bernardino, Mariano e Girolamo Diotallevi e di Pietro Martinelli. Annali e documenti*, kif ukoll Rhodes fil-ktieb tieghu *La Stampa a Viterbo*, kollha jitkellmu dwar l-importanza ta' dawn ix-xogħlijiet ta' Magri.

Però, l-importanza ta' dawn iż-żewġ kummiedji ta' Carlo mhix biss il-fatt li jissemmew minn studjużi magħrufa barranin jew għax ġew ippubblikati l-Italja, imma fuq kollox għall-aspetti oriġinali u innovattivi li d-drammaturgu Malti kellu l-kuraġġ u l-kapaċità li jdaħħal fihom. Għax għalkemm l-istorja (dik li bit-Taljan tissejjaħ 'la trama') tagħhom it-tnejn hija simili ħafna għal ta' dawk li nkitbu minn drammaturgi Taljani ta' dak iż-żmien, u għalkemm it-tnejn jispiċċaw bi tmiem feliċi (u huwa proprju għalhekk li jissejħu *Commedie*) biż-żwieġ ta' bejn il-maħbubin, kif kienet l-użanza, però, il-Magri ma ddejjaq xejn jissogra jibdel ċerti aspetti, kemm fil-kontenut kif ukoll fil-forma, u jmur kontra l-kurrent għax hass li l-pubbliku ta' dak iż-żmien kien jixraqlu aħjar.

Waħda mill-iktar affarijiet importanti li biddel kien ir-rwol tas-servo jew is-servjent li fil-kummiedji ta' dak

iż-żmien kellu l-għan speċifiku li jdaħħak lin-nies b'dak li jgħid u bil-mossi tiegħu. Carlo Magri irnexxielu jagħti dinjità lil dan il-personaġġ billi apparti milli jdaħħak, għabbieh bir-responsabbiltà li jispjega lill-udjenza x'qegħdin iħossu l-protagonisti permezz ta' monologi, kultant pjuttost twal, li permezz tagħhom kien joħloq kuntatt dirett mal-istess udjenza. Barra minn hekk, Carlo Magri li ma ninsewx li kien saċerdot, warrab għal kollox minn fuq il-palk l-użu ta' kliem u ċajt vulgari. Kienet użanza li kummiedja kienet titqies jekk hix tajba jew le skont kemm l-atturi, speċjalment is-servjenti, kien jirnexxilhom idaħħku lill-udjenza għax in-nies li kienet tmur tarahom ma kenitx tmur biex taħseb jew tipparteċipa imma biex tidħak. U ħafna drabi dan kien isir permezz ta' ċajt u mossi goffi u kliem baxx u doppju sens. Dan kollu twarrab minn Carlo Magri għax ried li n-nies ma tmurx tara kummiedja biex tidħak biss, imma biex tipparteċipa u biex taħseb fuq sitwazzjonijiet li jkunu simili għal dawk li jkunu qegħdin jgħixu.

Żewġ bidliet oħra importanti li nsibu fil-kummiedji ta' Carlo Magri meta mqabbla ma' dawk ta' drammaturgi oħra kontemporanji tiegħu huma li qassar il-kummiedja minn ħames atti għal tlieta u l-użu ta' lingwi differenti. Il-maġġor parti assoluta tal-opri teatrali ta' dak iż-żmien kienu jkunu maqsuma f'ħames atti. Carlo Magri però ħaseb illi dawn għandhom jinżlu għal tlieta għax ma kienx jaqbel mar-regoli aristoteliċi u dan kien jiddikkjarah b'mod ċar. B'dan il-mod Carlo Magri tbiegħed mit-teatru popolaresk u mill-kummiedji ta' dak iż-żmien u resaq ħafna eqreb tal-*Commedia dell'Arte* li leħqet il-qofol tagħha appuntu fis-seklu 17. Magri kien ukoll wieħed mill-ewwel drammaturgi li fil-kummiedji tiegħu, minbarra l-lingwa Taljana, uża wkoll il-Latin, id-djalett Naplitan kif ukoll dak Sqalli.

Karatteristika ewlenija ta' Carlo Magri kienet li ma jibżax imur kontra l-kurrenti ta' dak iż-żmien. Din tidher ċara, pereżempju, mill-fatt illi kuntrarju għal drammaturgi oħra, ipprova jgħaddi lill-udjenza messaġġi ta' moraliżmu permezz tat-teatru, bis-sogru li dak li jippreżenta fuq il-palk seta' ma jiġix milqugħ b'mod tajjeb min-nies. U biex ikun jista' jwassal dan il-messaġġ, Carlo Magri mhux biss ra kif għamel biex iqarreb it-teatru lejn ir-realtajiet ta' kuljum tal-popolin, imma qagħad attent ukoll biex jevita kull tip ta' riferiment għal interventi sopranaturali u esaġerazzjonijiet fl-atteġġjamenti tal-protagonisti, li tant kienu popolari fir-rapprezentazzjonijiet ta' żmienu.

Naħseb illi l-ikbar mertu li għandu Carlo Magri huwa li permezz ta' dawn iz-zewg kummiedji rnexxielu jnaqqax ismu u isem Malta għall-ewwel darba fuq il-mappa tat-teatru Ewropew, speċjalment dak Taljan. Fil-fatt ix-xogħlijiet tiegħu jinsabu u huma meqjusa fuq l-istess livell ta' dawk ta' drammaturgi Taljani kontemporani ħafna aktar magħrufa bħal Francesco Cavanna, Vincenzo Errante, Ortensio Scammacca, Tommaso Aversa u Niccolò Amenta, fost oħrajn.

**[It-tieni parti ta' din l-intervista tkompli fil-ħarġa li jmiss ta' IL-PONT]**

## SALINI

Fejn għebet l-imħabba ta' bixra ġellieda
tax-xiħ b'kappell f'rasu bil-qraba jweżnuh
inaddaf mill-alka s-salini bir-rieda
li l-melħ jifformalhom malajr biex jiġbruh?

Insterqet mix-xita u r-rjieħ għal għarrieda
li għarrqu b'kefrija kanali u lqugħ.
Jixhduh il-*wind surfer* qalbien u s-sajjieda
li raw tiġri l-ħerba f'taqbida mal-qlugħ.

Gandott fond u dejjaq bil-mewġa fejjieda,
qrabatu preċiżi u fitti jisquh.
Jilmawlu bħad-dmugħ tal-mistkerrha għajjieda,
il-ħofor protetti mill-baħar miftuħ.

L-istess kif hu jaf l-iskandlori dewwieda
għad-doża qawwija fil-ġabra ta' mluħ,
mir-ritmi ta' qalbu bi mħabba qajjieda,
jinduna li l-forzi qegħdin iħalluh.

Issajret din ħajti bħal melħ fil-ħofriet...
U jien hu x-xiħ jofrok għajjien fuq il-blat,
infittex imħabbti taħt l-idwal smewwiet -
imħabbti li għebet mal-mewġ irvillat.

**LOUIS BRIFFA**
**(minn *Bil-Boqxiex*, 2018)**






**IL-PROFESSUR TONI AQUILINA JITKELLEM MA' IL-PONT DWAR ID-DRAMM *L-ALLA TAL-ĦERBA* TA' YASMINA REZA, Faraxa Publications, 2013**

*Yasmina Reza twieldet Pariġi fl-1959 u hija bint ġenituri ta' nisel Lhudi li emigraw lejn Franza biex jaħarbu mid-dittatura Sovjetika. Hija omm ta' żewġ ulied, u hi speċjalizzata fl-istudji teatrali u s-soċjoloġija fl-Università ta' Nanterre. Drammi oħra tagħha huma* Taħdita Wara Funeral *(1987),* Minn Naħa sa Oħra tax-Xitwa *(1989),* Arti *(1995),* Ir-Raġel Mhux Mistenni *(1995),* Tliet Verżjonijiet tal-Ħajja *(2001),* Dramm Spanjol *(2004) u* Kif Tirrakkonta l-Logħba *(2011). Wara l-personaġġi li toħloq hemm doża ta' pessimiżmu dwar id-difetti u r-ridikolu fil-bniedem kontemporanju. Reza kitbet ukoll għadd ta' rumanzi u scripts għaċ-ċinema.*

L-Alla tal-Ħerba *(*Le dieu du carnage*, 2007) ta' Yasmina Reza huwa dramm f'att wieħed jew kummiedja 'sewda' li tħallik bla nifs, fuq ix-xwiek, dejjem bl-impressjoni li se tfaqqa' waħda ikbar ma tafx meta eżatt. Id-djalogu jalterna bejn spirtu fint ta' rikonċiljazzjoni u waqtiet ta' attakki verbali bla rażan, u dan iżomm lill-qarrej fuq ħabel stirat. Dak li tiddrammatizza Reza hija sitwazzjoni serja b'waqtiet tad-daħk, assurdi u satiriċi. Id-dramm hu wkoll studju psikoloġiku tal-karattri, żewġ pari ta' ġenituri - Véronique u Michel Houllié, u Annette u Alain Reille - li wliedhom jidħlu f'kunflitt u b'hekk jiltaqgħu biex isolvu l-każ b'mod paċifiku. Kif jikteb il-Prof. Toni Aquilina stess fid-daħla għall-ktieb: "L-organizzazzjoni tax-xeni tista' titqies f'termini ta' boxing rounds vivaċi sew, anki jekk spazjotemporalment varjabbli (koppja vs koppja, irġiel vs nisa, irġiel vs irġiel, nisa vs nisa, ġewwa salott f'temp ta' ħin ristrett għal madwar siegħa)." Reza turi li l-bniedem huwa kreatura kumplessa qatigħ, nevrotika, ċivili u primittiv fl-istess ħin. Id-djalogu ma jistrieħ qatt u l-ħin kollu jalterna bejn waqtiet razzjonali u oħrajn irrazzjonali, għalhekk dan hu xogħol li jista' jissejjaħ ukoll traġedja tad-daħk. Hu dramm li ttella' fit-Teatru ta' San Ġakbu fl-2012, b'direzzjoni ta' Lino Farrugia.*

**Kif ġejt f'kuntatt ma' xogħol bħal dan? X'nissillek l-interess li taqilbu għall-Malti?**

Kien żmien (fl-2011) li fih id-direzzjoni tal-Alliance Française de Malte – Méditerranée riedet tressaq il-pubbliku Malti lejn xogħol teatrali ta' drammaturga Franċiża ta' żmienna. Niftakar kien ikkuntattjani Charles Xuereb u pproponieli din il-kummiedja ta' Yasmina Resa. Għedtlu iva mill-ewwel anki għax digà kont qrajt kummiedja oħra minn tagħha – *Art* – u tant rajtha tqaxxar il-bniedem fil-banalitajiet u l-ipokrizija tiegħu li saħħritni.

**Naf li bejn it-traduzzjoni bħala test u l-verżjoni teatrali sar xi tibdil, dak li jissejjaħ 'domestikazzjoni'. X'kien dan eżattament? Kif intlaqa' mill-udjenza Maltija?**

Għandek tkun taf li fuq il-palk id-domestikazzjoni hi xi ħaġa naturali ħafna u normalment ikun jiddependi mid-direttur sa fejn iwassalha. Fil-fatt it-tibdil li sar fuq il-palk Malti kien minimu – ismijiet ta' nies Maltin u ta' nħawi li midħla tagħhom il-Maltin. U mbagħad kien hemm dak it-tibdil iddettat mit-tlaqqigħ tat-test mal-atturi li kienu qed jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom. Xi lokuzzjonijiet aktar



Il-Prof. Anthony Aquilina

baxxi milli nsibu fl-oriġinal ma naqsux lanqas. Imma fil-fatt ma kienx hemm wisq.

Ta' min wieħed jgħid li l-kummiedja ttellgħet fil-preżenza tar-rappreżentant ta' min biegħ id-drittijiet lill-Alliance biex ikun jista' jittella' bil-Malti. Ibda biex qabel ingħataw dawn id-drittijiet riedu li jkollhom f'idejhom it-traduzzjoni lesta u bil-kundizzjoni li din issir minn traduttur stabbilit. Charles qalli li r-rappreżentanta setgħet issegwi x'kien qed jingħad mill-atturi fuq il-palk grazzi għall-iskript tat-traduzzjoni li ġabitu magħha.

Mill-bqija, il-kummiedja ntlaqgħet tajjeb ferm u t-teatru kien mimli kull darba li ttellgħet. Bħala pubblikazzjoni *L-Alla tal-Ħerba* tatni s-sodisfazzjon kbir għax rebbħitni l-premju tal-aħjar traduzzjoni, imniedi mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Bis-saħħa tas-suċċess li kisbet, l-Alliance Française minnufih talbitni naqleb għall-Malti kummiedja oħra moderna Franċiża, *Comme s'il en peuvait* / *Neżlin Bħax-Xita*, din id-darba tad-drammaturgu Sébastien Thiéry, li ttellgħet mill-istess direttur (Lino Farrugia) fl-istess teatru.

**Għaliex Yasmina Reza għażlet dan it-titlu għal dan id-dramm?**

F'ħin minnhom, wieħed mill-personaġġi, Alain, jgħid hekk: "... jiena nemmen fl-Alla tal-ħerba. Hu l-uniku li ilu jaħkem, waħdu, mill-ibgħad żminijiet." Wisq nibża' li Reza hekk ukoll temmen. Ladarba l-bniedem tħalla waħdu biex isib irkaptu tal-kaos li wiret mingħand il-ħallieq, billi jorganizza ruħu bis-saħħa tar-reliġjonijiet, il-gvernijiet, il-pulizija, l-armati u l-gwerer, it-tjieba u l-intenzjonijiet tajba tal-minoranzi ma jwasslu pjuttost imkien. Anzi jinkoraġġuna nibqgħu nilagħbu logħba telliefa f'idejn l-assurd u l-maġġoranzi li dejjem lesti jinkinaw quddiemu għall-egoiżmi tagħhom.

**L-Alla tal-Ħerba hu wkoll dramm morali. Kif jidher dan?**

Morali fis-sens li l-kummiedja toffri xi tagħlimiet fuq il-wiċċ b'ieħor ta' tant u tant nies fis-soċjetà tagħna. Laqgħa bejn ġenituri li suppost saret b'intenzjoni tajba, dik li jiddiskutu b'mod ċivili ġlieda li kienu involuti fiha uliedhom, tiddeġenera f'diżastru fuq il-livelli kollha li wieħed jista' jistħajjel, dawk intimi bejn il-koppji, politiċi, soċjali eċċ.

## KEWKBA TIDDI

Kif bdejt nikber
xi ħadd poġġa
kewkba tiddi
ġo qiegħ idi

U bqajt ngħożżha
qisha kienet
kobor ġidi.

Din il-kewkba
għadha miegħi
taqta' d-dalma
tal-iljieli.

Nibża' biss
li tista' tasal
biex tintfieli.

**ĠORĠ BORG**



## IL-POETA TALJAN ANTONIO VANNI JITKELLEM MA' IL-PONT DWAR IL-ĠABRA POETIKA TIEGĦU *DIMENTICATO*, Macabor, 2021

*Antonio Vanni è nato ad Isernia, dove vive. Lavora presso il reparto di Psichiatria del locale Ospedale. Ha pubblicato diverse raccolte di poesie. Ricordiamo:* La Nabe*, 1984,* Limemunza rami e la luna*, 1992, prefazione di Giorgio Barber Squarotti:* Diario di una nuvola bassa*, 1994,* L'And*, 1997, prefazione di Giorgio Barber Squarotti:* Le Artemie*, 2004, prefazione di Paolo Ruffilli,* Plasmodio*, 2017,* Iridio*, 2019, prima antologia di sue poesie degli anni '90. Ha curato per il mensile letterario "Il foglio volante", la rubrica di poesia dei giovanissim "L'aquilone".*

**Da dove nasce una silloge poetica come questa?**

*Dimenticato* è un nome proprio, il nome di un ragazzo caduto da una stella sul mondo. Trascorre il suo tempo a correre nei prati e nei boschi. È invisibile a tutti, tranne ad una Crisalide. Nasce da un sogno, il sogno che i ragazzi vengano ascoltati un pò di più da noi adulti che stiamo devastando il mondo. Non è un canto di protesta o di accusa, è forse semplicemente l'alito dei ragazzi.

**Favola e poesia si incontrano in queste tue brevi composizioni. È una coppia vincente. Cosa ne pensi?**

Un ragazzo che corre senza voltarsi mai indietro, quindi non si riposa, non mangia, può essere una favola di resilienza. Si, in *Dimenticato* la favola e la poesia si incontrano magari scambiandosi strategie per poter vedere il ragazzo che corre sul mondo. Potergli parlare, ascoltare cosa avrebbe da dire.

**Perché un bambino e perché "Dimenticato"? Ha anche a che fare con il mondo reale e immediato, dove non tutto è rosa e fiori?**

I ragazzi sono le entità più vicine alla poesia, per l'innata delicatezza e grazia che li abitano. A volte dico, quando parlo di poesia in qualche incontro, gli adolescenti sono poesia che cammina sul mondo. *Dimenticato* ci porta anche indietro nel tempo, a quando magari qualcuno viene messo da parte perché avvolto nei suoi problemi. Emarginato.




**Tutto è ambientato in uno spazio alternativo, tra l'arcadico-naturale e l'onirico, ma anche tra l'ombra e la luce. Perché questo?**

Il ragazzo invisibile che corre sul mondo fa suo ogni paesaggio che attraversa. L'alba che cade sul prato, il tramonto che abbraccia i rami degli alberi di un bosco, la notte illuminata dalla luce riflessa della luna, i fiori coloratissimi al mattino; si frappone fra persone anziane sedute, tra i contadini mentre mietono il grano. Ogni sfumatura di colore che attraversa lo fa un pò suo. Esiste, seppure invisibile, il dolce maratoneta dei campi e dei boschi.

**La poesia come un grido silenzioso ma forte di dolore, perciò uno sfogo dell'animo ferito del poeta che si trasforma in bellezza. Le tue reazioni?**

Osservando il dolore da varie prospettive, si riesce a carpirne la bellezza che in esso pur vive, il dolore esiste perché esiste la vita, e la vita è sempre bellissima.



Il-poeta Antonio Vanni

**Questo poeta vede la magia nelle cose più piccole, semplici ma belle. Tutto questo lontano dal caos che affligge la città moderna. Perciò il bisogno del "Candido ragazzo del cielo luminoso". Cosa ne pensi?**

Lontano dai fragori delle grandi città si riesce a carpirne appena un fruscio tra i fili d'erba mentre passa, correndo, *Dimenticato*. Il silenzio è voce, allora il mio sogno è dar voce al ragazzo atletico e profumato, luminoso come le stelle, nel silenzio dei paesaggi con poco cemento.

**La poesia, ma anche i sogni, come bussola che impediscono all'umanità, non solo al poeta, di perdersi. Quanto è vero questo?**

La poesia è affascinante proprio per la sua evanescenza. Può aiutare il mondo a migliorarsi, ma anche non farlo. Sicuramente la poesia sa dove incontrare chi si è perduto.

**L'elemento cromatico nei tuoi versi, ma anche le tante cose e creature presenti dentro rendono la tua poesia un racconto che può essere facilmente rappresentato tramite immagini e disegni. Queste tue poesie sono persino un racconto non solo per fanciulli, ma anche per noi adulti che non dobbiamo dimenticare il fanciullo dentro di noi. Ci sono elementi Pascoliani? È questo uno dei messaggi che vuole trasmettere questa tua raccolta?**

Io penso che se il mondo fosse governato dai ragazzi gran parte delle cose più atroci non esisterebbero, come la guerra ad esempio che si accanisce sempre sui più deboli e indifesi. Si, la delicatezza di Pascoli mi è cara, ed anche la rappresentazione con i disegni delle mie poesie tratte da *Dimenticato*, è possibile. Basterebbe già rovesciare tanti calamai sopra un foglio con gli inchiostri più luminosi, saltarci sopra a piedi nudi mentre sorridono i bambini. Piccolo mare di sfumature dove poter giocare.

**Anche dalla tragedia nasce la poesia più bella. Quanto è vero e possibile questo?**

La poesia è come una goccia di sangue. Non andrebbe mai sprecata. La poesia nasce sempre da una tua percezione del dolore. Quando a tredici anni annegò il mio amico del cuore e compagno di banco delle scuole medie, Luciano, in un laghetto della mia città dove ci recammo per evitare un compito di matematica, ecco in quel preciso istante il corpo leggero e caldo del tuo amico diviene freddo e rigido. La morte che ruba un bambino lo rende talmente pesante da non poterlo più sollevare. Resta lì dove resto anch'io. Parliamo attraverso la poesia, che nessuno mai dimentica.

**La "Crisalide" è una parola-immagine che ricorre in questa silloge. Cosa vuol significare esattamente? Forse anche il fatto che l'uomo è in una situazione di cambiamento-sviluppo eterno?**

In *Dimenticato* la Crisalide è l'unico essere vivente che riesce a vedere il ragazzo che corre sul mondo. Si strugge poiché è bloccata nel suo involucro, vorrebbe subito le ali per poterlo raggiungere e magari chiedergli, ma perché tu corri sempre, dal mattino alla sera, e mi passi accanto così tante volte e non mi degni d'uno sguardo. Forse perché il ragazzo sogna il cambiamento dell'uomo, che riesca a destarsi dai tanti incubi che infligge al pianeta ed agli abitanti tutti del pianeta terra.

**Chi è Antonio Vanni nella sua quotidianità?**

Io ho due figli che amo tanto, David e Manuel, e faccio un lavoro che è meraviglioso. Mi occupo di ragazzi diversamente abili mentalmente. Accarezzo i loro capelli magari quando sta per giungere la pioggia, o sta per calare la notte. Gli asciugo una lacrima che scorre lungo il viso come tanti tramonti che cadono nel mare.

## OLIVER FRIGGIERI – KRITIKU SKULAR

**Fil-21 ta' Novembru 2021, Oliver Friggieri għalaq sena minn mewtu. Charles Briffa jfakkar il-memorja tiegħu bħala kritiku letterarju.**

Parti mill-qawwa nazzjonali tal-Professur Oliver Friggieri (1947-2020) narawha tixref mill-ħila skulara tiegħu bħala kritiku letterarju ewlieni.

Fid-dinja akkademika nifhmu li l-kritiku letterarju jrid ikun professjonali, mgħobbi b'fiduċja akkademika u għalhekk fil-qosor ngħid li "kritiku" jrid ikun skular. Għaldaqstant, l-aħjar terminu li fih nista' nagħsar is-sugu kollu tal-identità ta' Friggieri bħala kritiku letterarju huwa "kritiku-skular", għax inqeda b'diversi oqsma ta' għerf il-bniedem. Tant hu hekk li din il-ħila ta' kritiku skular tinferaq f'diversi fergħat u rimjiet, u narawh fil-funzjonijiet tiegħu ta' storiku letterarju, kittieb ta' teorija letterarja, lessikografu letterarju, stilistiku, kritiku soċjoloġiku, bijografu letterarju, kritiku analitiku u deskrittiv, pluralist evalwattiv, u innovatur lingwistiku.

F'dak li se ngħid, ta' min jinnota li l-kritika tiegħu tqanqlet mill-imħabba li kellu lejn in-nazzjon u fih illum naraw sens kbir ta' storja (bħalma nsibu, ngħidu aħna, fi *Fjuri li ma Jinxfux – Tifkiriet 1955-1990* li ħareġ fl-2008). Imma din l-imħabba tfeġġ sew mill-mod kif ħaddem il-lingwa Maltija, u jekk niffokaw ftit fuq il-kitba tal-kritika tiegħu nintebħu li hu kien innovatur lingwistiku.

Friggieri ġabar bosta mit-termini letterarji li trabbew matul il-medda sħiħa tal-kritika letterarja fil-ġrajja umana u qalibhom għall-Malti sabiex ikollna l-għodda meħtieġa ħalli nitkellmu fuq kull xorta ta' letteratura siewja u b'hekk inlaħħqu ma' sħabna f'artijiet oħra. Imma Friggieri bħala kritiku-skular kellu joħloq provvista ta' termini bil-Malti u frażjoloġija xierqa minbarra l-materjal li daħħal fid-dizzjunarju ta' termini letterarji tiegħu. Bena reġistru tal-kritika biex ikollna l-għodda meħtieġa ħalli naħdmu.

Mela, fl-esperjenza tiegħu fil-qasam tal-kritika letterarja kellu jibni reġistru biex ikun jista' jaħdem bih. Dan ir-reġistru (jew xorta ta' lingwa maħduma bil-għan li tkun tixraq is-sitwazzjoni tagħha) inbena permezz tal-użu partikulari ta' xi forom eżistenti, l-introduzzjoni ta' forom ġodda, il-kostruzzjonijiet grammatikali speċjali, u t-trawwim ta' stil xieraq. Fil-




proża Maltija kattar ir-riżorsi tal-varjetà tal-kritika letterarja. Fid-dimensjoni lingwistika tagħha din il-varjetà tagħraf livell ta' teknikalità u formalità fil-għażla tal-kitba. L-għażliet lingwistiċi fi proża li qiegħda titkellem fuq xogħlijiet letterarji (għażliet li mhumiex arbitrarji imma utli) iressqu lill-kritiku lejn l-għolja nazzjonali. Il-progress fil-lingwa kellu jseħħ minħabba l-ġrajja soċjali, ekonomika, u intellettwali ta' pajjiżna – pajjiż li jrid jiftaħar b'rixu fil-ġirja politika u attitudinali fil-għalqa internazzjonali.

It-tusigħ lingwistiku jidher relevanti fil-ħsieb soċjali tal-kultura Maltija. Huwa marbut mal-kreattività u mal-libertà, u fl-istess waqt jirfed u jqawwi l-istabilità ta' valuri u kwalitajiet kulturali. Friggieri kien il-kritiku li ma jħalliniex ninsew li l-arti għandha funzjoni soċjali xi twettaq u li jekk nazzjon jiddivorzja ruħu mill-kultura tiegħu jiftaqar u jiddgħajjef fl-iżvilupp intellettwali tiegħu. Il-kritika tevita l-periklu tal-fossilizzazzjoni. Fiha hemm it-tama għall-poplu għax bil-kritika qed inlaħħqu mal-vitalità taċ-ċiviltà

Ewropea. Avolja għandna soċjetà devota ħafna għall-konsumeriżmu, għall-internet, għall-futbol, għas-songs populari, għal-lotteriji, u għall-murtali tal-festi, il-letteratura xorta baqgħet tikber u tiżdied. Il-kritiku u l-artist ('il bogħod mill-facebook) xorta jistgħu jkunu sensittivi u jagħżlu bejn dak li hu sinifikanti u dak li hu bla siwi.

Ir-reġistru tal-kritika li Friggieri bena, juri tentattiv biex ikun hawn terminoloġija xjentifika li tispjega l-effetti letterarji għax is-sistematizzazzjoni ta' Friggieri ispirat bosta termini essenzjali u kunċetti ewlenin fil-kritika bil-Malti. Fil-letteratura jara l-użu tal-lingwa bħala ħaġa organizzata u fil-kritika jara l-kontinwità essenzjali tal-lingwa u l-kultura. B'din it-terminoloġija l-kritika tinħeles mill-impressjonaliżmu u l-emozzjonaliżmu tal-kritiċi ta' qablu. Hija terminoloġija xjentifika (fis-sens li hija sistematika u aktar eżatta minn dik it-terminoloġija li nsibu fil-kritika espressiva) li trid tiddeskrivi l-letteratura. Mhux biss għandna l-introduzzjoni ta' termini letterarji imma għandna wkoll l-istandardizzazzjoni tagħhom għall-kritika.

Il-kritika ta' Friggieri tinqeda bi proża loġika, spiss riflessiva u kultant espożitorja, li xxaqleb ħafna lejn it-ton persważiv – il-persważjoni fi Friggieri qatt ma hi goffa, dejjem ġentili. Minħabba li trid ixxandar opinjoni jew tispjega xi teorija, il-proża kritika taf tuża lingwa ssemantiċizzata, jiġifieri tkun mgħobbija b'ħafna tifsir, meta l-mekkaniżmu stilistiku jgħarrex għat-tifsir li jmur 'l hemm mill-interpretazzjoni superfiċjali. Dan isir mhux bl-istess mod tal-lingwa poetika li nistgħu nqisuha bħala ħajpersemantiċizzata għax il-livell komunikattiv tagħha kapaċi jilħaq l-ogħla skala bil-valuri interpretattivi tiegħu. Il-proża kritika taf tkun kreattiva f'żewġ waqtiet: (a) meta l-kritiku jagħmel użu oriġinali mill-potenzjalitajiet tal-lingwa – jaħrab il-klixejiet u juża forom ġodda; u (b) meta l-kritiku joħloq possibilitajiet komunikattivi ġodda – jivvinta forom li qatt ma eżistew fil-lingwa.

Dan li għedt juri ftit mill-ħidma ta' Oliver Friggieri li għen bil-bosta sabiex il-Malti jistagħna b'mod xieraq.





**Kif jiġu l-ideat qabel tissawwar xi poeżija bħal *Submersi filii* li rebħet l-ewwel premju fil-Konkors tal-Poeżija Doreen Micallef 2021.**
**Jikteb Carmel Scicluna**

Hawn din l-idea romantika li l-poeta jaħtarlek kalm kalm xi qagħda bħal dik ta' *Le Penseur* ta' Rodin, u jistenna riesaq ħejju ħlejju l-anġlu tal-muża ta' xi Paul Cezanne – mara b'wiċċha bjond u lixx, sabiħa daqs ir-Reġina Ester, bil-ġwienaħ bajdana jperpru. Din tiġi kisknijiet, u ħabta u sabta, biex minn wara dahar il-poeta bilqiegħda, troddlu dik il-bewsa zokkrija u msaħħra fuq ġbinu ... imbagħad jarmaw inixxu l-versi minn moħħu.

Ili nistenna imma s'issa qatt ma ġew nisa jbusuni ħa jnebbħuni. It-tnebbiħ jasal għandi b'bixra prożajka u komika.

Inqum strumblat, ninżel mis-sodda, nolqot il-potty, b'moħħi mħawwad għal alla, lanqas nirrealizza li rqadt bil-ħwejjeġ b'kollox, u li llum is-Sibt, l-ewwel ġimgħa t'Ottubru, u li saru d-disgħa ta' filgħodu, u arani nfellek immantar, u l-klieb jinbħu waħda f'waħda mill-bogħod għax daqqa – bumm! - dħalt ġol-ħajt u daqqa – bumm! - ġol-bieb tal-kamra tal-banju. Nipprova ma nagħmilx fl-art. Nimxi tul il-kuritur. Nidħol fil-kamra tiegħi u nġerri l-purtieri li għandi quddiem il-bieb tal-aluminju tal-gallarija.

Arani nsib is-sufan li hemm fl-istudju tiegħi u ninxteħet fuqu. Ma nagħmel xejn ħlief niggosta l-isturnell għaddej fuqani u nisma' l-pitirrossi jzekzku fil-prinjol u s-siġar taż-żebbuġ.

F'nofs il-konfużjoni li hemm ġo moħħi arahom

għaddejjin xi memorji u nostalġiji ta' meta kont tifel. "Int kont tifel fil-veru sens tal-kelma u bqajt hekk għal għomrok," għandha ħabta tgħarrafni ommi. Ta' erbatax-il sena kont għadni nilgħab barra mat-tfal tal-ġirien u kont inqatta' ħafna ħin waħdi nilgħab taħt it-taraġ bis-suldati. Għorokt għajnejja u ftakart f'missieri ta' 52 sena, daqskemm għandi żmien illum, tih jilgħab il-ballun miegħi u ma' ċorma subien storbjużi fit-triq tagħna, San Rafel, Ħal Qormi, u ttih xejn iktar. Marti tgħidli li ta' sittax-il sena kienet għadha tilgħab b'pupa li kien xtralha missierha.

Moħħi għadu għaddej, il-pitirrossi għadhom jiċċelebraw ix-xahar tagħhom, idejja miġburin f'ħoġri. Binti għandha 15-il sena daqskemm kelli jien meta kont niġri b'kaxxa tas-sulfarini naqbad ix-xagħat mill-ġardina tad-dar tagħna, u binti kienet qaltli li taf bniet tamparha li kienu qed jeħxienu għax qegħdin fuq il-pill. Il-ġenituri jħeġġu t-tfal jeħduha, kienet irrakkontatli binti, biex ma jinqabdux tqal u jkollhom jagħmlu abort. Missieri u nannti kienu dejjem ifakkruni li ġismi hu tempju t'Alla u ma nistax inkasbru, u s-sess hu sagru u jista' jsir biss bejn raġel u mara miżżewġin bil-Knisja. Kien hemm tfal tal-ġirien, fis-sebgħinijiet tas-seklu l-ieħor, li ommhom kienet theddidhom li toqtolhom jekk jiġu b'xi tarbija d-dar. Ommi kienet tistagħġeb b'binti titkellem għal ħin twil fuq ix-xahar tagħha quddiemi, missierha. Ommi tfakkarni li ħadd minna, uliedha, ma kien jazzarda jlissen nofs ta' kelma fuq is-sess biswit missieri. U l-ġara tiegħi minn fuq – meta kien? smajtha tħanġar b'garġi ta' pixxiplamtu lil binha li hi u missieru sejrin weekend break u jekk irid jista' jorqod mat-tfajla fis-sodda tagħhom illejla.

Iż-żeitgeist. Alla, ix-xitan. Filli nemmnu, filli le. Tant taqlib – tgħid l-aħħar taż-żmien? Il-profeti jgħidu li qrobna. L-epoka tal-innoċenza, issokta jmaħħaħ moħħi mgeġweġ. Valuri li għamu sal-qiegħ; oħrajn ħadulhom imkienhom. Min jgħum fil-baħar tal-ħajja fil-baxx, fil-wiċċ, fejn jilħaqlu, min ifettet riġlejh fuq ix-xatt u min jasal sat-trixx, min jodgħos. Min ma jafx jgħum jista' jegħreq meta jimbuttawh, mhux hekk? Għalhekk naħseb tajjeb li għallimt u għadni ngħallem lil uliedi jgħumu f'kull sens tal-kelma fil-baħar tal-ħajja. Allaħares, Madonna, tegħriqli t-tifla. Kieku x'nagħmel? Niġġennen! X'jaqbad jagħmel ġenitur biex uliedu ma jegħrqulux? Min hu l-aqwa ġenitur? Jien ġenitur tajjeb biżżejjed biex ma jegħrqulix uliedi? U jekk uliedek mhumiex aħjar mit-tfal ta' ħaddieħor u int m'intix aħjar minn ħaddieħor u jkollok ...

"Karta bajda!" Bajrow. Inqum f'salt. Insakkar il-bieb minn ġewwa. Nibda. Il-''muża'' ġiet, tatni daqqa ġo nofs rasi, bewġet lil hinn ... u issa ħin ix-xogħol. Kemm alla ħalaq tgerfix. Ħżuż. Sentenzi maqtugħin. Abbozz imħarbat. Fit-tieni abbozz inqas imħarbat niddeċiedi li nikteb bil-vers tal-ħdax u naqtagħha min se jkun in-narratur. Issa ħierġa speċi ta' poeżija! "Madoff, għadni lanqas ħsilt wiċċi!" U bilħaqq jien miżżewweġ u qed ngħix fid-dinja! Kelma l-mara malajr malajr, isa, isa, u wegħda sollenni li l-ħin li kont se nagħmel imsakkar fl-istudju se npattihulha bil-kbir. Bewsa ħafifa. Inkomplu. Moħħi m'għadux strumblat. Qed isir pjuttost reqqien kulma jmur. Riċerka? Ma jidhirx li hawn bżonnha. Jitlesta t-tielet, ir-raba' u l-ħames abbozz fl-istess ġurnata. Mill-karti ngħaddu għal-lap top. Il-poeżija li donnha lesta tintemm ma' ħamsin oħra bejn il-qoxriet tat-tielet volum ta' poeżiji. Imma mhux lesta, le. Imma ma nista' nsib x'nirranġa xejn. Igerbu l-ġimgħat. Nerġa' niflieha. It-titlu – 'It-tfal qed jegħrqu' - mhux qed jolqotni. Nagħmluh 'It-tfal jegħrqu'? Nibdluh għalkollox? Le. Dan l-aħjar titlu għax jimplika bosta ... imma mhux idoqqli, ta. Ejja nagħmluh bil-Latin, ċuċ. *Submersi fillii*! Ara kemm idoqq, chief! U jekk it-tfal qed jegħrqu, bro, u nagħmlu l-versi qishom qed jegħrqu, u tinħoloq ċerta asimmetrija biex tixhed ...

**SUBMERSI FILII**

Ma fadalx wisq xi ngħid la t-tfal bdew jegħrqu.
Kont hemm u rajt il-bżieżaq f'wiċċ il-baħar.
Kienu bosta l-profeti li ħabbrulna:
"Mewġ qalil se jobrom: għallmu ż-żgħar jgħumu!"
L-aqwa ġenitur ma jsibx tarf dan l-ilma.
Għax kont hemm – kont naf ... ġenitur – ifhmuni.
Issa l-ulied niżlu taħt l-ilma mqalleb:
inutli nibqgħu fuq il-fond intanbru.
Kondoljanzi 'l dawn l-ommijiet bla ħtija.
Kondoljanzi 'l kull missier li ma tgħallimx
is-sinjali tal-qilla ta' traġedja
ta' forza akbar minna u ħażina,
li kienet ilha riesqa f'dawn l-inħawi.
Jonqosni mmur f'kamritha nitfi l-lampa;
il-kutri l-bojod li saħħnuha nitwi.
Niġbor ġo borża kbira l-ġugarelli.
Minflokha npinġi stampa bi lwien jgħajtu.

**'Submersi Filii' intgħażlet minn 50 sottomissjoni eliġibbli bħala r-rebbieħa tal-ewwel premju tal-Konkors tal-Poeżija Doreen Micallef 2021.**



## MARJETA SHATRO RRAPAJ - POETESSA ALBANIŻA

**Tagħrif u traduzzjonijiet minn Alfred Massa**

Marjeta Shatro Rrapaj twieldet fi Gjirokastra, l-Albanija fil-15 ta' Diċembru 1974. Hija miżżewġa u għandha żewġ ulied subien, illum inġiniera. Il-professjoni tagħha hija ta' għalliema tal-lingwa Albaniża u tal-Franċiż. Iżda taf sew ukoll it-Taljan. Kittieba ta' proża u poeżija. Hija tagħmel ukoll qari ta' provi ta' kotba u saħansitra tgħin fl-editjar tagħhom. Marjeta hi l-aktar magħrufa bħala waħda mill-aħjar poeti kontemporanji nisa ta' pajjiżha. S'issa ppubblikat tmien volumi ta' poeżija u kotba oħra.

Hija rebħet premjijiet f'diversi konkorsi letterarji. Fl-2019 ingħatat il-Premju Alphonso G. Newcomer Poetry Train fl-Istati Uniti u l-Kanada għall-volum poetiku bl-isem *Vetsa*. Sentejn wara fl-2021 rebħet l-ewwel premju fil-Festival tal-Poeżija fil-Bulgarija. Il-kotba tal-poeżija tagħha huma bosta u tikteb tajjeb kemm bl-Ingliż, bit-Taljan, bil-Franċiż u, naturalment, bl-Albaniż.

It-temi li tikteb dwarhom huma diversi, minn dawk romantiċi għal dawk ambjentali. L-istil tagħha hu modern għall-aħħar, ixaqleb lejn dak prożajku.

Hawn ser inġibu xi poeżiji minn tagħha biex indewqu lill-qarrejja x'tip ta' poeżija tikteb din il-poetessa Albaniża.

### LIBERA

F'din id-dinja illużorja
nafu sew x'aħna,
nafu l-għeruq ta' xulxin.
Waqqafna l-limiti tagħna stess
li aktar tard kapaċi nneħħuhom
konxjament
waqt li niġu mbuttati bl-istess pressjoni.
Kapaċi niksru r-regoli l-qodma
biex niktbu oħrajn ġodda.
Kapaċi nazzardaw nibnu futur
bla ebda dispjaċir,
mingħajr ma naħbu l-maskra ta' fuq wiċċna.
Sadattnat, ninxtorbu mid-dawl tal-verità
li jinvadi 'l għajnejna
waqt serati ħielsa ta' paċi u sliem.

### NIĠI GĦANDEK

Niġi għandek bħala t-tama l-ġdida tiegħi
bħala l-għodwa mqajma minn tlugħ ix-xemx
bħala tifkira li tirrestawra l-imgħoddi
bħal għasfur li tħawwad fi ġwenħajh stess.
Niġi mingħajr ma nħabbat
bl-innoċenza ta' ruħ
li tteptep dawl
meta jħaffu l-kuluri tal-ħajja;
meta l-lejla waqt l-għabex
jibdew il-pellegrinaġġ tagħhom.

### NOSTALĠIJA SIEKTA

Il-jum jinżel minn smewwiet oħra;
żebgħa bla tarf ta' kuluri oskuri
taqa' fuq il-belt tard filgħaxija
tferra' lilha nnifisha fuq gradi u siġar tal-ġir fit-triq.
F'xi ħin ir-riħ jilgħab mal-mewġ imdejjaq
li jitbewwes f'baħar kemxejn irrabjat.
Iżda l-għada jisbaħ żejt il-baħar
il-mewġ itemm il-logħba solitarja,

aħħarija,
tiegħu f'eternità.
L-istorja tirrepeti ruħha
u kollox ixidd fuqu mill-ġdid il-libsa tal-passat
waqt li tinħass nostalġija siekta
li tibqa' tistenna u tistenna.

## GĦALIK, CLEOPATRA!

O ikona ta' sbuħija inkomparabbli!
Int Afrodita u alla tal-imħabba.
Bl-eleganza tal-kliem,
b'leħen artab,
b'retorika divina,
bil-qawwa tas-sovran
u bil-ħila politika
kont il-mara maġika
li kkawżat biża' bl-għerf tagħha.
Għalhekk, kull mara tixtieq tkun bħalek.
Int simbolu ta' reżistenza!
Il-fama tiegħek ser tivvjaġġa matul iż-żmien.

Int irnexxielek timmortalizza lilek innifsek fl-Istorja
bħala l-iktar reġina Eġizzjana glamoruża
għax ġejt mgħammda bl-immortalità.






***ĦAJJA U MEWT, IL-MARD U S-SAĦĦA - Għawdex fi Żmien l-Arċipriet Dun Martin Camilleri*** **ta' Dr Mario Saliba MD. Mitbugħ minn A & M Printing, 2021, Qoxra Iebsa.**
**Jikteb Charles Bezzina**

Dan l-aħħar ġie mitbugħ il-ktieb fuq imsemmi mit-Tabib Mario Saliba, membru fl-Akkademja tal-Malti, u kittieb ta' diversi artikli interessanti f'rivisti, gazzetti u l-bqija. Dan il-ktieb, li qrajtu kollu, jimla lakuna importanti fl-istorja ta' Għawdex. Għalkemm l-awtur isemmi ħafna n-Nadur f'dan il-ktieb, fi żmien l-Arċipriet Dun Martin Camilleri, huwa jwessa' l-firxa u t-tematika tiegħu fuq Għawdex kollu, u joħroġ l-impatt li l-mard, bħalma ngħidu aħna, l-Influwenza Spanjola, ħalla fuq l-Għawdxin fit-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija.

Il-ħajja soċjali tilgħab parti importanti f'dal-ktieb. Kienet ħajja fqira, u r-raħħal jew il-bidwi kien jistinka mis-sebħ sad-dlam biex jaqla' l-bukkun tal-ġurnata.

Kien hawn familji b'ħafna ħluq, familji bi tmien jew disat itfal, li jridu jieklu minn dak li kienet tipprovdilhom ir-raba' tagħhom. Xejn ma kien jintrema dakinhar, u meta kienu jsajru xi tiġieġa, ir-rix tagħha kienu jerfugħ biex jimlew l-imħaded. Il-bdiewa kienu jieħdu t-tagħam għand it-taħħan, l-imtieħen popolari ta' dari, biex jitħnuh, u jiġbru d-dqiq mingħandu. Xejn ma kien jintrema, u l-qxura kienu jagħtuha lill-fniek. Bit-tiben kienu jimlew is-saqqijiet, u b'affarijiet sempliċi jagħmlu għodod u ħwejjeġ oħra. Kull roqgħa raba' kienet tinħadem. Xejn ma kien għalxejn.

Il-ħarrub ma kienx jitħalla jaqa' mis-siġar, imma jinġabar u jagħtuh lill-annimali, u ġieli jikluh huma stess. Lanqas il-bajtar tax-xewk ma kien jintrema. Għal kollox kienu jsibu tarf, u s-suf tan-nagħaġ kien jinħadem biex minnu jagħmlu ħwejjeġ u fradi. Kien hawn aktar nies tas-snajja' minn dawk tal-lum, fosthom dawk li jagħmlu l-kwiener, iħabbtu l-qoton, u jinsġu n-newl, ... u l-poplu kollu minkejja l-faqar li kien jgħix fih, għaraf jimbotta l-mutur tal-ħajja bil-perseveranza tiegħu.

Minħabba nuqqas ta' iġene, u billi kien hawn ukoll il-ħmieġ, kien hawn ħafna mard, biċċa minnu jittieħed. F'dan il-ktieb insibu l-lista tal-mard li kien jaffettwa n-nies dakinhar. Ma kienx hawn mediċini apposta, u għalhekk kienu jirrikorru għad-duwa tal-ħxejjex. Kienu jmorru għand l-ispiżjar biex iħalltilhom il-mediċina, jew imorru għand nies li jgħidu kellhom il-ħila jfejqu n-nies b'dak li jagħtuhom. Kien għad hawn il-biża' li persuna tidħol l-isptar jew lazzarret, fejn kien hemm il-mard li jittieħed. Ma kienx hawn fiduċja fl-isptarijiet ... u l-poplu fil-biċċa l-kbira tiegħu kien għadu illetterat. Il-ħafa kien komuni. Missieri Frank Bezzina (1925-96), jgħid fit-tifkiriet tiegħu li kien jara żewġ t'aħwa b'qorqa kull wieħed, u jinfaxxaw is-sieq l-oħra taparsi għandhom ġerħa. Dan għaliex ma kienx permess li tidħol l-iskola ħafi. Imma mbagħad il-ħafa fil-knisja kien komuni, u aktar u aktar fit-toroq u fil-pjazez. Din il-ħaġa jsemmiha wkoll l-awtur, li jidħol f'ċerti dettalji li ma ssibhom f'ebda ktieb dwar l-istorja ta' Għawdex.

Kien poplu li jgħix id-drawwiet u t-tradizzjonijiet ta' missirijietna bl-akbar lealtà. Kien poplu li ħabb u li għex il-fidi b'vokazzjoni kbira. Kien jiċċaħħad biex jara li t-tempju, bħalma hu dak tan-Nadur, ma jkun jonqsu xejn. Dan kien Għawdex ta' mitt sena ilu. Ħajja sempliċi, ħajja tal-kampanja, ħajja tas-sajjieda, fejn bosta Għawdxin, minħabba nuqqas ta' xogħol, kellhom jitilqu din il-gżira u jmorru jbaħħru l-ibħra u l-oċeani fuq vapuri merkantili.

L-awtur, irnexxielu f'dan il-ktieb joħroġ it-teatru tat-triq, l-ilwien tan-nies, bit-tajjeb u l-ħażin li kellhom, bis-sid tal-mogħoż idur it-toroq, biex ibigħ il-ħalib tagħhom lil dawk li jkunu jistennewh, il-parruċċani. Isemmi kemm kien hawn imqawel għall-annimali, swieni fir-raba' biex itellgħu l-ilma u jsaqqu, furnara jagħġnu fi njiebi u l-bqija. L-awtur jikteb ukoll dwar l-impatt li ħalliet l-Ewwel Gwerra Dinjija, meta bosta Għawdxin issiebħu fil-Labour Corps u ttieħdu Salonika, minn fejn uħud mardu bil-malarja u mietu. Isemmi wkoll b'interess kif ħakmet f'Għawdex l-Influwenza Spanjola, u l-konsegwenzi li ħalliet.

Ma nistax f'dan il-ftit spazju ngħid aktar. Biss inżid li dan il-ktieb huwa mżejjen b'ritratti antiki li l-awtur ħa mingħand diversi persuni, fosthom jien, u mill-Arkivju Nazzjonali. Fil-maġġoranza tagħhom huma ritratti ta' Mikiel Farrugia, Il-Badiku, li allaħares ma kienx hu, għax kieku m'għandniex id-dehriet sbieħ u interessani li hu ħa minn Għawdex tal-imgħoddi. Dan il-ktieb huwa wieħed tal-Melitensia, u għandu jkun fl-ixkafef ta' dawk kollha li jħobbu u jgħożżu l-istorja ta' art twelidna. Huwa kontribut storiku ieħor għal pajjiżna.

## IL-BAĦĦ TAL-GALLARIJA

il-baħħ tal-gallarija jidwi t-telfa tiegħek
is-sardinell li ħammar issa niexef
u l-weraq ħfief midbiela taru
mar-riħ skabruż tal-bieraħ
li ħassar anke tifkiret il-pjaċiri
tonxor il-ħwejjeġ tnaddaf it-twieqi tiżbor il-pjanti
tnittef il-ħsibijiet malizzjużi ...
u n-nagħnigħa tħaddar tistenniek
għal xejn;
u llum il-belt tiegħek mitlufa
tistenna li xi darba jiftħu l-ħwienet
u tifraħ bl-għagħa tan-nies.

**JOHN P. PORTELLI**

## IL-MALTEMPATA

**Rakkont ta' Mary Chetcuti**

"Ejja ma, għamel il-kuraġġ. Grazzi għall-Ħanin Alla ma għandekx ksur. Fekkikt il-polz u għandek dik id-daqqa fuq moħħok," Rita bdiet tispjega lil ommha hi u tmellsilha xagħarha abjad qoton ħalli tikkalmaha.
"Qattus rasi kemm qlajtlek inkwiet, ma kienx tapit li tgerbibt fih. Trid tmur titma' dawn it-tfal u naħseb lanqas ilħaqt lestejtilhom xejn," tenniet ix-xwejħa omm.
Rita tbissmet, "Qed tinkwieta għalxejn ma ħi għax it-tfal ħa ħsiebhom Pawlu. X'ridtni nagħmel, inħallik tbati d-dar mingħajr ma jarak tabib? Issa strieħ ftit u tara kif sa għada tkun ħafna aħjar."
"Għandek raġun binti. Ibża' għalih lil żewġek Pawlu għax tassew raġel sew. Mur inġabar inti wkoll Rit, issa norqod ftit," kompliet ommha filwaqt li taptpitilha fuq idha.

Rita ġabret il-basket tagħha minn ħdejn is-sodda u wara li bieset lil ommha ħarġet mis-sala fejn poġġewha għall-osservazzjoni minħabba l-waqgħa.
"Din kien jonqosha ommi iktar ma' qatgħet lura minn saħħitha dan l-aħħar. Issa naraw. La nasal id-dar inċempel naqra lil ħija forsi għada jsib ħin jittawlilha wkoll," ħasbet bejnha u bejn ruħha Rita hi u ħierġa mill-isptar.

L-għada Rita bakkret bħas-soltu. Żewġha mar iwassal lil uliedhom l-iskola qabel jidħol ix-xogħol. Hi daħlet tinħasel biex tlesti għax-xogħol ukoll.
Kif kienet sa taqbad tilbes daqqilha l-mobajl. Irrispondietu mill-ewwel, kien mill-isptar. Qalulha sabiex tgħaddi sal-isptar għax il-professur ried ikellimha.
Rita ċemplet fuq il-post tax-xogħol tagħha biex tavżahom li ma setgħetx tidħol minħabba emerġenza. Saqet qisha miġnuna u fi kwarta waslet fil-parkeġġ tal-isptar.

Hi u dieħla fis-sala fejn kienet tinsab ommha lemħitha infermiera li għarfitha mill-jum ta' qabel,
"Sinjura Cassar! Għaddi hawnhekk jekk jogħġbok," sejħitilha u indikat b'idha lil Rita sabiex tidħol ġo kamra żgħira fil-kuritur ħdejn is-sala.
Il-professur kien bilqiegħda jikteb xi ħaġa. Għolla rasu u qalilha, "Malajr ġejt Sinjura Cassar. Poġġi sakemm inlesti din u nitkellmu ftit. M'hemm xejn ta' allarm tafx."



Rita intasbet fuq siġġu quddiem il-professur filwaqt li b'leħinha mriegħed qaltlu,
"X' inqala' profs? Jaqaw ommi marret għall-agħar?"

Il-professur għamlilha sinjal b'idu jiġifieri dalwaqt magħha u bħaċ-ċuċ kellha tistenna xi ħames minuti sakemm ikompli jħarbex fuq il-karti li kellu quddiemu. Dak il-ħin kellha aptit twerżaq twerżiqa f'wiċċu ħalli jfittex jgħidilha għalfejn bagħat għaliha.
"Mela, il-mamà ma' għandha xejn li jista' jinkwetana, Sinjura Cassar," beda bil-mod il-professur.
Rita ħasset bħal piż tqil jaqa' minn fuq sidirha. Il-professur kompla, "Sejjaħtlek hawn biex ngħidlek li ħassejt il-bżonn li neżaminawha dwar il-kapaċità mentali tagħha. Il-mamà għandha l-età u nnutajt li qed turi sintomi ta' bidu ta' dimenzja...."
"Dimenzja? Le, profs, naħseb għandek żball, ommi qatt ma wriet sinjali ta' hekk. Għandha memorja tajba u ...." bdiet tipprotesta Rita sakemm il-professur qatalha kliemha.
"Mingħalik. Is-sinjali jibdew ftit ftit u għall-bidu diffiċli tinduna bihom. Imma mill-bieraħ għal-lum l-infermieri raw bidla kbira fl-imġiba tal-pazjenta u qed nissuspettaw li d-daqqa li ħadet fuq moħħha għamlitilha aktar ħsara f'dan ir-rigward."

Il-professur qalleb xi karti u kompla, "Mir-ritratti li ħadnilha ma jidhirx li hemm xi ksur fl-iskutella tar-ras jew xi tip ta' xokk vjolenti li seta' effettwalha d-dawl ta' għajnejha wkoll. Deni... għandha ħajta biss. Però, jibqa' l-fatt li l-mara hija aġitata ħafna u qed tħawwad fil-kliem. Biex inkun ċert ħa nitlob konsulta ta' speċjalista fil-ġerjatrija u jekk ikun hemm bżonn jibdilha l-kura."
Rita staqsiet, "Kura għad-dimenzja? Jiġifieri tista' toħroġ minnha?"

Il-professur neħħa n-nuċċali tal-qari u filwaqt li beda jogħrok bejn għajnejh qal lil Rita,
"Il-kura li għandna fil-preżent ma tfejjaqx lill-pazjent mid-dimenzja. Li tagħmel hu li ttawlilha ż-żmien milli tiggrava. Issa tirċievi l-appuntament mal-ispeċjalista u nimxu minhemm," temm jgħidilha l-professur.

Rita rringrazzjatu u ħarġet fil-kuritur. Ma setgħetx tniżżilha li ommha kienet qiegħda tmur minn moħħha. Kif jista' jkun, mela x-xjuħ taqbadhom id-dimenzja hekk f'salt?! Daħlet fis-sala u marret ħdejn is-sodda t'ommha u sabitha rieqda.
Rita mellsitilha xagħarha qisha qiegħda tirranġahula mingħajr moxt; mossa li kienet ilha tagħmilha mindu kienet ċkejkna u ommha kienet taqbad tidħaq għax tiggustaha. Ommha fetħet għajnejha.
"Ħsibtek kont rieqda, ma," tbissmet Rita.
"Le binti, ma kontx rieqda. Għaddejjin wisq ħsibijiet minn moħħi biex norqod...."
Rita kienet sa tiftaħ ħalqha biex titkellem imma ommha waqqfitha, "Le, ħallini ħa nitkellem Rit." Ix-xwejħa ħadet nifs qawwi u kompliet, "Jekk niġi nieqsa ara qis li inti u ħuk tieħdu ħsieb missierkom...."
Rita nħasdet, "Ma, x'inti tgħid! Fejn tridna nsibuh lil missierna jekk fl-40 sena... jew kemm ilu mindu abbandunak qatt ma smajna b'aħbaru aktar. Lanqas...."

Ommha bdiet ixxengel rasha 'l hawn u 'l hinn, "Le, mhux tassew, mhux tassew! Missierkom id-dar qiegħed. Morru ħudu ħsiebu wliedi... ħudu ħsiebu tħalluhx waħdu..." Ommha bdiet tibki u tross idejn Rita bejn idejha t-tnejn qisha qed titlobha bil-ħniena.
Rita tbikkmet. Issa kienet qed tara b'għajnejha dak li pprova jgħidilha l-professur. Imma kif hi qatt ma indunat b'xejn għax wisq probabbli ommha kienet ilha turi sintomi ta' żmagar.
Bdiet tikkalmaha u qaltilha, "Ma, ikkalma.... issa nieħdu ħsiebu aħna lil missieri. Tajjeb hekk?"
Ommha kkalmat ftit u reġgħet serrħet rasha fuq l-imħadda. Wara ftit għalqet għajnejha. Kienet tidher ferm fraġli u għajjiena. Fil-jumejn li kienet ilha l-isptar qisha xjaħet 10 snin f'daqqa.

***

"Ma tantx hemm x'nistgħu nagħmlu Rit", tenna Toni wara li qagħad jisma' dak li kellha xi tgħidlu oħtu.
"Naħseb l-unika ħaġa li nistgħu nagħmlu hija li




nippreparaw ruħna għalli ġej," qalet ħosbiena Rita.
Toni ħares lejn Rita, "X'jiġifieri?"
Rita kompliet, "M'intix tara? Fejn ommi qatt ma kienet tlissen kelma dwar missieri, issa f'daqqa waħda moħħha qed jimmaġina li għadu d-dar u qed tibża' li aħna ħa nabbandunawh."
"Mela mhux hekk! Jekk għadu ħaj dak il-bagħal nixtieq niġi wiċċ imb wiċċ miegħu għax nagħtih ħasla ħara nobis. Ma ħaqqux aħjar, kemm batiet miskina ommi minħabba fih", qal Toni, li mill-ewwel kienet taqbdu rabja kbira malli jiftakar kemm rat fuq wiċċha ommu biex rabbiethom u lestew l-iskola kif xtaqet hi. Kienet tmur kuljum taħsel u ssefter għand in-nies.

Toni ma kellux memorji ta' missieru. Kien tarbija ta' 8 xhur u oħtu kellha 3 snin meta missierhom abbandunahom.
Ommhom qatt ma kienet titkellem fuqu, iżda mill-ftit drabi li rnexxielhom jieħdu xi ħaġa minn fommha tathom x'jifhmu li seta' kellu wiċċ ħaddieħor għalhekk għamel li għamel.

Meta l-aħwa kibru u bdew jifhmu aħjar is-sitwazzjoni tagħhom kienu jippruvaw jikkonvinċuha ssib fejn joqgħod, xejn xejn toħodlu manteniment. Imma għalxejn, għax ommhom kienet tibda taġita ruħha u ttenni li ma riditx inkwiet. Wara kienet tingħalaq fiha nnifisha u tagħmel il-ġranet bilkemm tlissen kelma.

Fl-aħħar mill-aħħar Rita u Toni ntebħu li aħjar ma jitkellmux aktar dwar missierhom għax kull darba li qabduha fuq das-suġġett bla ma jafu kienu qed jiftħulha ġerħa ġdida; u kollox miet fuq ruħ ommu.
Issa, wara daż-żmien kollu ommhom minn jeddha kienet qed issemmieh hi lil missierhom. Kienet

għafsa ta' qalb kbira għalihom jaraw lil ommhom f' dal-istat; ma kienx ħaqqha jiġrilha hekk.

***

Il-mewt għal għarrieda t'ommhom ħasidthom. Ġiet bħal sajjetta fil-bnazzi ftit jiem qabel kellha ssirilha l-konsulta mal-ispeċjalista tal-ġerjatrija.
Rita rċeviet telefonata fil-ħdax ta' billejl; kienet l-infermiera prinċipali tas-sala fejn kien hemm ommha, "Sinjura Cassar, aħjar tiġi sal-isptar u għid lil ħuk biex jiġi wkoll...."
Rita tbikkmet u lanqas tatha ħin tkompli lill-infermiera, "Xi ġralha ommi? Jaqaw mietet? Toqgħodx taħbili għidli x'ġara?"
"Ikkalma sinjura, il-mamà tagħkom ħassha ħażin u nippreferu li tkunu hawn. Hawn it-tabib magħha u talabna nsejħulkom. Dak biss naf jien," qatgħetilha fil-qasir l-infermiera.

Rita qajmet lil żewġha Pawlu u qaltlu biex iċempel hu lil ħuha għax bit-tferfir li kellha ħassitha ħa tiġġennen.
Wara li ċempel lil Toni, żewġha qabad iċ-ċwievet tal-karozza biex iwassalhom it-tnejn li huma hu lejn l-isptar.
Rita oġġezzjonat, "Imma t-tfal mhux sa nħalluhom waħedhom, Pawl"
"It-tfal reqdin u lanqas jafu x'inhu jiġri. Tgħid mhux sa nħallik issuq bil-qatgħa 'l għandek fuqek", tenna Pawlu filwaqt li fetaħ il-bieb ta' barra u stennieha toħroġ qabel sakkar warajh.

Fi triqthom lejn l-isptar għaddew għal Toni u f'radda ta' salib it-tlieta li huma waslu l-isptar. Kif waslu ħdejn is-sala infermier waqqafhom milli jidħlu.
Toni pront qallu, "Ċemplulna issa biex niġu..."
L-infermier qatagħlu kliemu, "Naf, naf. It-tabib qed jistenniekom. Għaddu hawn ġew jekk jogħġobkom," filwaqt li fetħilhom il-bieb għal kamra oħra.



Ġewwa sabu lil ommhom bi tħarira tal-mewt fuqha. It-tabib u l-infermiera li ċemplitilhom kienu ħdejha iżda mid-dehra ma setgħu jagħmlulha xejn aktar.

F'dak il-ħin wasal ukoll il-kappillan tal-isptar biex jagħmlilha l-griżma tal-morda. Rita, Toni u Pawlu bdew jitolbu mal-patri iżda ommhom baqgħet mitlufa sakemm fis-sigħat bikrin ta' filgħodu mietet.

Il-funeral għadda bħal memorja mżellġa għal Toni u aktar u aktar għal Rita. Setgħu jiftakru biss biċċiet minnu għalkemm Rita ma setgħetx tneħħi minn moħħha t-taħbit tat-tebut mal-ġnub tal-qabar hu u jitniżżel bil-ħbula - dak il-ħoss kien qisu qed jgħidilha li 'l ommha mhix sa taraha iżjed. Ħoss insopportabbli.

**[It-tieni parti ta' dan ir-rakkont tkompli fil-ħarġa li jmiss ta' IL-PONT]**

## META...

Meta l-lejl ma jkunx biżżejjed
biex il-moħħ jehda u jistrieħ
u mal-għodwa tibqa' tfittex
kif tgħix bla titlef il-ġieħ?

Meta kull fejn tmur, il-paċi
f'qalbek tibqa' ma ssibhiex,
u tweġiba ma ssibx xierqa
għalkemm tkun staqsejt għaliex!

Meta ddur u ddur u timraħ
f'bosta rkejjen għal ftit sens
u tintebaħ li l-ferħ f'qalbek
siefer u ntilef kull wens.

Meta tħoss li s-sliem li kellek
darba fi ċkunitek - żgħir
għosfor ma' tas-snin il-mixja
għereq fl-ilma l'hemm fil-bir.

Stabar, ftakar, kollox jgħaddi
ħolma l-ħajja, daqt tkun ktieb
li jaqrawh dawk li warajna
ta' dil-ħajja jiftħu l-bieb.

**GEOFFREY G. ATTARD**

## (IN)DIPENDENZA

**Kitba ta' Therese Pace**

Suppost illum għandi nkun ferħana. Suppost. U kburija. U rikonoxxenti wkoll. Suppost. Imma m'iniex. Il-qniepen qamu jdoqqu l-moti ferrieħa u fil-knisja, wara l-quddiesa tkanta l-Innu Malti. Ix-xogħol waqaf ukoll minbarra għal dawk li joffru xi servizz importanti lin-nazzjon. Għax illum Jum it-tifkira tal-Indipendenza. Suppost li llum kelli ntajjar il-bandiera bajda u ħamra, inperriċha 'l fuq 'il fuq mal-arblu sa ma tilħaq il-quċċata għax illum festa nazzjonali. Biex tperper ħielsa u kburija. Biex tixhed għas-sentimenti patrijottiċi tiegħi quddiem il-kompajżani. Biex tagħmilni bħal ħaddieħor, nidher rikonoxxenti lejn min tħabat biex jagħmilni indipendenti mill-kolonjaliżmu li kien jaħkem lil pajjiżi fl-erbgħinijiet, fil-ħamsinijiet u wara, f'din-nitfa ta' blata tokkupa nitfa spazju mill-baħar blu Mediterran.

Imma llum ferħana m'iniex.

Kien hemm żmien meta kont inħossni hienja u kburija u rikonoxxenti. Żmien meta f'għajnejja l-qoton kien isir deheb, l-isforzi, ġabu soddisfazzjon. Illum le. Illum kull minuta hija ġerħa, kull sforz sfurzat u kull aħbar, donnha traġedja. Illum għajnejja jħarsu ċassi lil hinn, fil-vojt ta' x'imkien fil-kamra fejn inkun. Donni m'għadnix naf kif nitkellem. Xufftejja bħal ibbiesu  bil-mirra tas-sigriet,  bl-għafja tar-ruħ, bit-toqol tas-silenzju li rikibni. Fil-pront niftakar fil-versi ta' poeżija ta' Oliver Friggieri "il-ħajja mistoqsija miġbura f'elf għaliex..." u f'qalbi naqbel u nkompli nistaqsi Għaliex? Għaliex?

Naħsel il-platti ta' nofsinhar fis-sink mimli ragħwa li nislet minn ftit qtar ta' flixkun aħdar li ndawwar fl-ilma b'idi sa ma jtellagħli l-bżieżaq. Iz-zalza taqa' mill-platti bħallikieku rat ix-xjaten jiġru wrajha. Il-grass jinħall fil-misħun u n-naqal jinżel fil-qiegħ jistrieħ fuq il-filter tas-sink biex imbagħad jintrema mal-iskart. Naħsel u nħares ċass mit-tieqa għal ġol-bitħa ċċangata bil-madum.  Kemm sewa għaraq lil żewġi dak il-madum. Kemm spejjeż biex naraw lit-tfal kuntenti jilagħbu bil-ġugarelli jew isuqu xi karozza mal-perimetru tagħha bħallikieku kienet korsa tat-tlielaq.  Kemm rat festini tal-familja bil-ferħ li jġibu magħhom! Lanqas l-għasafar li soltu jinżlu jnaqqru l-frak ta' wara l-barbikju ma dehru llum. Donnhom xammew li kien ġara xi ħaġa. Il-bitħa llum donnha l-fantażma minkejja l-erba' mwejjed u l-fjur




tal-Buganvilja. Ilbieraħ bkiet lis-skiet. Illum, lill-geġwiġija. Ilbieraħ afet żmien bla hemm u diq, bla kisra tal-għajnejn. Żmien fejn fuqna iddiet xemx mingħajr ħajbura. Illum taf id-disprezz ta' min beżqilha f'wiċċha. U agħar, taf agħar minn hekk. Taf it-telfa tal-ulied u wlied uliedha. Imbikkma ma twarradx.

It-telefon jaħsadni. Iċ-ċempila tiegħu tinstema' donnha daqqet agunija. Inwieġeb jew nerħilu? Immur u naħfnu f'idi. X'qiegħda nistenna? Xi ħadd li jgħidli b'daħka li dik kienet ħolma kerha u issa li qomt stajt nieħu n-nifs u nkompli ngħix il-ħajja li kont qabel? Xi tfisser l-anzjetà u kif stajt neħles minnha darba għal dejjem? Kif tirkeb fuq il-mewġ barram tal-ħalel biex issalva? Kif tħassar il-miktub bil-linka sewda? Kif tagħsar żewġt iqlub, ta' żewġi u tiegħi u minnhom tislet sliema minflok imrar?

Kienu l-ġirien. Tan-naħa tax-xellug. Xtaquli l-jum it-tajjeb. Staqsewni jekk irridx immur magħhom il-Belt biex nattendi għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Indipendenza. F'qalbi għedtilhom li llum iktar inħossni skjava milli indipendenti. Skjava ta' ħsibijieti, tad-dell taċ-ċirkustanzi. B'leħen edukat skużajt ruħi malajr, ġibtilhom skuża fjakka filwaqt li rringrazzjajthom tal-ħsieb u tal-premura. Kienu tassew ġentili biex riedu jintgħasru bħas-sardin fil-karozza ċkejkna li kellhom biex irikkbu lili. Wara kollox, ma kinux obbligati jinkluduni fil-ħarġiet tagħhom. Kien ġest ta' ħbiberija. Is-soltu ħarġa kienet tinżilli għasel. Illum ħsiebi kien tqil u moħħi wisq 'il bogħod. Illum kont itgħabbejt bi ħtija li mhix tiegħi. Li ma wettaqtx imma, li, indirettament kienet



qed taffettwani. U forsi kelli noqgħod biha għall-bqija ta' dal-jiem, xhur jew snin li kien fadalli ħajja. Għax jien kont sfajt misruqa. L-għelt u d-destin kienu serquli dik l-hena li ġġiegħel lill-qalb tgħanni. Serquni u ħallewni fqira, l-ifqar fost il-fqar. Tnehidt it-tnehida tal-angst ġewwieni bħal meta tkun taf li dak li għażilt b'għaqal kien sarlek suf. Għax il-faqar mhux biss tan-nuqqas ta' flus biex tgħajjex il-familja imma wkoll tar-ruħ, tal-ispirtu, tal-edukazzjoni. U tan-nuqqas ta' sliem kif ġara lili.

Żewġi jidħol fil-kċina biex ibill xi ftit griżmejh imqaxqxa bl-ansjetà. Illum jiena u hu aħna bħal żewġ iljunfanti li tilfu d-direzzjoni u skurmentati jimxu bla jafu fejn sejrin. Jagħmilli belgħa te, iwieġeb iva u le għalli nistaqsi. Bla ħeġġa. Bla aptit. Mhux għax irid. Hu wkoll jinsab imgħattan taħt dal-piż ġdid. Hu wkoll iħares ċass, jippreferi s-silenzju. Hu wkoll kien qed jixtarr, kien kollu ħolm li issa sfaxxa. Ħolm jixbah lil tiegħi. Għax hu wkoll ġenitur u qalbu tħoss. U l-qalb mhux ta' kulħadd l-istess fejn jidħlu tiegħu? U l-qlub meta jintgħasru mhux ix-xejn jibqgħalhom fihom?

Ix-xejn! Illum naf x'inhu x-xejn, kif jgħarwnek, kif ikiddek. Kif ikaxkrek fuq il-qiegħa tilgħaq it-trab tal-art, tixrob id-demm, titfewwaq waħda f'waħda il-qrusa tal-istonku.

Il-knis sar bil-maġija. Kif sar anke t-tisjir li llum jitboq l-istonku. Ftit brodu bla għaġin għax dak biss seta' jinżel. Il-mejda ntramat bħas-soltu bil-fajjenza, bis-srievet u l-pożati. Ma nafx, forsi biex nippretendu li kollox kien normali. Bħallum jiswa li tkun kliniku. Jekk xejn, isservik ta' terapija. Aljenazzjoni fjakka imma xorta aljenazzjoni. U llum qed neħtiġuha.

Fuq it-televiżjoni qed juru ċ-ċerimonja. L-irjus il-kbar, imdandna bix-xinxilli, ipoġġu l-kuruni biswit il-monument. Jippretendu r-rispett avolja hemm min f'qalbu jiddieħak bit-tifkira. Jinstema' ċ-ċapċip u s-seksik tan-nies li anke llum sabu xi jmaqdru. U intant marru jaraw. Biex jiġu jidhru u meta jkun il-waqt jitolbu ħlashom lura. Fil-pjazza ta' San Ġorġ ngħata s-salut: żewġ ringieli suldati faċċata ta' xulxin bl-ingwanti lewn il-garża sparaw l-azzarini. Kienu perfetti fil-preċiżjoni tagħhom.

Ngħast xi darbtejn. Imma ma rqadtx. Il-ħsieb ma jħallikx torqod. Il-ħsieb bħal argużin, jiġri warajk u jfaqqa' l-frosta fuqek, tad-diq u tat-thewdin. U tħoss l-uġigħ iġelġillek kull membrana, idur bħal ċippitatu ma' rqiq sidrek maqsum sejjer jixpakka. Is-soltu kont nibki n-nuqqas ta' ħin li nsib biex naqra l-kotba. Tiskanta kemm l-inkwiet jaf kif joqtol sal-aptit tal-iktar ħaġa nobbli.

Inkompli nara wċuh kemm trodd il-vista, uċuh li ma nafhomx avolja huma ġensi. Uċuh serji, oħrajn imbissma, ftit medhija fiċ-ċaċċrar, oħrajn osservaturi. Ilkoll wiċċhom għad-dawl. Mhux bħali. Telqitni l-allegrija li kont magħrufa għaliha. Għosfrot b'denbha bejn saqajha. U dan x'jedd għandha l-liġi tindaħal fil-privatezza tiegħi u fil-prijoritajiet ta' familti? U nkompli nara t-televiżjoni u mmaħħaħ fl-istess ħin.

Tgħallimt inneħħi ż-żarbun qabel nidħol fl-appartament fil-mawra tiegħi ġewwa l-Kanada. Niesi emigranti kienu tgħallmu qabli u bla ma lissnuli kelma tawni l-eżempju huma stess. U sallum bqajt inżomm din l-attitudni. U issa li kont lesta mit-tindif, biex inderri ftaħt il-bieb tal-appartament, qbadt iż-żraben kollha li kien hemm barra l-bieb u daħħalthom biex nagħtihom tindifa. Kull wieħed kellu storja mkaħħla miegħu. Iż-żarbun tan-nagħal iswed ta' żewġi kont tajtulu rigal f'għeluq sninu ta' sentejn ilu. Kien jilbsu għax-xogħol u qaddmu sew. U dak ta' Bruce... dak mingħalija kien xtrah fl-ewwel safra tiegħu. Kien mar fis-snin tal-università biex jagħmel xogħol fi sptar bħala parti mill-kors tiegħu. Hemm kien iltaqa' ma' Makaterina jew għall-qosor, Maka, tfajla minn Georgia li bħalu kienet qed tistudja l-mediċina. Niftakru jgħidli "I found my better half" għax kienet darrietu jitkellem bl-Ingliż peress li hi bil-Malti ma kinitx taf. Ir-relazzjoni ta' bejnietom malajr daħlet fil-fond u f'kemm ili ngħidlek marru joqogħdu flimkien. Għal xi żmien it-tnejn ġibdu ħabel wieħed. Bħalma jiġri dejjem wara kollox. Kollox jibda ħi ħi u ruħi qalbi. Kollox ward u



żahar, ħajja meravilja. Wara sena kellhom tifel, għaxqa ta' ħlejqa, bjond bħal ommu u rqajjaq bħal missieru. Meta temmew il-kors qatgħuha li jiġu jgħixu Malta. U hekk għamlu. Imma x-xitan deffes denbu u wara xi tliet snin kellhom jinfirdu. Maka qabdet it-tifel u ħabta u sabta reġgħet lura lejn pajjiżha. F'kemm trodd salib inħatt kastell li, wisq nibża' li kien inbena fuq ir-ramel. Ramel jew żonqor, it-tifel ma rajniehx iktar b'nemes. Bdiet il-battalja legali li f'dawn il-każijiet timxi bil-pass ta' nemla. Ittri kontra ittri, dokumenti u avukati kemm trid u l-flus ħerġin bla riżultat ta' xejn. U ibni mbikkem, kastell ieħor li kien beda jinħatt ftit ftit fis-silenzju ta' qalb mimlija wġigħ. Għax l-ulied mal-qalb u l-piena tan-nuqqas iġġib lill-qalb ġulġliena.

U ibni darba tbellah. Iċċewweċ. Rabba' għamad fuq għajnejh. Ried jara 'l ibnu, iħaddnu miegħu mill-ġdid u jisimgħu jsejjaħlu mamà jiġifieri papà. U kiser il-ftehim li tatu l-liġi. Mar ifittxu, sabu u ħabbu b'saħħtu kollha hekk li ma felaħx jinfired minnu. U ħarrbu. Ġabu miegħu Malta. U l-battalja ħraxet. U qrati u għeltijiet. U jien niżfen fin-nofs. U niġma' fija. Jien omm ukoll u naf kif tħossha omm jekk titlef lil uliedha. Imm'ibni ma qies xejn għajr lilu nnifsu. U ġejna f'dak li ġejna. U llum qalbi mhix hawn, tinsab ma' ibni li ġew u firduh minni. Ġrali bħal Maka. Għalhekk nifhimha ħafna u għadni ma llumhiex illi bagħtitu ġewwa. Kien bħal dal-jum preċiż. Għalhekk iġibli d-diqa. Qatt iktar ma ħabbejtu. Ma fraħt. Ma ċċelebrajtu. Iss'ilu erba' snin. Wasal biex jgħaddi. Imma t-tebgħa ma tgħaddix, dik tibqa' hemm imċappsa miegħu. U magħna wkoll għax aħna għaġna waħda.

Issa kien imiss tiegħi, żarbun aħmar b'takkuna ħoxna u moderata biex dahri ma nweġġgħux. Hekk kien qalli Bruce meta xtrahuli. Kien dak iż-żmien meta qalbu kienet qed tfur bl-imħabba u sidru ma wesagħhiex hekk li xtaq ibattal xi ftit minnha. U xtrali daż-żarbun biex iferraħni. Kien għadu mhux żmien l-għali dak iż-żmien. Mhux li kien jerġa' jiġi u r-rota terġa' ddur u r-riħ jiffavorina!

Bil-mod il-mod iż-żraben kienu lesti. Kien sar ħin it-te u xufftejja kienu nixfu bil-frugħ tal-emozzjoni. Kaxkart riġlejja lura lejn il-kċina. Kemm dehru tqal illejla. Donnhom imxekkla mill-ktajjen ħoxnin tal-Ġimgħa l-Kbira. Daqshekk kien tqil il-madmad fuq isimna. Kull boqqa te kienet doża velenu. Iġri jgħaddi kollox forsi ninsew u naħfru. Kelma sabiħa kieku, ġest kbir u nobbli. Imma min jaf jirnexxilniex naslu għaliha din il-maħfra? Għax titlob sagrifiċċju. U iebsa biex tlissinha. Speċjalment biex toħroġ minn fomm Bruce.

Fil-pront faqqgħet sajjetta. Din kien jonqos issa biex jagħqad il-bubun. Iktar ma kont nobgħod ix-xita iktar bdiet nieżla tfaqqa' fuq il-ħġieg tal-bieb ta' barra, fuq it-tieqa tal-kċina u mal-bieb tal-bitħa interna. Qomt niftaħ il-purtieri biex nisraq il-ftit dawl li kien għad fadal. Nobogħdu d-dlam! Imnalla ma narax, ma nħossx meta nkun taħt erba' piedi trab. Għax għandi fowbja għalih.
Il-ħin karkar bil-mod bħall-għana la Bormliża. Kollha kuntrarju d-dinja, meta tkun ferħan qed tieħu pjaċir xi mkien il-ħin itir bla ma tarah u meta tkun fl-infern tad-dinja, donnu b'inkejja ma jisħel jgħaddi qatt. F'waqt wieħed, meta kont għoddni sirt eżistenza mingħajr skop, fuq l-għatba waqa' d-dlam. Kien dell ta' raġel twil. Ħarist u f'qalbi idda d-dawl li kont ilni nistenna.
"Dan kif", għajjatt, "għad mhux il-waqt".
"U ma tafx int, ma, bagħtuni qabel. L-imġiba eżemplari qaluli. Telquni ħieles biex Jum l-Indipendenza forsi jifdi lilu nnifsu. U int terġa' titbissem."

## *RAGEL BIL-GHAQAL* - IS-SUĠĠETT FL-ISFOND TA' ŻMIENU

**Jikteb Victor V. Vella**

Ġużè Galea ppubblika r-rumanz *Raġel bil-Għaqal* fl-1944. Jiġifieri r-rumanz inkiteb matul it-Tieni Gwerra, dik ta' Hitler. U taħbat tistagħġeb kif il-gwerra nnifisha ma tidħolx jew tissemma fir-rumanz. B'daqshekk Galea ma kienx jaħrab mis-sitwazzjoni u jintilef f'xi utopija. Anzi, meta toqgħod taħseb tara li wara kollox, iva, l-azzjoni tar-rumanz isseħħ ħames mitt sena qabel. B'danakollu, jidher li hu diffiċli għall-awtur, hu jew hi min hi, li jinsa għalkollox l-ambjent li jkun jgħix fih. Iva, tista' tikteb fil-passat imma l-kulur jew l-'arja' tal-preżent diffiċli biex tiġi minsija għalkollox.

Il-ksib tal-poter u l-ġlieda biex tiksbu u żżommu hi parti mill-istorja tad-dinja. Tista' tibda minn Ġulju Cesare u l-istorja tiegħu u tispiċċa b'dak li ġara qrib u madwar l-1944. Ġużè Galea, biex ngħid hekk, inqabad bejn żewġ avventuri kbar li kollha kellhom x'jaqsmu mal-poter: il-gwerra ta' Hitler biex jirbah l-Ewropa, u, 27 sena qabel kien hemm Lenin u sħabu li rebħu l-ġlieda u għamlu lilhom infushom ir-rejjiet tar-Russja. Diffiċli li tasal għall-konklużjoni li bniedem bħal Ġużè Galea li kiteb u ppubblika diversi kotba fuq il-gwerra ma ġiex influwenzat mhux biss mill-ġrajjiet tal-gwerer, imma anki mill-iskopijiet tal-mexxejja ta' dak iż-żmien. U ma naħsibx li seta' ma jkunx imħasseb u mqanqal mit-tbatija li din il-ġlieda għall-poter iġġib magħha, speċjalment it-tbatija tal-bniedem komuni, inklużi l-bdiewa, li sofrew f'dawn il-battalji u l-gwerer. Rigward il-bdiewa mhix ħaġa kbira li Galea kien qara r-rumanz ta' Silone li ħareġ għaxar snin qabel (*Fontamara*, fl-1933) li jikkonċentra fuq it-tbatija tal-bdiewa taħt Mussolini. Galea donnu ħarab minn dan kollu lejn iż-żmien ta' ħames mitt sena ilu. Imma jekk tneħħi l-felukki u s-sarsi u wkoll il-Kunsill u ftit ħwejjeġ oħra li huma sekondarji, l-istorja tista' toqgħod mal-istorja ta' Makbett u wkoll ma' dik ta' Mao Zedong, biex ma nersaqx iżjed qrib lejn il-preżent. Dan hu li jagħmel dan ir-rumanz wieħed mill-aqwa rumanzi tal-letteratura Maltija.

Hi t-tema jew is-suġġett mhux l-istorja li tagħmel rumanz rilevanti għall-preżent jew f'dan il-każ għal kull żmien. L-istorja hi biss l-għodda li biha awtur irid iwassal il-messaġġ li jkollu f'moħħu. Il-messaġġ li jrid iwassal Galea hu ċar u tond u tistagħġeb kif l-




awtur wasal biex iwettaq dan mingħajr riferenza lejn ir-reliġjon, li fiż-żmien tar-rumanz żgur li kienet tilgħab parti importanti f'Malta u fid-dinja. Imma Galea jikkonċentra fuq l-istorja biex juri li l-abbuż tal-poter hu żball, dnub, sejjaħlu li trid, li jeżisti, li temmen jew ma temminx jistoqlu min jiġġilidlu, għax jekk trid tuża terminoloġija moderna hu delitt konta l-umanità.

Ma tridx wisq biex tinnota nuqqas ieħor, imma li jkolli ngħid jidher ċar u jiġi bħal sorpriża f'rumanz bħal dan. Ġużè Galea, iva, ibbaża l-istorja f'Malta u dawk il-veduti tal-Mellieħa u ta' Kemmuna jilagħbu parti ġmielha fis-setting tal-istorja. Imma Galea ma jurix li hu Malti u joqgħod ixejjer il-bandieri u jintilef fuq aspetti tal-kultura u jdaħħal il-bizzilla u l-bigilla. Għandu storja xi jgħid, donnha parabbola twila, mera ta' ħajja fuq il-ħajja. Ried juri l-ipokrisija hi fejn hi ta' certi mexxejja li l-aqwa ħaga għalihom hi li jaslu fuq is-siġġu tal-poter u jżommuh. Dan jidher ċar bid-dettalji li jagħti fl-aħħar tar-rumanz speċjalment fil-wasla tal-Kanċillier minn Sqallija u fil-ħelsien mill-ħabs ta' Marku Falzun u fid-diskors

jew aħjar fl-ambjent fil-kunsill waqt id-diskors tal-Kancillier. Tħoss il-bidla fil-membri kif jitkellmu u kif jibdlu l-appoġġ tagħhom mil-Lvant għall- Punent.

Mhux talli Ġużè Galea ma għamilx enfasi fuq il-patrijottiżmu, talli fetaħ il-bibien għad-dinja. Iva, żamm mal-veduta u l-karattri Maltin, imma kien kapaċi jkabbar dan u jestendih għad-dinja. Il-ġlieda bejn il-poter u dawk mingħajru ilha sejra u kienet iżjed taħraq fit-truf tal-aħħar gwerra. Tista' teħodha lura fl-istorja tal-aħwa Gracchi fis-senat ta' Ruma fis-sena 133 qabel Kristu. Kien ukoll is-suġġett ġenerali ta' ħafna kotba li ħarġu l-Ingilterra biex insemmi pajjiż wieħed, fl-istess żmien meta ġie ppubblikat *Raġel bil-Għaqal* f'Malta. Is-suġġett kien: kif se nsibu sistema ġusta bejn il-politika estrema u t-taħwid li kienu għaddew u kienu għadhom għaddejjin minnu fi-Tieni Gwerra Dinjija u ftit snin qabel.

Dawn huma ideat u konklużjoniiet li nistenna li jiġu ċċalenġjati. Jista' jkun li hemm min jaf iżjed sew minn kien midħla tal-awtur jew ukoll li f'xi kitba oħra tiegħu fejn l-awtur tefa' xi dawl fuq il-kif u il-għaliex kiteb dak li kiteb. L-awturi Maltin ma tantx iħobbu jħallu noti jew ittri intimi li jistgħu jgħinuna f'dan l-apprezzament u kritika ta' xogħlijiet bħal *Raġel bil-Għaqal*. Ngħid għalija, jiena żammejt mal-istorja u kif inhi ppreżentata u mfassla mill-awtur. Bħalma għamel l-awtur li qabad linja jew sab storja li tispjega u turi biċ-ċar din-il-gwerra li donnha hi parti mill-istorja tad-dinja, u żviluppaha fi storja li għadha ħajja u għadha relevanti.





## IL-WAQFA LI JMISS

**Kitba ta' Michael Zammit**

Wara li l-ġenituri tagħna ġabuna fid-dinja bil-vapur, mill-ewwel rikkbuna fuq ix-xarabank tal-ħajja. Tallinja card tkun għadha f'idejn il-ġenituri. Il-vjaġġ proprju beda meta l-ġenituri nissluna, iżda aħna nżommu mad-data tat-twelid. U smajna l-announcer tħabbar: "Il-waqfa li jmiss: Magħmudija! Il-waqfa li jmiss: Magħmudija!" Ħaduna nitgħammdu. Kulħadd liebes pulit. Knisja mimlija nies. Fotografu jdur u jagħqad. Kulħadd jiggostana. It-trabi jsemmgħulna s-sinfonija tal-biki tagħhom u wara festin mal-familja.

Ix-xarabank tibqa' għaddejja u ħin minnhom l-announcer tħabbar: "Il-waqfa li jmiss: Preċett: l-ewwel Tqarbina. Il-waqfa li jmiss: Preċett: l-ewwel Tqarbina." Jeħduna għal-lezzjonijiet tal-katekiżmu. Jixtrulna libsa l-ġmiel tagħha. Ommijietna b'kappell daqshiex u b'libsa trid seba' għajnejn biex taraha. Missirijietna jxiddu libsa li jkunu ilhom ma jilbsuha mill-Magħmudija tagħna u tkun tiġihom kemxejn issikkata. Kulħadd jerġa' jiggostana, aktar u aktar waqt li nkunu qed nirċievu l-ewwel Tqarbina. Ħasra li wara prietka li jkunu għamlulna l-ġenituri biex meta naraw lill-fotografu jiġbed, nitbissmulu, x'aktarx li aktar kien moħħna fir-ritratt milli f'dak li qed nirċievu. Inqassmu s-santi u s-souvenirs. Wara, ikla jew party f'xi lukanda. U aktarx iva milli le, mill-għada tal-ewwel Tqarbina, il-kappillan, lanqas b'nemes ma jarana aktar il-Knisja.

Sadanittant l-announcer tax-xarabank terġa' tavża "Il-waqfa li jmiss Griżma tal-Isqof! Il-waqfa li jmiss Griżma tal-Isqof!" Għal-lezzjonijiet tal-katekiżmu issa nibdew immorru waħedna... meta ma niskartawx! Skużi fil-komma kemm trid! U daqqa għax għandna

l-futbol, u daqqa għax għandna ħafna homework, u daqqa għax qed nistudjaw għall-eżamijiet u daqqa għax sebaħ u daqqa għax dalam. Nerġgħu nsibu ruħna l-knisja f'atmosfera ta' festa, ilbies sabiħ, daqq ta' qniepen, bl-Arċisqof magħna. Qalulna li sirna xhieda ta' Kristu, li sirna Nsara adulti. Mela qisna ggradwajna! Mela daqshekk lezzjonijiet ta' katekiżmu! U għal ħafna minna daqshekk quddies u knisja! Ħasra hux!?

Ix-xarabank dejjem għaddejja, daqqa fil-wita, daqqa fit-telgħa, daqqa bl-iskossi u daqqa bla skossi, daqqa ssuq fid-dritt u daqqa ddur, waqt li l-announcer tħabbar: "Il-waqfa li jmiss Żwieġ. Il-waqfa li jmiss Żwieġ." U billi se niżżewġu bil-knisja, mal-għarusa, ninkitbu għall-kors ta' Kana, għax bilfors; nagħmlu preparamenti kbar għat-tieġ, niżburżjaw l-eluf ħalli jkollna tieġ à la Hollywood u b'xi novità li s'issa qatt ma rajna bħalha f'Malta – żwiemel, kavallieri, murtali, limousines, cadillacs, rolls royce, Princesses, 7-seaters, u aktar. Ftit qabel il-Quddiesa taż-Żwieġ, immorru niġru għand is-saċerdot biex iqararna (ma kellniex ċans immorru qabel daqskemm konna mħabbtin!), tieġ gwapp fl-aqwa sala tal-aqwa lukanda (jiġi jiswa kemm jiġi jiswa), qamar il-għasel tal-ħolm preferibbilment fil-Lvant Imbiegħed u... lura Malta.

Ix-xarabank għadha għaddejja u l-announcer tħabbar: "Il-waqfa li jmiss Wild. Il-waqfa li jmiss Wild." Ġeneralment, barra xi kelb jew qattus, inkunu nixtiequ li jkollna wkoll xi tarbija. Nibku bil-ferħ meta jkollna l-ewwel wild; issa jibdew isejħulna "mamà u papà" u jibda t-taħbit, is-sagrifiċċji u l-gost tat-trobbija.

L-announcer fuq ix-xarabank tħabbar: "Il-waqfa li jmiss… 25 sena miżżewġin. Il-waqfa li jmiss… 25 sena miżżewġin" jew "Il-waqfa li jmiss Separazzjoni/ Divorzju. Il-waqfa li jmiss Separazzjoni/Divorzju." Ix-xarabank għadha għaddejja, daqqa tiġri u daqqa wieqfa fit-traffiku tal-ħajja, sakemm l-announcer terġa' tħabbar: "Il-waqfa li jmiss Addolorata! Il-waqfa li jmiss Addolorata!" Inkunu wasalna fil-venda, iżda mhux fid-destinazzjoni. Jiġu ħafna nies għall-funeral tagħna. Jiflulna sew it-tebut biex jammiraw ix-xogħol fin li fih; jiċċekkjaw jekk hux tal-ġewż, tal-fraxxnu, tal-kawba jew injam komuni. Waqt il-quddiesa jibkuna u jitolbu għalina. Jinsistu li jkollhom is-santa tal-mewt tagħna. Ibusuna. Ifaħħruna. Kważi jarawna l-Ġenna fil-pront! Tal-familja u xi waħdiet oħrajn jakkumpanjawna saħansitra saċ-ċimiterju. Minn hemm naqbdu xi mezz ieħor ta' trasport, li jeħodna quddiem Alla biex jagħtina l-ħlas ta' dak li għamilna tul il-vjaġġ. Hemmhekk, Tallinjacard ma nużawhiex aktar!

## TIBKUX LILI

Fil-bikja tiegħi hemm mid-diqa,
mis-sogħba u mill-indiema
ta' min għabbiek b'ma nafx
kemm-il salib u l-pali ta' jdejk
u riġlejk b'imsiemer ħoxnin niffidlek
kif għamel bil-kuruna li xewka xewka
nisiġhielek imbagħ'd ġewwa rasek deffisielek.

Għedtilna ma nibkux lilek –
Kif jista' jkun Mulej ma nolfoqx
l-ilfiq li 'l ruħi jsaffili
u jistedinni ntaffi mit-toqol fuq spalltek
li bih tant drabi taqqaltek.

Il-ħtija tagħfas wisq fuq il-qalb
u l-uġigħ ta' dak l-għafis
il-qalb ittaffih bil-biki biss!
Kien fit-triq tal-Golgota li għedt lin-nisa
ma jibkux lilek imma lil uliedhom.
Jiena l-wild ta' waħda minnhom
u l-biki tagħha qed nibkih jien
għax il-bikja tiegħi għarrfitni bil-ħtija
u sa ġegħlitni jisgħobija
hekk li l-maħfra u s-sliema
ma nafhom lil ħadd għajr lilek
u lil din il-bikja qaddisa.

**MARIO ATTARD**

## ĦAJKU

Għelieqi mtarrġa,
xagħri, rdum u ħdura,
dil-ġenna jsebbħu.

Faċċata Filfla,
viċin, imma imbiegħda
mill-għagħa tal-bniedem.

**PATRICK SAMMUT**

## IL-ĦARBA MIT-TRIQ TAR-RAMLA

**Kitba ta' Carmen Refalo**

Sett. 1952

Sejħitli bejbi nnewwaħ għalxejn
ħrabtilha u ġrejtilha
bla ma qgħadt inqis xejn.

Kif jibdew il-ġranet sbieħ, iz-zija Tereż kellha fejn toħodni mixja, fix-xitwa sa Marsaxlokk u malli tidħol ir-rebbiegħa sar-Ramla ta' San Tumas; ħafna drabi mal-ħbieb tagħha. Meta ninżlu Marsaxlokk konna ngħaddu minn Ħal Ġilwi; il-mixja kienet tisbieħ u tiqsar waqt li stajna nieqfu nistrieħu f'roqgħa f'nofs l-għelieqi, bilqiegħda fuq il-blata ċatta għad-dell tas-siġar tal-ħarrub.

Aktarx li ħdejn l-għatba tal-bieb ta' barra, konna nsibu n-nanna tistenniena biex qabel ma nitilqu tgħidilna noqogħdu attenti; mhux mill-karozzi jew xi karettun imma,

"Tereż tinsiex; meta timxu mis-sqaqien jekk tilmħu xi thermos imdeffes fil-ħamrija ara jfettlilkom tiġbruh! Tista' tkun bomba miż-żgħar li tefgħulna l-Ġermaniżi. Tirfsu xejn li jkun mal-ġenb taħt il-ħaxix u lit-tifla żommilha idha l-ħin kollu."

Wara li bidwi kien għadu kemm sab waħda, hu u jaħrat l-għalqa, in-nanna baqgħet toħlom biha, għalkemm b'xorti tajba ma kien ġralu xejn.

Iz-zija Tereż x'aktarx bla ma taf, kienet tkun pronta taqbadli idi u tant tagħfashieli li kienet tweġġagħni; naħseb li kienet xebgħet, dejjem tisma' l-istess ħaġa saħansitra jekk inkunu sejrin sal-pjazza. Ara kif stajna niltaqgħu ma' bomba fl-erba' passi li kellna f'toroq mimlijin bini!

U kif noħorġu 'l barra kont naqbad indawwar il-pala t'idi biex neħles mill-morsa li kienet tkun tefgħetni fiha nannti; hekk iz-zija Tereż kienet tiġi insè, titlaqhieli u nimxi ħielsa maġenbha.

Ħdejn id-Domus taż-Żejtun konna niltaqgħu ma' ħbiebha; kienu żewġ xebbiet tamparha. Kienu jilbsu dbielet kloxx jew bil-piegi u jimxu labranzetta; hekk kienet il-moda dak iż-żmien.

Minn hemm konna nitilgħu lejn iċ-Ċimiterju taż-Żejtun, ngħaddu minn ħdejn l-Istatwa ta' San Girgor u mmorru nittawlu lejn l-oqbra; l-ewwel fil-parti ta' quddiem il-Knisja u wara fil-biċċa l-oħra fuq ix-xellug tagħha. Jien kont nieħu gost nittawwal minn bejn il-vireg tal-ħadid tar-rixtelli dejjem magħluqin. Sadattant kont nismagħhom isemmu lil min kien ikun għadu kif miet,



waqt li b'ħarsithom ifittxu l-qabar fejn ikun għadu kif indifen. U ladarba kienu jkunu jafuh kont nisma' biex kien marad, kemm dam marid u lil min ħalla warajh; u jekk kellu xi sold, min seta' wirtu. U għalkemm nofs il-kliem ma kontx nifhmu kont immur ngħid kulma kont smajt liz-zija Marì; jaħasra kont għadni ma nafx kemm kienet tiddejjaq tisma' fuq hekk. Sadattant kont indaħħakha kull darba li ngerfxilha xi waħda.

Dak iż-żmien kont tara ħafna funerali għaddejin f'kortejo, mill-Knisja Parrokkjali għat-Triq San Girgor saċ-ċimiterju, bl-abbatini u b'ringiela tfal mill-Istituti warajhom, kollha mexjin qabel it-tebut merfugħ fuq l-ispallejn. U kif mid-dar nisimgħu it-tokki tal-mota, b'noti ta' swied il-qalb, konna noħorġu u ninżlu lejn Triq San Girgor nistennewh jgħaddi. U xi wħud kienu jibqgħu telgħin warajh biex jaraw id-difna. Mhux l-ewwel darba li rajt liz-zija Ċett tielgħa ċ-ċimiterju hi wkoll; ħadd ma kien ibeżżagħna mill-funerali dak iż-żmien.

Mela qabel ma noħorġu miċ-ċimiterju ziti u sħabha kienu jgedwdu ftit talb għall-mejtin waqt li noħorġu mit-trejqa li tagħti għat-triq ta' wara, u nsibu ruħna sejrin lejn il-Ġnien Luqa Briffa. Sadattant, kif ninqatgħu min-nies, ħbiebha kienu joħorġu kaxxa ċkejkna bil-mera minn ġol-but, ixappu ma' wiċċhom u jħammru ħaddejhom, pariġġ il-lipstik ma' xofftejhom.

Kont naf li dik kienet il-kaxxa tar-ruxx. Iz-zija Tereż terra roża ċar kienet tagħmel ma' wiċċha għax iz-ziju Ġuż kien jgħidilha li r-ruxx ma kienx għax-xbejbiet serji. Għalxejn kienet tgħidlu li ta' sħabha ma kienx aħmar

skur; kollu ta' xejn u kellha tobdi lil ħuha l-kbir. Anzi kellha x-xorti li setgħet tagħmel il-lipstik. Ħeqq, dak iż-żmien ir-ruxx kellu fama ħażina; li kien jintuża min-nisa tat-triq.

Kif noqorbu l-bieb tal-ġnien jien kont niġbed lil ziti minn djulha biex inġegħelha ngħaddu minnu qabel ma nibdew il-mixja.

Malli nidħlu u ninżlu t-taraġ wiesa' kont nisgiċċa lejn ix-xellug għal ħdejn il-ħawt mimli ħut tal-ilma ħelu. Sakemm ziti u ħbiebha kienu joqogħdu jitkellmu u jduru fil-passaġġi jitpaxxew bil-fjuri, jien kont niżgiċċa lejn il-ħawt u nieqaf hemm sakemm nilmaħ il-geġwiġija ta' ħut żgħir ħamrani jgħum qalb il-ħaxix. U kif nersaq inbill subgħajja lejhom kienu jibdlu r-rotta biex jgħumu 'l bogħod minni. Imma malajr kienu jerġgħu jiġu jħaffu lejja, jinħbew fir-rassa wara xulxin. Mhux l-ewwel darba li daħħalt idi kollha fl-ilma, inħoss il-ħaxix tiela' mill-qiegħ, u bis-serqa mmiss xi waħda minnhom; imma qatt ma rnexxieli naqbad waħda. Għax waqt li kont nixtieq naqsam imqar għall-mument il-ħajja mgħaġġla u friska tagħhom, ma ridtx inħosshom jiżolqu f'idi bħall-ħut li kienet tixtri z-zija Ċett!

L-ebda parti mill-ġnien, lanqas meta mżejjen bil-ward kull kulur, ma kienet tiġbidni daqs il-ħawt tal-ilma ħelu! Lanqas il-kant tal-għasafar, jinnamraw minn zokk għall-ieħor, ma kien jisraqli ħarsti. Lanqas il-friefet bojod ma kienu jġegħluni nitħajjar naqbadhom. Iż-żarżir tal-werżieq iggranfat maz-zokk ta' siġra matul il-ġranet sħan, kien iġenġilli widnejja u kull meta xi żunżan jiġi jdur miegħi kont ngħatti wiċċi bid-dublett ta' fuq sakemm jitbiegħed minni.

U l-ħawt, jekk niftakar sew, ġieli kellu xi żrinġijiet moħbijin fil-ħaxix; kont trid tkun taf fejn tgħarrex biex tilmaħ xi wieħed minnhom. Sadattant kont inżomm f'moħħi li minn ħin għall-ieħor stajt nilmaħ xi gremxula tixxemmex 'il fuq minni, fil-għoli mal-ħajt. Iz-zija Tereż kienet titwerwer minnhom u jien itteħidt minnha bla ma naf għaliex. Mur għidilha kemm nara fil-bitħa tiegħi għaddejin minn bejn l-ixkafef tal-qsari u kemm nieħu gost bil-wiżgħa li għandi fid-daħla tal-bieb; tgħidx kemm iżommuli l-irkejjen tas-saqaf nodfa.



Insomma malli kienet tgħajjatli ziti kont inċafċaf waħda tal-aħħar, immelles lill-qattus bebbuxi li kien jiġi jħokk ma' saqajja u nitlaq niġri għal ħdejha biex noħorġu mill-bieb ta' wara u nkomplu l-mixja minn hemm.

Imma mhux dejjem konna mmorru nimxu ma' ħbiebha. F'jum sabiħ fir-rebbiegħa, kien is-Sibt u ziti kienet id-dar qed tiknes l-intrata. Jien kont dieħla u ħierġa minn quddiem il-bieb, daqqa għal ħaġa u daqqa għal oħra, bil-landa taż-żibeġ iċċekċek f'idi. Naħseb li ħin minnhom telgħalha għax waqfet ħesrem, u waqqfitni jien u ħierġa,

"Carm nitilqu sar-Ramla?" u meta rat li għalxejn kompliet,

"Ħa mmur nagħmel biċċtejn ħobż, noħduhom magħna," imma xorta ma tajtx kasha u kellha ssibli lixka akbar.

"Ngħidu lil Pawla biex tiġi wkoll," u dak il-ħin iz-zija daħħlet il-bonċ fil-ħofra!

Kif smajt hekk tfajt iż-żibeġ li kelli f'idi ġol-landa, mort ħbejtha taħt is-sodda tan-nannu li kien ikun iktar rieqed milli mqajjem u ħriġt ngħid lil Pawla tmur issaqsi 'l ommha jekk tistax tiġi magħna.

Konna bilkemm ilħaqna wasalna r-Ramla meta Pawla riedet tmur sal-Fajtata imma z-zija Tereż ma ħallithiex. Għalxejn kienet qaltilha li taf taqbeż u tgħum fil-fond; ziti mexxietna sal-bajja ċkejkna bir-ramel imdawra bil-blat baxx. Ġrejna sa ħdejn il-baħar u ħabibti tħajret tinża' u tintefa' l-baħar bil-ħwejjeġ ta' taħt. Jien waqaft ħesrem; kont nibża' ninżel il-baħar mingħajr is-salvawomo.

Imma z-zija Tereż waqqfitha,

"Il-baħar għadu mhux sħun u wara dil-mixja malajr tista' tieħu riħ" u fil-pront daret lejja,

"Smajtha Carm, Pawla taf tgħum u taqbeż il-baħar; ma tibżax bħalek."

Dak il-ħin għajnejja ħabtu se jimtlew bid-dmugħ imma baxxejt rasi u m'għidt xejn. Tlaqna għan-naħa tar-ramel, farfarna s-sandlijiet minn saqajna u ċafċafna kemm flaħna waqt li z-zija Tereż bdiet taqla' l-imħar minn mal-blat. Meta dehrilha għajtetilna ħdejha, ixxutatilna saqajna, kilna l-ħobż biż-żejt u t-tadam, xrobna l-luminata u tlaqna lura lejn id-dar.

Kif qbadna telgħin, niġbdu u naqalgħu l-qarsu minn mat-triq, rajt qtajta fjuri sofor u tlaqt niġri għalihom. Imma malli daħħalt idi ġol-ħaxix ħassejt tingiża li minn subgħajja baqgħet tielgħa m'idi kollha. Għajjat għajta u nfqajt nibki! Iz-zija Tereż inħasdet, irmiet il-fjuri li kellha f'idha u ġiet tara x'kien ġrali; kienet ħasbet li kien gidimni xi insett!

"Fejn ħa nara... u m'għandek xejn! Mal-qarsu qbadt il-

ħurrieq! L-aħħar darba Pawla hekk kien ġralha wkoll u ma qabditx tibki bħalek. U dik iżgħar minnek… għadek qisek bejbi teqred mix-xejn!"
Dak il-ħin ħassejt weġgħa li kienet ikbar minn dik tal-ħurrieq; imtlejt b'rabja kbira għal ziti u ridt inpattihielha. Ma ridtx inħares iżjed lejha; ridt nitlaq minn ħdejha u minn ħdejn Pawla!

Konna għadna f'nofs triq, wasalna sal-ħwienet tat-Triq tar-Ramla u kien għad fadal biċċa triq sew għad-dar. Imma f'daqqa waħda insejt il-ħruq li kelli f'idi u qbadt niġri biex naħrabilha! Bdiet tgħajjatli biex nieqaf imma kollu ta' xejn. Wara ftit ma bqajtx nismagħha iżjed u bqajt niġri f'dagħdiha ta' rabja qalila. Kif wasalt lejn il-Knisja ta' San Girgor iltqajt ma' Leli bil-merħla mogħoż u qsamt minn nofshom bla ma tajt kas l-għajjat tar-ragħaj; kont ħsadtu u kważi ħarbatthomlu.
"Fajn qad tiġri; ħrubt lil zitak ikulli ngħid!" għadni nisimgħu jgħidli waqt li beda jdur mal-mogħoż imisshom kemm kemm fuq daharhom bit-tarf taz-zokk li kellu f'idu ħalli jarġa' jiġborhom. Imma jien għattejt għajnejja bħallikieku mid-dawl tax-xemx u bqajt sejra waqt li nolfoq, nomħot u nimsaħ l-għaraq nieżel ma' wiċċi sakemm wasalt. Kif ftaħt il-boxxla tal-meżżanin intfajt fuq siġġu fl-intrata b'nifsi maqtugħ!

Kif rawni dħalt waħdi, bla nifs u ħamra nar bdew jistaqsuni x'kien ġrali u fejn kienet baqgħet iz-zija Tereż. Għidtilhom kollox, nolfoq bl-iskossi, sakemm daħlet hi, għarqana xraba u lesta biex taħtafni.
Imma n-nanna, li ma kien fiha xejn, la mit-tul lanqas mill-wisa', kif kienet tqum bilwieqfa u tpoġġi jdejha t-tnejn fuq żaqqha kemxejn merfugħa 'l barra, kienet titwal b'xiber u nofs. U malli ziti daret lejja biex tinkorla miegħi, nannti ma ħallithiex tlissen kelma u qaltilha xi ħaġa hekk,
"Stenna naqra qabel ma taqbad tgħajjat; għalfejn ksirtha quddiem ħabibitha? U ħallejtha titlaqlek… tifla ta' ħames snin… seta' ġralha xi ħaġa… dak l-Anġlu Kustodju wassalha s'hawn!"
Fil-meżżanin l-Anġlu Kustodju kien jissemma ta' spiss.

Iz-zija Marì ħarsitli waħda bl-ikrah; ħarsa li għalija kienet tfisser ħafna. Imma jien mort maġenb in-nanna u għattejt wiċċi fi djulha; lanqas iz-zija Ċett ma tkellmet. Wara diċ-ċanfira mingħand ommha, iz-zija Tereż li x'aktarx ftakret li minflok darba kienet kisritni darbtejn, tbikkmet u ma qalet xejn iżjed!
Għandek tgħid, kienet in-nanna, li fil-pront indunat għaliex kont għamilt hekk, li għarfet kif kellha tiddefendini! Miskina z-zija Tereż kienet weħlet bid-danni u bl-ispejjeż!

In-nannu kien baqa' rieqed; is-smigħ kien kważi ħallih



għalkollox. U min jaf kienx baqa' jara sew; kemm hu u kemm in-nanna qatt ma kellhom nuċċali. Tal-viċin ma kellux bżonnu; la qatt ma qara u qatt ma ħiet. Imma forsi għalhekk kien beda jolqot it-tazez ta' fuq il-mejda u jwaqqa' l-imgħaref mal-art. Tgħid ġieli ħasbitha din iz-zija Marì meta kienet tirrabja għalih, tgerger u tħarislu bl-ikrah? Mhux lejja biss kienet tħares bl-ikrah.
Meta kulħadd reġa' ħa postu u fil-meżżanin niżel il-kwiet, iz-zija Marì kienet għadha bil-buri miegħi; b'ħarsitha bdiet iċċanfarni kif kien jistħoqqli.
Ħaditni fil-kamra ta' ġewwa, mesħitni mill-għaraq bil-biċċa niedja bil-fietel u biddlitli kollox. Ħallietni bil-libsa ta' taħt u waqt li widdbitni tellgħatni fuq is-sodda biex norqod għalkemm kien għadu d-dawl. U qaltli biex nobdi għax kellha titla' fuq il-bejt.
Imma qabel ma ħarġet mill-kamra fetħet il-bieb għal-loġġa beraħ għall-frisk. U lanqas biss rewħitli biex norqod kif kienet tagħmel is-soltu.

Kif ħtaft l-imħadda tiegħi sibt nannakola fuq l-investa; kienet daħlet maż-żiffa ħelwa dieħla mil-loġġ tal-loġġa biex ġiet iżżurni. Ħallejtha titla' m'idi u mort ħafja nuriha liz-zija Ċett kif rajtha ġejja lejja biex tittawwalli. U wara li poġġiet fuq siġġu tellgħatni f'ħoġorha u b'leħen baxx bdejna nkantaw flimkien,
"Nannakola nannakola mur l-iskola, aqbad siġġu u ibda ogħla!"

Imma fil-pront smajt liz-zija Marì nieżla t-taraġ tal-bejt tlaqt niġri lejn soddti, ħtaft l-imħadda u l-pupu u qabel ma leħqet niżlet s'isfel kont ġrejt sas-sottospekkju u ntfajt fuq l-ixkaffa t'isfel; hemm kont norqod sakemm tibqa' rrabjata miegħi.

Sadattant sa fejn niftakar, waqt il-ġirja fit-triq tar-Ramla ħlief ma' Leli tal-mogħoż ma kontx iltqajt. L-għada filgħodu kien sab liz-zija Ċett u gżani; imma lin-nanna baqgħet ma qaltilha xejn iżjed. Kienet l-ewwel u l-aħħar maratona li qatt għamilt!




## *THE MAKING OF A MEDICO* - RAKKONT BIJOGRAFIKU TA' MAURICE CAUCHI

**Jikteb Joe Axiaq**

Lil min bħali jaf lill-Professur Maurice Cauchi bħala mexxej tal-komunità Maltija fl-istat ta' Victoria, fl-Awstralja, għal aktar minn ħamsa u tletin sena, jafu bħala bniedem serju, impenjat bi proġett wara l-ieħor, laqgħat u konferenzi u b'ħeġġa kontinwa biex jinżammu l-kultura u l-lingwa Maltija fost il-ġenerazzjonijiet tal-Maltin u l-Għawdxin li twieldu fl-Awstralja.

F'dan l-ambjent forsi mhux dejjem wieħed jirrealizza li l-ewwel u fuq kollox, il-Professur Maurice Cauchi huwa tabib u professur li għamel riċerka intensiva fil-kanċer u d-demm. Il-ktieb ġdid tiegħu *The Making of a Medico – A Memior* ta' Maurice Cauchi, jagħtina ħjiel tal-qasam mediku li ħadem fih hekk kif ikkwalifika bħala tabib u kompla l-istudji tiegħu għal professur.

Insibu kapitli sħaħ tal-vjaġġ mediku tiegħu mill-Università ta' Malta sar-Royal Marsden Hospital f'Londra u lura Malta. Interessanti l-fatt li lura Malta fl-1968 biex jaħdem fl-Università ta' Malta, bi kwalifiki u esperjenza li għandhom jagħmlu lin-nazzjon Malti kburi ma sabx is-sapport biex ikompli r-riċerka tiegħu, b'mod partikulari fuq it-talessemija, kundizzjoni komuni fost il-Maltin u l-Għawdxin. Għalhekk fl-1969 spiċċa l-Awstralja.

Fl-Awstralja wara kważi seba' snin lekċerer fl-Università Medika ta' Monash, fl-1976 daħal jaħdem fir-Royal Women's Hospital ta' Melbourne, bħala l-kap tal-Ħematoloġija. Fil-kapitli li jkopru dan iż-żmien, wieħed isib id-dettalji tal-kisbiet li għamel fil-mediċina. Fl-1992, fuq talba tal-Professur Serracino Inglott, li kien Rettur u Viċi Kanċillier tal-Università ta' Malta, il-Professur Cauchi reġa' lura Malta. Hekk wara tlieta u għoxrin sena, l-Università ta' Malta għarfet il-kapaċitajiet u l-kisbiet tal-Professur Cauchi barra minn Malta, u ħatritu bħala Professur tal-Patoloġija.

Meta tkellimt mal-Professur Maurice Cauchi, dwar dan il-ktieb għall-programm Malti tal-SBS fl-Awstralja, qalli li fl-età tiegħu, x'aktarx dak li kellu jikteb kitbu u għalhekk kien wasal iż-żmien li jagħti ħarsa lejn il-ħajja tiegħu fuq medda ta' aktar minn tmenin sena, b'mod partikulari biex ma jintesiex ix-xogħol u l-kisbiet fil-komunità Maltija fl-Awstralja li huma parti integrali minn ħajtu u li nsibu fil-ktieb. Meta staqsejtu għaliex dam dawk is-snin kollha qabel beda jinvolvi ruħu sewwa fost il-komunità Maltija, fl-1984, spjegali l-istorja tal-biċċa l-kbira tal-Maltin u Għawdxin li waslu l-Awstralja: l-ewwel trid tissetilja, issib impjieg, fejn toqgħod u trabbi l-familja.

Kien Dr Joe Abela li nkoraġġih biex jidħol mal-Maltese Literature Group u spiċċa l-President tal-grupp għal ħafna snin wara. Kien minn tal-ewwel mal-Maltese Historical Association u kompla f'kumitati tal-Edukazzjoni, President tal-Kunsill Malti tal-Victoria, u membru fuq il-Kunsill tal-Maltin li Jghixu Barra. Barra minn hekk okkupa karigi aktar għoljin fejn irrappreżenta lill-komunitajiet etniċi fl-Awstralja, fosthom bħala Chairperson tal-Kunsill tal-Komunitajiet Etnici fil-Victoria.

Fil-ktieb tiegħu jirrakkonta d-diffikultajiet fis-snin tletin tas-seklu l-ieħor li ltaqa' magħhom fl-istudju tiegħu. Kien diffiċli biex mill-Għarb tmur ir-Rabat għal-Lyceum. Ħafna drabi, lura d-dar kien ikollu jasal bil-mixi. Imbagħad minn Għawdex kellu jmur l-Università ta' Malta, bħal meta xi ħadd ikun se jsiefer. Minbarra li l-ġenituri dak iż-żmien kienu

jistennew biex it-tfal joħorġu mill-Primarja ħalli jibdew jaħdmu fl-għelieqi jew fil-barrieri tal-ġebel, li tagħmel is-Sekondarja kienet xi ħaġa kbira, u straordinarja li tkompli l-Università. Mhux ta' b'xejn li Maurice Cauchi kien l-ewwel tabib li ħareġ mill-Għarb, Għawdex. U oħtu kienet waħda mill-ewwel żewġ għalliema nisa mir-raħal ukoll. Il-ktieb jinkludi aneddodi ħelwin tal-ħajja fl-Għarb f'dak iż-żmien, iddominata mill-Knisja u r-reliġjon. Tinnota wkoll sens ta' tmexxija minn kmieni fil-ħajja ta' Maurice Cauchi, meta bħala student fil-Lyceum kiteb ittra iebsa lill-għalliem talli dibattitu importanti tħassar u ittra lill-Gvernatur Ġenerali biex tennis court tal-forzi armati tkun tista' tintuża wkoll mit-tfal tar-raħal.

Fiż-żmien tal-Professur Maurice Cauchi bħala mexxej tal-komunità Maltija fil-Victoria saru ħafna kisbiet, fosthom il-programm Consul-on-the-Move, meta kien membru fuq il-Kunsill tal-Maltin li Jgħixu Barra. Bla tlaqlieq jgħid, li l-lingwa Maltija tlifniha, fost it-tieni u t-tielet ġenerazzjoni fl-Awstralja, għalkemm dawn jafu b'Malta u jafu bil-kultura u l-istorja tagħna. Dwar dan tkellem kemm-il darba f'intervisti u progammi *talk back* fuq ir-Radju tal-SBS. F'kapitlu minn dan il-ktieb insibu x-xogħol tiegħu meta kmieni fis-snin disgħin, l-SBS kien qed jagħmel tibdil fl-iskeda tal-programmi u huwa bħala kap tal-Kunsill tal-Komunitajiet Etnici fil-Victoria kellu joħroġ b'formula ta' distribuzzjoni ta' ħin li tkun xierqa għall-komunitajiet etniċi kollha. Bħala president tal-Kunsill Malti ta' Victoria, meta fl-2012 ħarġet l-aħbar li naqsu drastikament is-sigħat ta' xandir bil-Malti fuq l-SBS minħabba n-numru jonqos ta' dawk li jgħidu li jitkellmu bil-Malti fiċ-ċensiment, kien minn ta' quddiem, f'waħda mill-aħħar kriżijiet li laqtu l-komunità Maltija fl-Awstralja.

Għax-xogħol tiegħu fil-komunità Maltija fl-Awstralja, ngħata l-Order of Australia fl-1991 u għall-kontribut tiegħu lil Malta, ingħata l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika fl-1992. Illum il-Professur Maurice Cauchi huwa magħruf u apprezzat miż-żewġ pajjiżi li ħadem fihom u għalihom. Fiż-żewġ pajjiżi ta kontribut u ħalla wirt enormi.

## ĊIRKU BIL-KUMPASS

Xħin Alla ħalaq kollox  
ħażż ċirku bil-kumpass  
u mtedd fuq sodda balzmu  
hieni bl' għamel pass pass.  
Kien nefaħ ġewwa l-bniedem  
ruħ li ma tintemm qatt,  
tah kollox – barra siġra  
li minnha ma jmiss ħadd.  
Il-bniedem daq minn kollox  
bla qatt ma kien xebgħan,  
wasal li kiel mis-siġra  
għax hekk ħajru x-xitan.  
Mal-gidma ċ-ċirku triegħed  
u s-sliem ma deher imkien  
u l-bniedem ħass il-ħtieġa  
li jibda juża l-kliem.  
Minn fommu gelglet xmara  
li tfawwar ta' kuljum;  
mill-kliem li joktor dejjem  
il-bniedem qatt ma jsum.

**JOHN MALLIA**

## IS-SEQER STERJOTIP

ir-raġġi t'għajnejha jinfdu bil-ħdura,  
arroganza dominanti  
li tgħaddab ġens matur, ħawtiel, wemmieni.

misħuta ħarsitha,  
taqta' x-xemgħat min-nofs  
u t-trieħi jogħsfru.

is-seqer bħala isem, weħel magħha,  
imm'hi qajla tat kas u madwar qalbha,  
bniet bini tal-konkrit.

is-seqer għadha ddur tiftaħ ġwenħajha,  
tara ssibx vittmi ġodda,  
tgorr bl-iskarsezza.

**MARIO GRISCTI**

**FEJN IS-SIĠAR**

Fejn is-siġar fuq kull naħa
darba ngħaqqdu mill-għeruq,
fejn igelgel l-ilma ġieri
ġewwa l-wied għal snin mitluq,

fejn il-qasab qajla jħaxwex,
u  jixxejjer mingħajr kwiet,
fejn il-ħoss tal-weraq tari
il-lejl jikser minn kull skiet,

fejn l-għasafar hienja jgħannu
minn ġol-friegħi misturin,
fejn il-friefet soltu jtiru
fuq il-fjuri ħamranin,

hemm jintisġu l-itwal stejjer,
u jinħadmu ħrejjef sbieħ,
hemm l-imħabba tiegħu postha,
tidwi 'l hinn ma' żiffa riħ.

**CHARLES BEZZINA**

**PAWSA**

Waqaft biex nieħu pawsa
ta' mistrieħ
għaliex għejejt nitħabat
mal-qilla tal-irjieħ.

Waqaft
u staqsejt lilek
dil-pawsa tkunx ta' ġid,
u tlabtni nħaffer fiha
u nsib il-jien il-ġdid...

Ħaffirt
u għadni nħaffer
ħa nsib dal-jien il-ġdid,
'mma s'issa ma sibtux  . . .

Jew forsi diġà sibtu
u għadni m'għaraftux.

**CARMEL G. CAUCHI**

**IT-TLIET NISA TIEGĦI**
**(Ċajta serja)**

Sopran Ġirbija, l-ewwel waħda: Hilda:
kantat ma' ħafna baned u orkestri;
drammatika fl-istil, vuċi qawwija,
imfaħħra minn kulħadd, ukoll Maestri.

It-tieni, Josephine: xejn m'għandha x'taqsam
ma' dik ta' Napuljun, 'ma Żabbarija,
b'demm Ġirbi; ħadet ħsieb 'l uliedi sewwa.
U ma ngergrux: żaqqna dejjem mimlija.

It-tielet waħda qiegħed nistennieha.
Din m'għandhiex għaġla; lanqas għandi jiena.
Tistaqsunix fuq il-fattizzi tagħha
għax ħadd ma raha mkien, skont ilsna ħżiena.

Dakinhar festa: arawni mingħajr nifs
sakemm nitfagħha minn fuq Dingli Cliffs.

**KARMENU MALLIA**

**MARTI**

Il-maħbuba marti
nixtieq inpinġi fi kwadru
kieku kelli l-ħin.
U f'kull vjaġġ inħares lejha,
biex nistrieħ
mill-kieba tal-ħajja.

**JOHN A. CONSIGLIO**

**RICORDANDO TE**

Ricordando te
nel sorriso innocente di un neonato;
nel canto soave di un usignolo;
nelle carezze fresche dell'ondine estive;
nel profumo divino di una rosa rossa.

Ricordando te
nell'eleganza affascinante di un cigno sovrano;
nella sveltezza adorabile di una ballerina;
nelle nuvole argentate che abbracciano il cielo;
nella fiamma bollente che illumina il mio cuore.

Ricordando te:
ogni attimo;
ogni istante;
ogni giorno;
ogni stagione.

**PIO SPITERI**

**ĦAĠA MOĦĠAĠA**

X'tixtieqni ngħidlek dwar l-imħabba
ħlief li tagħmel id-differenza kollha?
Tippruvax tiddefiniha jew tiddeskriviha.
Jekk m'għandekx ħin għaliha mur intrema.
Ħaġa moħġaġa. Iġġib fix-xejn l-għorrief.
Tippruvax taqbadha b'xi nasba tal-ħabba gozz.
Taħrablek. Tilgħab bik. Tagħmlek iblah.
Tagħmlek bniedem.
Min qal li l-imħabba mhix passjoni?
Jekk ma tagħmlekx bniedem ieħor
li teħodha kontra l-qawwiet
u ma tibżax mit-tajn u l-mewt
allura għadek ma sibthiex.
Dan biss naf ngħidlek fuq l-imħabba:
li tagħmel id-differenza kollha.
Inżid, li hi aktarx rari.
Għalhekk l-umanità qatt ma waqfet fuq saqajha.
Għax l-imħabba hi rari
kontra, forsi, dak li jaħsbu l-mases.

**EMMANUEL ATTARD CASSAR**

**IL-QAWSALLA**

Toħroġ wara ħalba xita,
f'sura t'Arkata f'sema li bnazza
u bl-isbaħ ilwien jiddu daqs in-nida,
qishom bil-fidda titħallat magħhom;
tiksi fil-bogħod l-Orizzont,
sakemm dan il-beraħ fl-għajn jibqa' tagħhom;
qisha mrawħa bla maqbad, għalija
miftuħa minn tarf sa tarf fi sħab immens.
Imma tiskanta b'din is-sbuħija,
kif tgħib mis-sema, qisha dabet fix-xejn
minn dawn il-kuluri f'nofs ċirku,
magħmula f'għamla daqstant eżatt; minn fejn
joħorġu l-kuluri l-oħrajn kollha,
li jibdew miċ-ċar għall-iskur.
X'taf tagħmel natura f'qabża ta' molla,
ħadd ma jobsorha li mill-baħħ tinġemgħa
tifsila, f'ajru griż u blu ċar wara,
li maltemp u bnazzi lis-sema tema'.
Aħseb u ara kemm hu kbir u t'għaġeb,
minn ħoloq ħaġa bħal din b'daqshekk tiżwiq,
li moħħ ma jispjegax ħlief b'li jistagħġeb,
b'din il-meravilja bid-dehra tagħha,
f'wesgħa li ma għandhiex tmiem
u li kalma tiġbed għal xi ftit magħha.
Hekk il-qawsalla, li tpaxxi l-għajn,
kif dawn iħarsu ċassi, mistrieħa,
lejn l-ilwien li jaqblu m'oħrajn
u mingħajr ma jidħlu f'xulxin,
fl-isfond ta' beraħ ċelesti,
meta dan il-ġmiel ifiġġ f'xi ħin.

**JOSEPH BONNICI**

**META MMORRU MALTA?**

« Pa, meta mmorru Malta ? »
kont nistaqsi għadni tfajjel.
U kien jibdili l-ġrajja
tiegħu u ta' sħabu ta' mparu,
itarrafli x'għadda minnhom
fuq art li ma kinetx tagħhom.

Xi minn daqqiet il-kelma
kienet toħroġ maħnuqa
b'demgħa ġġelben fuq ħaddtu
hu u jiftakar il-ħlewwa ta' tfulitu
miġbur ma' niesu
għall-kenn ta' Artu.

L-Imxerrda marru
mkeċċija bil-faqar u l-għaks;
ħallew lil nieshom,
qrabathom,
u telqu
b'idhom f'idhom,
la saħħa
la merħba
minn hawn għal hemm
fuq art oħra mitluqa.

U beda x-xogħol
u għadda ż-żmien
u twieldu l-ulied
u bdiet il-ġrajja
ta' nisel il-Maltin
f'art is-sibjien.

Iżd'għad jerġgħu l-Imxerrda
fuq Art missirijiethom
li minnha nstabu mwarrba.

MALTA, x'għamilt lil uliedek,
ħallejthom jitilqu mnażżgħa
minn kull ħtieġa
waħidhom għand il-barrani
bil-faqar u l-għaks

joħonqu kull ħjiel ta' tama
li jsibu fi ħdanek xortihom ?

Bit-tagħlim li kisbu
u x-xogħol li wettqu
saru nies fost il-ġnus.
U għad jerġgħu lura
fuq dik l-Art li ssaħħar
ulied l-Imxerrda
b'tislija lil ta' ġewwa

«Ejjew inkunu kburin
bil-Wirt tagħna l-Maltin ».

**ĠUŻÈ CUTAYAR**
**(Awtur tal-ktieb *Stħajjiltni Malti ta' Ġewwa. Memorji ta' Tuneż*, Malta University Press, 2009)**

**MITT DARBA**

Mitt darba ħlift li ninsik - mitt darba
u minn qalbi ħarġet tnehida  - mitt karba,
tant drabi lil wiċċi dawwartlek - mitt ħarba!
Imma li kelli bħal issa narak …
li kieku biss nista' narak!
Tintemm iċ-ċaħda
għax miegħek imwaħħda
f'ħolma ta' ġenn
li qatt ma tintemm.
Mitt darba nħarislek f'għajnejk
ġo tiegħi nagħfaslek idejk
u b'bewsti niksilek xufftejk.

U meta mill-ġdid int tħallini warajk
bħal warda imċajpra, imkasbra f'saqajk …
Mitt darba jien nibki xortija,
mitt darba nixtieq li nisirqek għalija!

**LINA BROCKDORFF**

**HAWALA**

Bejn sema u ilma
il-lotta tiegħek,
itterter fuq dingi
innumerat.
Jikxef
ir-ramel fin
bejn subgħajk,
il-bajja
li minnha ħrabt.

Flok mewta martri
ġismek ikkruċifissajt
bil-prezz imħallas
lejn l-art imwiegħda,
lanqas bit-teleskopju
ma' taraha
fl-orizzont jitgerbeb.
Kull tisbita immewġa
li trigħedlek l-istonku
tama tlum
fl-iżbark qarriebi
fi tmiem
dal-vjaġġ iddolorat.
Għalissa,
in-nixfa immellħa
fuq xufftejk
ittiegħem
is-salvazzjoni
tal-ġenna tistenniek.
Xejn u ħadd
din ma joħodlok,
storja kbira
ta' ftit kliem.

**JONATHAN BALZAN**
**(Din il-poeżija ġiet fit-tielet post fil-Premju Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2021)**

**NAQAL**

Meta l-bieqja taż-żgħożija
sax-xifer tkun benna mimlija
x'jgħatti l-qiegħ m'għandux tifsira;
kull stennija toħloq tferfira.

Jasal imbagħ'd żmien l-irġulija
b'ta' sikwit dewqan ġo fiha,
fil-bieqja jixref l-iskur
u l-entużjażmu qajla jfur.

Min jaf jifli l-qagħda sewwa
mal-benna jilmaħ ħjut id-dnewwa;
jitbaxxa wkoll il-livell,
fejn kien dawl issa sar dell.

Il-bieqja tibqa' twettaq dmirha
għad li l-ħeġġa ċkienet fqira;
fl-aħħar jinkixef naqal fil-qiegħ
u r-ruħ għajjiena tokrob mistrieħ.

**VANNI SANT**

**LE MADRI NON CERCANO IL PARADISO**

Le madri non cercano il paradiso,
il paradiso io l'ho conosciuto
il giorno che ti ho concepito,
Perché vuoi morire?
Non ti ricordi la tua tenera infanzia
e quanto hai giocato con me?
Perché vuoi inebriarti della tua anima?
Tu stai uccidendo tua madre
eppure non riesco a dimenticare
i gemiti del parto.
Anch'io quel giorno sono morta
quando ti ho dato alla luce,
tu sei peggio
di qualsiasi amante figlio mio
tu mi abbandoni.

**ALDA MERINI**
***L-Italja***
**(minn *Le madri non cercano il paradiso*,**
**Gruppo Albatros, 2009-2010)**

**"O LONG THE FRIENDS OF WAR SHALL DANCE"**

O long the friends of war shall dance
Upon the stricken fields of France:
And long and long their grisly cry
Shall echo up and smite the sky:
O long and long the tears of God
Shall fall upon a barren sod,
Save when, of His great clemency,
He gives men's hearts in custody
Of grim old kindly Death, who knows
The mould is better than the rose.

**GEOFFREY BACHE SMITH**
***L-Ingilterra***
**(minn *A Spring Harvest*, J2B Publishing, 2019)**

**WHEN YOU OPEN THE NEWSPAPER**

When you open the newspaper
A rocket jumps out
The corpses who afraid of graves
Are hidden behind you
Their voices are red sirens
There are many jet planes on the table
The planes break the sound barrier in the room
You get a trench behind your desk
And warn them to go back inside the newspaper
You crawl
And roll up the newspaper,
Then pretend to be asleep
With such a newspaper no window can be cleaned

**SANAZ DAVOODZADEHFAR**
***L-Iran***
**(minn *I Walk on Dead Letters*, Ukiyoto Publishing, 2020)**

**SCATOLINE DAI BORDI BLU**

A volte si riposava sedendosi
sulle scatoline dai bordi blu
che i contadini più sorridenti
lasciavano maturare insieme alle spighe
di grano. Quello che potevano di lui amare
lo amava e basta. Viveva così,
quasi nessuno vide il ragazzo alimentarsi
o addormentarsi profondamente.
Apriva i coperchi dove i raggi del sole
spinti gli uni contro gli altri
risultavano spenti. Poi alcuni fiori
saldamente ancorati ai sentieri d'un viola acceso,
piccoli insetti rosa accanto a grandi cuori morti.
Oracolare e misterico, dilatato acceso cuore
morto. La eco del porto accarezzava
le sembianze d'un sesso dolcemente assente.
Il pantaloncino verde come le parole dei fiumi.
La navigazione degli abissi
a ripristinare l'ordine perduto.

**ANTONIO VANNI**
**L-Italja**
**(minn *Dimenticato*, Macabor, 2021)**

**BACKWARD OR ADVANCED**

I see God walking before my eyes,
like a snake, a tortoise, a lion, a horse, a man,
like a sunbeam, wind, a cloud, snow,
I stand still and I show myself.
I wonder if I am backward
or advanced
existential and theological.

**POTIS KATRAKIS**
***Il-Greċja***
**(minn *The Unforeseen*, Lexitipon, 2009)**

**N.B. Il-poeżija 'Reverence' ta' Rajender Krishan li dehret f'paġna 53 f'IL-PONT (Diċembru 2021) ittieħdet mill-ktieb *Wanderer*, Setu Publications, 2021)**




***ĠABRA TA' ĦREJJEF MALTIN MINN STUMME*, maqlubin għall-Malti minn Lily Grima, Malta University Publishing, 2021**

Din il-kollezzjoni ta' ħrejjef hija importanti fil-wirt folkloristiku ta' Malta għaliex tikkonsisti fi stejjer tal-passat li l-antenati tagħna għaddew bil-fomm bejn ġenerazzjoni u oħra. Stumme għamel xogħol eċċellenti billi rrekordjahom eżatti kif semagħhom għax b'hekk għandna rikordju dirett ta' kif kienu jitkellmu u jaħsbu l-Maltin tal-1903. Flimkien ma' dawk li oriġinaw minn Malta, dawn il-ħrejjef jinkludu oħrajn li juru l-influwenza tal-barranin. Dawn l-istejjer oriġinalment ġew irrakkontati bid-djalett u Stumme kitibhom bil-lingwa fonetika. Lily Grima qalbithom għall-Malti modern bit-tama li dawn l-istejjer isiru parti mill-edukazzjoni tal-Maltin. Grima ltaqghet mal-kollezzjoni ta' dawn l-istejjer waqt li kienet qed tagħmel riċerka fuq l-etnomużikoloġija ġo Goldsmiths College, Londra. Il-karriera prinċipali tagħha kienet fil-qasam tal-edukazzjoni bħala għalliema li tispeċjalizza fil-mużika. Bħalissa hija taħdem privatament bħala interpretu u traduttriċi. Wieħed jista' jsib ukoll il-verżjoni bl-Ingliż ta' dan l-istess ktieb bl-isem *Stumme's Folktales from Malta*.




***KOLLOX POLITIKA?* ta' Mario Thomas Vassallo, Malta University Publishing, 2021**

Dan il-ktieb ta' ftit inqas minn 250 paġna kellu kliem ta' tifħir min-naħa ta' personalitajiet importanti bħall-President ta' Malta George Vella (li kiteb id-Daħla tal-ktieb), il-Prof. Godfrey Baldacchino (li kiteb l-Introduzzjoni), u Dott. Charles Xuereb (awtur tal-Kelmtejn ta' Merħba). Huwa maqsum f'erba' taqsimiet (Il-Politika u l-Governanza; Il-Politika u r-Reliġjon; Il-Politika u l-Ekonomija; Il-Politika u l-Amministrazzjoni Pubblika) u 31 kapitlu miktubin minn Mario Vassallo wara li intervista għadd usa' ta' personalitajiet varji. Fis-saġġi tiegħu l-awtur iħaddem l-interdixxiplinarità u dan ifisser li fir-riflessjonijiet tiegħu jżomm ħarsa wiesgħa għax jgħarbel is-suġġett li jkun minn perspettivi u dixxiplini differenti. L-ilsien Malti li jħaddem huwa sabiħ ferm. Għalhekk, fi kliem Prof. Baldacchino, dan ix-xogħol hu "xempju tal-qrubija bejn l-akkademja, l-ekonomija u s-soċjetà Maltija" imma anki "xhieda ta' kif u kemm l-Università kapaċi wkoll tersaq qrib in-nies." Il-ktieb jinkludi wkoll taqsima bil-profili tal-editur u l-kontributuri u Indiċi Ġenerali.




**_IL-ĦALFA TAD-DESTIN_, ta' Michael Cini, Horizons 2021**

Dan huwa s-seba' rumanz mill-pinna ta' Michael Cini. Inkiteb wara li l-awtur qara riċerka interessanti minn Dr Giovanni Bonello dwar l-ulied illeġittimi li kellu De Valette. Naturalment, l-immaġinazzjoni tal-awtur tilgħab parti importanti wkoll biex Cini joħloq ġrajja li għalkemm fittizja, hija ambjentata u magħġuna tajjeb ma' dan il-fatt , kif ukoll ma' dak kollu li kien qiegħed iseħħ waqt l-Assedju l-Kbir ta' Malta. Il-qarrej jieħu sehem f'bosta ħarbiet eċitanti fuq iż-żwiemel tal-Kavallerija tal-Ordni fi ljieli mudlama minn qalb il-kampanja, l-irħajjel antiki, ġol-widien, fuq l-irdumijiet u saħansitra anki f'nofs il-fliegu perikoluż ta' bejn Malta u Għawdex. Din l-avventura qalbiena toħodna wkoll taħt l-art f'bosta mini u passaġġi sigrieti li jeżistu fis-sotterrani kbar u mudlama ta' Sant'Anġlu, l-Imdina kif ukoll taċ-Ċittadella t'Għawdex. Dan ir-rumanz juri wkoll l-importanza u s-sehem fejjiedi li ta Għawdex permezz tal-Għawdxin qalbiena li kien hemm wara s-swar tal-Gran Castello, jew kif nafuh illum bħala ċ-Ċittadella, biex seta' jintrebaħ l-Assedju. Il-ktieb huwa mżejjen b'numru ta' mapep, stampi u tpinġijiet relatati mal-Assedju l-Kbir.




**_PENSIERI_ ta' Marjanu Vella, miġbura minn Josette Attard, 2021**

Forsi mhux kulħadd jaf li l-patri Franġiskan u poeta Marjanu Vella kiteb ukoll poeżiji bit-Taljan. F'dan il-ktieb b'qoxra iebsa ta' 216-il paġna Josette Attard ġabret ftit iktar minn 180 poeżija, jew kif sejħilhom il-poeta stess, Pensieri, bil-Malti, Ħsibijiet. Kollha flimkien jistgħu jinftehmu bħala testimonjanza tal-vjaġġ eżistenzjali tal-poeta f'din id-dinja. Vella jikteb dwar esperjenzi komuni, imma - bħal kull poeta li josserva l-ambjent madwaru u jirrifletti dwaru - jgħollihom għal-livell sublimi permezz tal-pinna raffinata, sensibbli, u umli tiegħu. Vella jikteb dwar ix-xita tal-ħarifa jew dwar il-funtana f'nofs il-misraħ tar-raħal, imma fl-istess ħin jirreferi għan-nixfa spiritwali li ġieli għadda minnha. Jaħkem sens ta' stennija, ta' xewqa għall-ilma li jaħji spiritwalment. Wara s-sempliċità tal-kliem li jħaddem Vella hemm profondità li tħalli lill-qarrej jhewden u jirrifletti, u dan minkejja l-konċiżjoni ta' dawn il-Ħsibijiet. Hemm elementi fil-Versi ta' Vella - fosthom ir-rabta mal-ambjent naturali - li jfakkru fir-riflessjonijiet ta' Thomas Merton. Fil-ktieb huma inklużi kopji ta' 6 poeżiji tal-poeta miktubin bil-kalligrafija sabiħa tiegħu, u anki Indiċi tal-ewwel versi f'sens alfabetiku.




**_DEATH BY PICTURES_ ta' Paul V. Azzopardi, Kite Group, 2021**

Il-letteratura Maltija hija usa' minn dik miktuba bl-ilsien Malti. Kif spiss wera IL-PONT, hemm kittieba Maltin li jiktbu xogħlijiet letterarji validissimi anki bl-Ingliż jew bit-Taljan, apparti ilsna barrann oħra. Paul V. Azzopardi hu wieħed minn dawn u l-awtur ta' dan ir-rumanz ta' 250 paġna, li jinqasam fi 18-il kapitlu, u li jintrabat mad-dinja tal-arti pittorika. Ray Spriss hu artist li jsib ruħu bla sold fil-but, u dan meta ħuh parapleġiku jkollu bżonn terapija tiswa ħafna flus. Naqraw dwar l-iddisprat li jissellef il-flus mingħand kampjun tal-usura u b'hekk jidħol f'inkwiet ikbar; hemm il-proprjetarju ta' gallerija u kummissjonatur tal-arti li la jħallas lil min għandu jħallas u lanqas iwassal il-pitturi li għalihom ikunu diġà ħallsu l-klijenti tiegħu; hemm ukoll relazzjoni ta' mħabba li ma tibqax u s-solitudni li tinħoloq f'dak li jkun. Dan kollu jseħħ waqt sajf Malti jikwi li matulu toħroġ għad-dawl id-dinja tal-arti falza, ta' ħasil il-flus u ta' omiċidju brutali. Is-sabiħ ta' rumanz bħal dan hu anki l-fatt li jista' jinqara minn min ma jifhimx bil-Malti.




**_IMSIEBAĦ_ ta' Alfred Degabriele, Horizons, 2015**

Ta' min jgħid li din mhix l-ewwel ġabra ta' poeżiji ta' dan il-poeta misjur u mġarrab. Huwa kien fost il-membri fundaturi tal-Moviment Qawmien Letterarju fis-snin '60, mela fost dawk li xtaqu jagħtu nifs ġdid lil-letteratura Maltija. Kien ukoll fost dawk li għalkemm ħass il-ħtieġa li jimxi 'l quddiem, min-naħa l-oħra ma nesiex dak li hu validu bħala tradizzjoni u b'hekk fil-versi tiegħu serva bħala pont li jgħaqqad it-tradizzjoni mal-modern. L-ewwel ġabra poetika tiegħu kienet *Ma' Mewġet il-Ħsieb* (1981). F'din il-ġabra ta' poeżiji Alfred Degabriele jagħtina iktar minn 130 poeżija li jqassam matul erba' taqsimiet differenti: i. Madwari; ii. 'Il bogħod minni; iii. Ġo qalbi; u iv. Ġo ruħi. F'kull taqsima hemm żvilupp kronoloġiku. Insibu għalhekk poeżiji li l-poeta kiteb matul firxa wiesgħa ta' snin u dan bħala tkomplija ma' dak li ppubblika qabel. Bħal kull poeta, Degabriele jikteb dwar tiġrib - pożittiv u negattiv - li jgħaddi minnu, dwar dak li jara qribu u bogħod minnu, dwar it-tqanqiliet ġo qalbu jew il-mewġiet li xi darba kienu sawru f'ruħu, u dan biex xejn ma jintilef. Taħkem l-introspezzjoni li biha jħares lejn il-ħajja.




## TLIET RUMANZI MILL-ISBAĦ F'RABTA MAS-SNIN '30 U '40 TAS-SEKLU 20

***IBEN IL-QUISLING*** hu rumanz ta' Ben Agius (Horizons 2021). L-awtur ta' dan ir-rumanz ta' iktar minn 400 paġna jdaħħalna sewwa fi żmien il-ventennju Faxxista u s-snin qabel u waqt it-Tieni Gwerra Dinjija permezz ta' bosta dettalji. Jinkludi kliem u frażijiet bit-Taljan li kienu jintużaw fi tmiem is-snin '30 tas-seklu 20. Joħroġ sewwa l-kuntrast bejn l-għelt li ġabet il-gwerra fuq Malta u l-ġrajja sielma li r-refuġjati Maltin sabu tilqagħhom f'Għawdex. L-awtur ilaqqagħna mal-qasma bejn il-Maltin pro-Imperjalisti u dawk pro-Taljani. Tiġi ttrattata wkoll l-inġustizzja ta' min sefa arrestat u maqful intortament, u min baqa' ħieles minkejja azzjonietu ta' spija u traditur tal-patrija. Niltaqgħu ma' diżertur, ċorma tfal, u sajjieda Għawdxin li kollha flimkien jgħinu biex jinkixef komplott ta' attakk Faxxista kontra Malta u l-Ingliżi. Fi żminijiet bħal dawn, il-mibegħda kienet taħkem anki liż-żgħar tant li kienu jaslu biex iwettqu azzjonijiet faħxija minħabba ideoloġiji politiċi estremi, bħat-twemmin fir-razza pura. Fuq in-naħa l-oħra, insibu tfal Maltin u Għawdxin li jagħrfu r-responsabbiltà tagħhom li għandhom ifixklu kemm jista' jkun l-attività tal-ispiji.

***BIG OAK ON LITTLE MOUNTAIN*** (Horizons, 2021) hu l-11-il rumanz ta' Lou Drofenik. L-istorja tifrex fuq iktar minn 300 paġna, u l-awtriċi tinkludi Noti introduttiva, lista tal-personaġġi li niltaqgħu magħhom, u fi tmiem il-ktieb lista ta' noti f'rabta ma' kliem bis-Sloven u kurżitajiet oħrajn, imma anki biblijografija ta' kotba minfejn kisbet it-tagħrif meħtieġ għall-isfond realistiku u storiku tar-rumanz. Din id-darba Drofenik tambjenta r-rakkont tagħha fis-Slovenja u tikteb dwar mewt, eżilju, il-bżonn li wieħed jibki lil dawk li tilef, u n-nuqqas ta' sens ta' appartenenza. L-azzjoni tar-rakkont tiġi ambjentata fi spazji differenti, fosthom Ruma, f'Ljubljana, u fi rħula żgħar fuq il-muntanja Slovena. Id-data hija l-1939, u l-istaġun ir-rebbiegħa: jasal qassis Malti fi Trieste. Il-gwerra hija wara l-kantuniera u jeżistu l-antagoniżmu kbir bejn Taljani u Sloveni, it-theddida kontra l-Lhud, il-kwistjoni tal-lingwa fis-Slovenja. Tinħass ċerta tensjoni politika anki bejn membri tal-istess komunità Slovena, minkejja li Drofenik tfakkarna li kull bniedem għandu f'demmu taħlit li jmur lil hinn mill-fruntieri politiko-ġeografiċi. Drofenik tlaqqagħna ma' għadd ta' modi t'għajxien u tradizzjonijiet Sloveni: hemm il-kesħa tal-ixtiewi kontra s-sħana tan-nar fil-fuklar jew tal-passjonijiet; il-funeral li jsir ċelebrazzjoni fejn persuni minn familji differenti jiltaqgħu biex isellmu lill-mejjet b'mod festiv.

Dan ta' Drofenik, bħal dejjem, iżommok mill-bidu sal-aħħar permezz ta' elementi varji. Hemm ir-rabja ta' min ġie abbandunat mill-ġenituri li mietu u afdat f'idejn nies li ma jafx u f'post li ma jridx; ix-xewqa għall-ħelsien; il-qassis Malti f'tiftixa għal ħuh li qaleb għal Faxxista fi żmien ikrah tassew; id-deċiżjoni li tingħata għajnuna lil tfal Lhud b'ġenituri ppersegwitati; żingari mibgħudin minn bosta; it-theddid minn żewġ ideoloġiji politiċi opposti bħalma huma n-Nażiżmu-Faxxiżmu u l-Komuniżmu; id-differenza bejn id-drawwiet u l-ikel Mediterran u dawk ta' popli li jgħixu fiċ-ċentru tal-Ewropa; l-idea li l-gwerra tibdel lil kull min iġarrabha. Il-Faxxiżmu hawn hu mifhum bħala ġenn li jinfirex bħal roqgħa żejt bil-mod il-mod f'kull rokna. Kontra dan hemm ir-




rieda tan-nisa Sloveni (poplu kburi bl-identità tiegħu) li lesti li jiġġieldu kontra l-ħażen. Minkejja dan kollu, hemm ukoll l-idea li l-gwerra ġġib magħha t-tajjeb ukoll, fosthom l-attività altruwistika ta' min iġorr mediċini bil-moħbi biex jintużaw fi sptarijiet klandestini, ix-xogħol tal-infermiera nisa, il-possibiltà li wieħed isib lil Alla anki f'waqtiet koroh bħall-gwerra, ir-rabta bejn persuni li qatt qabel ma kienu jafu lil xulxin (bħal dik bejn Alma u t-tifel żingari Roman), u d-djar u familji li joffru kenn lil min hu ppersegwitat jew involut fir-Reżistenza. Interessanti l-ixbieha rikurrenti tas-siġra tal-balluta li torbot flimkien il-bidu u t-tmiem, l-imgħoddi mal-preżent, it-twelid mal-mewt. Sabiħ hu l-fatt li f'rumanz miktub bl-Ingliż u ambjentat f'artijiet lil hinn minn Malta, tissemma wkoll il-lingwa Maltija miktuba f'għamla ta' poeżija.

***CAMERATA!*** ta' Alekx Farrugia (SKS 2021) hu rumanz li jinqasam fi 15-il kapitlu u jifrex fuq iktar minn 300 paġna. Hemm partijiet miktubin bil-korsiv marbutin mal-passat; il-partijiet l-oħra jintrabtu mal-preżent. L-Ispettur Salvu Camilleri huwa l-protagonist. Apparti x-xogħol investigattiv tiegħu fil-kixfa ta' komplott min-naħa tal-Faxxisti, jinsab f'tiftixa personali ta' min kien fil-verità missieru: jekk kienx hu verament wara l-attentat kontra l-Gvernatur, jew jekk fil-fatt ġiex ikkundannat għall-forka bniedem innoċenti. Il-fantażma tal-missier jibqa' jippersegwita lill-Ispettur Camilleri sakemm isolvi din il-biċċa. Dan Salvu hu bniedem ambivalenti: fuq naħa jidher b'saħħtu, imma fil-profond tiegħu jġarrab ukoll waqtiet ta' dgħufija.

Personaġġ importanti hija l-prostituta Sefora li, minkejja xogħolha, minn fommha joħroġ kliem meqjus u għaref: l-idea li bħala poplu li jgħix f'pajjiż żgħir aħna l-Maltin dejjem se nibqgħu "bżonn xi ħadd akbar minna biex iżommilna jdejna." Hija tgħaddi minn waqtiet li għandhom mir-rakkont ta' Sindirella: toħlom li għal ftit setgħet tgħix ħajja lussuża, maħbuba minn bniedem sinjur, f'atmosfera tal-ħrafa. Hemm elementi li jorbtu lil Salvu u Sefora flimkien: Sefora tixtieq taħrab mill-umiljazzjoni li tefgħetha fiha l-kundizzjoni soċjali, dik ta' prostituta f'Bormla; Salvu jixtieq jaħrab mill-iħirsa tal-imgħoddi. Kliem Sefora quddiem l-Ispettur Salvu f'waqtiet ta' disperazzjoni hu kliem ta' saħħa u kuraġġ kbir. Hemm ukoll l-uġigħ ta' omm li tilfet lil żewġha ikkundannat għall-mewt minkejja li innoċenti u rabbiet lil binha fil-faqar u ppersegwitat minn sħabu stess minħabba r-reputazzjoni ta' missieru.

F'dan ir-rumanz l-istoriku u l-erotiku jinftehmu wkoll bħala spazji lil hinn miċ-ċokon ta' Malta. Deskrizzjoni ħajja hija dik tal-ewforija tal-folla fi pjazza f'Ruma tistenna u tilqa' lil Mussolini, fejn ma naqsitx ukoll il-preżenza Maltija. Hawn il-mistħajjel u l-istoriku jiltaqgħu flimkien.

Ma jonqosx f'*Camerata!* l-kumment politiko-soċjali. Hemm l-idea tal-awtoritajiet korrotti: "Huma! Dawk li jiġbdu l-ispaga. Il-klikka ta' kriminali, politikanti, uffiċjali, imħallfin – kollox marbut flimkien. Xibka waħda. Ma tistax taħrabha." Anki Salvu jberraħ ħsibijietu: "aħna minn dejjem konna sefturi u nibqgħu naħsbuha ta' sefturi." U iktar tard naqraw: "Dal-poplu minn dejjem hekk kien. Forsi hemm żbaljajna, li ridna nibdluh." Wieħed jistaqsi kemm inbdilna bħala mentalità ta' poplu matul iż-żmien? Il-Faxxiżmu ta' 100 sena ilu jfakkar f'dak li qed jgħolli rasu llum fil-preżent, u l-għajta tal-protagonist: "Le, le ma jridx jgħix taħt il-Faxxiżmu lanqas hu. Ma jridx

jgħix ikkundizzjonat mill-biża'." Mela l-għarfien li l-Faxxiżmu mhux ħelsien imma jasar ieħor.

Farrugia jlaqqagħna ma' Belt Valletta fejn hemm id-dinja ta' taħt (Strada Stretta) u d-dinja ta' fuq (Strada Rjali) bl-ekwilibriju fraġli tagħhom. Terġa' d-denunċja: "Kemm hi faċċola u ipokrita l-ħajja f'din il-gżira." Jispikkaw l-irġiel sinjuruni li jiġġerrew mal-prostituti ta' klassi, minkejja li miżżewġin. Ħrafa u realtà kiefra, passjoni u korruzzjoni jissawbu flimkien. Hemm taħlita li għandha mir-rumanz tal-imħabba fuq naħa u mir-rumanz soċjali-reali-thriller (hemm ukoll it-tiftix tat-tifsira wara l-kodiċi fl-inkwatri importati mill-Italja) ta' denunċja, fuq l-oħra. Kuntrast ieħor hu dak bejn l-ispettaklu fint prodott ta' Mussolini u l-Faxxiżmu, u l-faqar u l-vjolenza min-naħa tal-Camicie Nere fit-toroq ta' Ruma. Salvu jifhem li taħt Mussolini l-poplu Taljan tilef ruħu.

L-awtur jittratta wkoll in-nepotiżmu fil-qasam tal-arti. Permezz tal-personaġġ ta' Mastru Ġann tixref il-mistoqsija: X'inhu l-veru għerf? Hemm il-klikek anki fl-akkademja? "L-għerf huwa l-privileġġ tal-ftit. Ta' dawk li għandhom id-dehen. L-għerf ma ttihulekx l-Università. L-għerf tibnih int, bil-qari, mill-ħajja..."

Isem l-ispettur Salvu Camilleri jfakkar fil-Kummissarju Salvo Montalbano u fl-awtur Sqalli Andrea Camilleri. Bejn Salvu Camilleri u Montalbano hemm xebh: iħobbu l-inbid u l-ikel bnin; in-nisa sbieħ, imma jibżgħu li jikkommettu rwieħhom, l-għawm, il-baħar li jserraħhom u jservi bħala spazju ta' riflessjoni. It-tnejn donnhom subien li qatt ma kibru. Il-baħar jinftiehem bħala l-element ta' tluq u ritorn. Sefora tista' tfakkar fil-ħabiba-prostituta ta' klassi ta' Montalbano, it-tnejn nisa raffinati u intelliġenti.






Stilistikament jolqtu s-siltiet fejn titħaddem il-kitba ekfratika: dawk il-partijiet fejn Farrugia jinkludi d-deskrizzjoni ta' pitturi ta' Breughel, Bartolomeo Veneto, Holbein, Vasari, u Giorgio Romano permezz tal-kelma. Tispikka anki l-importanza tal-ħolm. Hemm ukoll l-immersjoni psikoloġika fejn ningħataw il-ħsibijiet l-aktar intimi tal-personaġġi. Hemm waqtiet ta' ironija drammatika, meta l-qarrej isir jaf iktar minn dak li jaf il-protagonist u Spettur Salvu Camilleri. Hemm l-ittri li Salvu jikteb lil missieru f'waqtiet ta' kriżi u solitudni: huma qrara, kixfa diretta ta' x'hemm mistur ġo qalbu u ħsiebu.

Dawn ta' Ben Agius, Lou Drofenik u Alekx Farrugia huma kollha rumanzi li jintrabtu mal-epoka meta Benito Mussolini kien fil-poter u meta l-Ewropa sfat vittma tal-Ħażen minħabba l-Faxxiżmu u n-Nażiżmu. Kollha huma rumanzi ta' ċertu tul u li jinqraw b'ħeffa kbira u fl-istess ħin b'interess kbir filwaqt li jdaħħluk verament fl-ispirtu tal-epoka deskritta ladarba t-tliet awturi għamlu r-riċerka tagħhom sewwa qabel ma bdew jiktbu.




**_ROTA ROŻA_ ta' Charlie Grima, Horizons, 2018**

Din hija ġabra ta' ftit iktar minn 50 poeżija. Grima jħaddem il-forma moderna, mela il-metru u l-vers ħieles. Il-ktieb għandu daħla ċkejkna miktuba minn Alex Vella Gera li jikteb: "Hemm poeti u hemm Poeti. Hemm min jilbes il-libsa ta' poeta biex jivvjaġġa minn fuq karta vojta. Hemm min jinża' dik il-libsa meta jsib ruħu jimraħ f'nofs dik il-karta vojta. U hemm min ma jilbisx ilbies ta' poeta għaliex huwa l-ħin kollu poeta. Wara għoxrin sena ħbieb miegħu, nista' ngħid bla tlaqliq li l-awtur tal-versi f'dan il-ktieb huwa tat-tielet tip." Fil-versi tiegħu Grima jesprimi sensittività lejn il-proxxmu, u dan b'ilsien li jipprova jqajjem lill-qarrej mill-aljenazzjoni ta' kuljum, minkejja li hu magħmul mill-istess kliem li nużaw ta' kuljum. Jinħass li l-poeżiji ta' Grima bħal twieldu f'leħħa ta' mument, imma mbagħad iħallu lill-qarrej jhewden, jaqrahom u jerġa' jaqrahom, daqqa bil-mod u daqqa b'ritmu aktar mgħaġġel, sabiex jipprova jasal għal xi tifsira li hemm bejn vers u ieħor, bejn metafora u oħra, tifsira li tinħass li hija waħda importanti u profonda għax tirrigwarda lill-umanità sħiħa. Wieħed żgur jistaqsi: Imma kif titwieled il-poeżija? Xi jwassal biex il-poeta jikteb dak li jikteb? Liema waqtiet partikolari jkun qed iġarrab biex jikteb b'lingwa li tittawwal minn bejn dak li jinftiehem u dak li hu kumpless, bejn ir-razzjonali u l-irrazzjonali?




**_JIFRIDNA BISS IS-SKIET_ ta' John Buttigieg, Horizons, 2021**

Qabel din il-ġabra John Buttigieg diġà kien ippubblika żewġ ġabriet poetiċi oħra: *Nixtieqek terġa' tiġi* (1989) u *Qabel Tagħmel ix-Xita* (2017). Hawn insibu mal-mitt poeżija li John Buttigieg kiteb bejn l-2014 u l-2020. Dawn ta' Buttigieg huma poeżiji li għandhom kemm mit-tradizzjoni (l-endekasillabu, ir-rima) imma anki mill-modern (il-vers ħieles, l-esperimentazzjoni b'elementi tradizzjonali u moderni fl-istess kompożizzjoni). Kif jammetti l-poeta stess fid-Daħla, l-għan aħħari tiegħu kien dejjem li jesprimi "is-sabiħ fil-kitba u l-kitba fis-sabiħ" u dan jintrabat mal-kunċett tal-għatx għall-ġmiel li minn dejjem esprimew il-poeti l-kbar. Jammetti wkoll li f'dawn il-poeżiji hemm it-tfittxija tal-"intimità dejjem maħlula, u dejjem preżenti mal-Ħallieq." Fil-poeżija tiegħu hemm ukoll sens ta' stagħġib, li l-poeta jixtieq jaqsam mal-qarrejja ladarba vrusu huma parti minn ruħu, u minkejja li twieldu mit-tbatija. Jolqot il-kumment konċiż li jikteb John P. Portelli dwar dan il-ktieb: "Ġabra ġenwina ta' poeta matur. Buttigieg isaħħarna b'lingwaġġ sempliċi u ċar, ħsieb profond, qalb tbaqbaq, u ritmu mexxej li jġiegħlek tkompli taqra u tirrifletti fuq mumenti relazzjonali u eżistenzjali."







***TIFKIRIET MINN FOMM IL-POPLU* ta' Gordon Caruana, 2021.**

Din hija pubblikazzjoni ġdida ta' 464 paġna bbażata fuq intervisti li l-awtur Gordon Caruana għamel ma' Maltin dwar Ħajja, Ħidma, Rikreazzjoni, Gwerra u temi oħra interessanti fuq il-ħajja soċjali tal-Maltin tal-aħħar sebgħin sena. Din il-kitba ġiet imnebbħa mis-semmiegħa tal-programm radjufoniku 'Tifkiriet', li din is-sena jfakkar l-għoxrin sena tiegħu. Imqassma f'sitt kapitli, b'erbgħa u għoxrin rakkont ta' esperjenzi mill-imgħoddi, u bil-parteċipazzjoni ta' madwar tmenin persuna oħra, dawn il-memorji orali jeħduna lura fiż-żmien meta l-ħajja kienet aktar sempliċi u ta' tbatija. Mit-tfulija ta' presidenti emeriti, l-iskola u l-ewwel tqarbina, għall-ħidma tal-bejjiegħa tal-ħalib u tal-pitrolju. Mis-sengħa tat-taħħan u l-ġabbar tal-melħ għall-iskultura fl-għamara. Mill-bżulija tat-tarznari u s-seħer tat-talkies, għall-esperjenzi ta' sid il-ħanut tat-te, tal-messaġġier u x-xogħol ta' suldat fil-gwerra. Din hija nisġa ta' tifkiriet minn fomm il-poplu li mhux biss għandha għan nostalġiku, imma turina minn xiex għaddew ta' qabilna biex ksibna dak li qed ingawdu llum.

***OPUNTIOJ* ta' Carmel Mallia, Pubblikazzjoni Flandra Esperanto-Ligo, 2021**

Dan ir-rumanz hu t-tieni wieħed li Carmel Mallia kiteb oriġinali bl-Esperanto. *Opuntioj* (*Bajtar tax-Xewk*) fih 272 paġna u mhux ibbażat fuq kapitli imma fuq għadd ta' ittri, 34 b'kollox. Il-bajtar tax-xewk jissimbolizza l-ġlieda bla taqta' bejn it-tajjeb u l-ħażin. Niltaqgħu mal-għama ta' Pariġi li qatt ma kellu żmien joqgħod jaqra l-ittri li jibagħthulu minn pajjiżu "Merħbabik" imma li qagħdu jaqrawlu meta kiber u agħma. Fih il-ġlied bejn il-politiċi u n-nies tal-Knisja. Fl-aħħar mill-aħħar jirbaħ it-tajjeb meta l-protagonisti jirnexxilhom jieħdu ħsieb Dar għax-Xjuħ. Ix-xewk tal-bajtar jirrappreżenta l-ġlied bejn il-protagonisti, imma l-qalba ta' ġewwa tirrappreżenta l-ġid li ħareġ meta ftiehmu biex jirraġunaw u jgħinu 'l xulxin. L-ewwel rumanz kien *Ĉielarka Estonto* (*Ġejjieni lewn il-Qawsalla*). Bħala rumanz tradott mill-Malti għall-Esperanto Mallia għandu *Il-Ħolma Maltija* ta' Frans Sammut bl-isem *La Malta Revo.* Mallia bħalissa qed jaħdem fuq it-tielet rumanz oriġinali tiegħu bl-Esperanto: *Rablo-muroj* (*Ħitan tas-Sejjieħ*) li se tieħu ħsiebu wkoll l-Assoċjazzjoni Belġjana, Flandra Esperanto-Ligo.




***ĦASSARTEK ta' Matthew Schembri, Merlin Publishers, 2021***

Dan hu ktieb sperimentali ta' 'poeżiji' li twieldu minn test li nkiteb qabel (*Stessi*, 2018). Jinqara fi ftit minuti imma jinħass li jeħtieġ jinqara iktar minn darba. Hemm taħdita ġewwiena li l-awtur jagħmel miegħu nnifsu, qrara, tiftixa ta' dak li hu assenti-preżenti, jagħmel u ma jagħmilx sens fl-istess ħin, konversazzjoni mar-ruħ. Toħroġ l-idea tal-bniedem bħala "bomba miksija bil-karti rigali" fi żmien diffiċli - il-pandemija jew "virus indemonjat", żmien meta "ruħ kulħadd moħbija f'supermarket" - fejn spikka l-vojt li ħallew miljuni li għebu bla ħadd qatt ma stenna. Is-sopravissuti huma l-ftit kelmiet orfni li baqgħu fuq il-paġni jippruvaw jaslu għal xi tip ta' tifsira wara dan kollu. Dawn il-kelmiet mixħutin apparentement kif ġie ġie fuq il-paġna jridu jiġu ddeċifrati daqslikieku kliem li ġej minn sekli ilu jew univers parallel, dinja aljena jew żmien qabel il-ġenesi tal-bniedem. Bħal meta l-astrofiżiċi jiskopru l-preżenza ta' pjaneta ġdida mhux mid-dawl imma mid-dell li tixħet, mill-vojt li toħloq fuq sfond imdawwal. Permezz ta' dal-ktieb-palimsest il-qarrej hu tentat jaqbad lapes u jibda jimla l-vojt bi kliemu stess, forsi hu wkoll jasal għax xi tip ta' tifsira.




***U TISBAĦ MISSIER...* ta' Sergio Grech, Merlin Publishers, 2021**

F'dan il-ktieb ta' 195 paġna Grech jirrakkonta dwar aspetti marbutin mal-ulied bħalma huma t-tqala, it-twelid u t-trobbija, mill-perspettiva ta' missier. Ħwejjeġ li ilhom iseħħu sa mill-bidu nett Grech jippreżentahom f'għamla ta' rakkont mexxej, sinċier u riflessiv, b'waqtiet meta kapaċi jnissel ukoll tbissima, anzi jifqgħek bid-daħk. Aktar milli kapitli, huma deskrizzjonijiet ta' mumenti, esperjenzi, sitwazzjonijiet partikulari li jtulu ftit paġni biex ma jegħjewx lill-qarrej. Fl-istess ħin naqraw ukoll dwar tfulitu u l-persuni li ħabbewh u ħabb, li niskopru li huma wkoll esperjenzi tagħna. Grech ifakkarna li kull oġġett jew realtà, minkejja li jidhru żgħar u insinifikanti, għandhom in-narrattiva tagħhom. Hu joħroġ il-perturbanti minn dak li jidher familjari u innokwu. Jolqtu l-għerf tat-tfal kontra l-vulnerabbiltà li jafu jitfgħuk fiha bħala adult, u l-verità li jafu jċappsulek ma' wiċċek bla kantunieri. Din hi tip ta' awtobijografija ta' Grech imma mhix kronoloġika: jibda minn meta jsir missier imma wara ħallih jaqbeż mill-preżent għall-passat u viċi versa għal bosta drabi. Hu ktieb prova li anki l-missier hu mimli emozzjonijiet, beżgħat, u, fuq kollox, imħabba.




***INT MIN INT, MARA?*** **ta' Darren Agius u Lorraine Galea, Faraxa Publishing, 2021**

"Il-ktiba ta' dan il-manuskritt kienet esperjenza ġdida u interessanti mhux ftit għalina. Iktar ma bdejna nidħlu fir-riċerka li kellna bżonn sabiex niktbuh, aktar is-suġġett beda dieħel fina." Hekk jistqarru l-awturi - li jaqsmu wkoll il-ħajja privata tagħhom flimkien bħala koppja - fil-bidu ta' dan il-ktieb. Dan hu rumanz ko-awturat ta' 280 paġna. Fih tiġi deskritta b'mod reali ħafna l-ħajja ta' min filli f'saħħtu, attiv u rispettat minn bosta - familjari, ħbieb u kollegi -, u filli jintlaqat mid-dimensja. Naqraw dwar l-ewwel sintomi, u bil-mod il-mod dwar il-proċess ta' deġenerazzjoni li l-pazjent-vittma jgħaddi minnu. Jinbidel il-karattru ta' dak li jkun: isir iktar aggressiv, suspettuż, perikoluż u mhux ta' min tafdah waħdu. Jingħata ħafna spazju lil dak li jkun għaddej f'moħħ dak i jkun – il-beżgħat, id-dwejjaq, l-uġigħ, l-ansjetajiet -, għalkemm huma ħafna wkoll il-partijiet fejn hemm id-diskors dirett. Fl-ewwel parti (kapitli 1-8) taħkem il-perspettiva tan-nannu George, dak li leħnu bil-mod il-mod jirtira fl-isfond sakemm fit-tieni parti (kapitli 9-10) tibda tissaħħaħ leħen mart il-vittma, Carmen, biex minn kapitlu 11 'il quddiem (u dan ikompli fit-tielet taqsima) nifhmu wkoll l-uġigħ u t-tbatija li tgħaddi minnha hi, il-paċenzja u l-imħabba li jeħtieġ turi lejn żewġha George, li nesa saħansitra li hi martu. Nifhmu li hi kundizzjoni li twassal lil min jgħix ma' persuni bid-dimensja biex f'waqtiet jiddispra. Anki hawn joħorġu għad-dawl l-effetti psikoloġiċi u emozzjonali li jgħaddu minnhom dawn il-persuni. Fl-aħħar kapitlu (22), imbagħad, jidħol il-punto di vista tan-neputi Javier. Hu rumanz li jaqta' nifs il-qarrej iktar minn darba. Fuq naħa din hija storja fittizja, imma hija wkoll ibbażata fuq fatti reali. L-awturi jgħidulna hekk: "Dan il-ktieb hu ispirat mill-esperjenzi u mill-imħabba li kellhom għal xulxin Joe u Ġina, in-nanniet ta' Lorraine." Waqt il-qari tar-rumanz ir-ritmu jinħass b'xi mod kajman, xi drabi jista' jegħjik, imma mbagħad wieħed jagħraf li hu marbut mar-realtà li qed jiddeskrivi: il-ħajja ta' persuna bid-dimensja u ta' dawk li jgħixu magħha tinbidel ta' taħt fuq. *Int Min Int, Mara?* bil-mod il-mod jirnexxilu jmiss lill-qarrejja fil-laħam il-ħaj, jheżżiżhom minn ġewwa, u jġegħelhom saħansitra jibku fis-solitudni. Tifhem kemm hu żgħir il-bniedem u minn kemm jgħaddi minn tbatijiet. Il-ħajja tal-bniedem taf tkun vjaġġ mimli tiġrib tassew! Jalternaw mumenti twal ta' qtigħ il-qalb u oħrajn qosra ħafna ta' tama u kuraġġ. Imma dan hu wkoll rumanz li jservi bħala manwal għal min jista' xi darba jesperjenza l-istess tiġrib. Fost it-temi li jiġu ttrattati: il-mard, l-imħabba, il-familja, il-generation gap, u tiġrib il-ħajja inġenerali.









***STORJA U KULTURA ĦAŻ-ŻABBAR 2021*, ĦARĠA NU. 11, Malcolm Schembri editur, 2021**

Hija idea tajba ferm li belt ikollha l-organu kulturali tagħha anki f'għamla stampata. F'din il-11-il ħarġa ta' *Storja u Kultura Ħaż-Żabbar* il-qarrejja għandhom għażla wiesgħa ta' qari. Lili laqtuni l-aktar il-paġni 'Editorjal - Ħidma bil-għaqal', fejn jissemmew fost oħrajn, l-edukatur u Brother Lasalljan Br. Edward Galea, imma anki l-Professur Oliver Friggieri; l-intervista ma' Brother Lasalljan ieħor, Br. David Mizzi; it-'Taħdita fuq ir-Rediffusion nhar l-Ewwel Anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja' li kienet saret mill-poeta Karmenu Ellul Galea (1914-2007); il-paġni dwar 'It-Twelid fil-komunità Maltija u s-sehem tal-Majjistri Żabbarin', flimkien ma' Janice Caruana, awtriċi ta' ktieb dwar l-istess suġġett; l-intervista mal-awtur Kenneth Caruana; l-intervista mar-riċerkatur David Agius Muscat dwar il-Kanonku Fortunato Panzavecchia; ir-reċensjoni dwar il-ktieb *The Story of a Maltese Musician. Antonio Micallef (1867-1940)*; imma fuq kollox il-paġni fejn Alfred Palma, Żabbari per eċċellenza, jitkellem dwar ir-rabta tiegħu mad-*Divina Commedia* ta' Dante Alighieri. Dan u ħafna iktar f'din il-pubblikazzjoni li tgħaqqad flimkien komunità sħiħa f'isem il-kultura.

***INT TA' MIN INT? ĠABRA TA' LAQMIJIET MILL-QRENDI*, Sergio Grech, George Cassar, Kunsill Lokali Qrendi, 2019**

Dan il-ktieb ta' 118 paġna huwa inizjattiva interessanti u fejjieda tassew. Il-kompilazzjoni tal-lista tal-laqmijiet tal-Qrendi saret minn Sergio Grech, filwaqt li George Cassar ħa ħsieb l-istudju analitiku. It-taqsimiet ewlenin huma ħamsa: Lista tal-Laqmijiet Miġbura; Il-Qrendi: Raħal bi Storja Twila; Il-Qrendi u Niesu; Il-Qrendi u Laqmijietu; u Il-Kategoriji u Spjegazzjonijiet Pertinenti. Sergio Grech jipprovdi xi rimarki tal-bidu fi ftuħ il-ktieb, filwaqt li nsibu wkoll messaġġ mis-Sindku tal-Qrendi. Fuq wara huma inklużi anki Appendiċi bl-isem ta' "Gruppi ta' Nies li Jgħixu fil-Qrendi", u anki Indiċi. L-istudji li jiffurmaw il-qalba tal-ktieb huma tat-tip akkademiku ladarba fuq wara hemm il-lista dettaljata ta' referenzi li jistiednu lill-qarrej interessat iwessa' l-għarfien tiegħu dwar is-suġġett. Naqraw dwar perijodi storiċi diversi fil-Qrendi, snin ta' taqlib u taqtigħ il-qalb, popolazzjoni, pestilenzi u mwiet, it-twemmin bħala element importanti, tagħlim, emigrazzjoni, snajja' diversi, għaqdiet soċjali u kulturali, u fratellanzi. Fuq kollox, dan hu ktieb li jitfa' dawl importanti fuq kemm-il tip ta' laqmijiet jeżistu f'dan ir-raħal li hu parti minn territorju ikbar, il-Gżejjer Maltin.